**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT**
**DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 472/2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Lydon Zammit)**
**(Spettur Mario Xiberras)**

**Vs**

**William Kelly Harrison**
**Priviledge Mupimhidzi**
**Ahmed Ali Salah Lawan**
**Deko Susanto**

**Illum 24 ta' Ġunju 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' **William Kelly Harrison**, iben Eckhrer u Tammy neè Hackeh, imwieled fit-28 ta' Mejju 1993 ġewwa l-Amerka, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 46463A, ta' **Priviledge Mupimhidzi**, iben Patrick u Veronica neè Zammit, imwieled fl-14 ta' Ottubru 1986 ġewwa Zimbabwe, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 123804L u ta' **Ahmed Ali Salah Lawan**, iben Ali Salah u Zeneb, imwieled fl-24 ta' Diċembru 1991 ġewwa l-Libja u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 213918A:

1. Talli nhar l-20 ta' Settembru 2020 għall-ħabta ta' bejn 12:00hrs u 13:00hrs minn ġewwa l-Jubilee Grove, li jinsab ġewwa Triq Nazzjonali, Ħamrun u/jew fl-inħawi tal-madwar, ikkommettew serq ta' oġġetti, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u bil-lok u li sar għad-dannu ta' Emanuel Zammit ta' tmienja u sittin (68) sena, li huwa persuna anzjana u/jew persuni oħra, skond l-Artikoli 261(a)(ċ)(e), 262(1)(a)(b), 267, 269(ċ), 275, 276(a), 277(a), 279(1), 280(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi bla ordni skond il-Liġi ta' l-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta

lill-ħati, arrestaw, żammew jew issekwestraw lil Emanuel Zammit kontra l-volontà tiegħu u dan bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra u/jew biex ikun imġiegħel jaċċetta li jagħmel xi trasferiment ta' ħwejjġu skond l-Artikoli 86, 87(1)(ċ)(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Talli nhar l-20 ta' Settembru 2020, għall-ħabta ta' bejn 15:00hrs u 15:15hrs minn ġewwa l-Jubilee Grove, li jinsab ġewwa Triq l-Indipendenza, Pietà u/jew fl-inħawi tal-madwar ikkommettew serq ta' oġġetti, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u bil-lok u li sar għad-dannu ta' Bradley Debono u/jew persuni oħra skond l-Artikoli 261(a)(ċ)(e), 262(1)(a)(b), 267, 269(ċ), 275, 277(a), 279(1), 280(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arrestaw, żammew jew issekwestraw lil Bradley Debono kontra il-volontà tiegħu u dan bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra u/jew biex ikun imġiegħel jaċċetta li jagħmel xi trasferiment ta' hwejjġu skond l-Artikoli 86, 87(1)(ċ)(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi ikkaġunaw ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' Bradley Debono, liema ġrieħi huma ta' natura ħafifa hekk kif iċċertifikat minn Dr. Ivana Grech, detentur ta' Numru tar-Reġistru Mediku 6236 miċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Floriana skond l-Artikolu 221(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. U aktar talli nhar it-8 ta' Settembru 2020, għall-ħabta ta' bejn 04:00hrs u 04:15hrs minn ġewwa x-Xatt Ta' Xbiex, Msida, u/jew fl-inħawi tal-madwar ikkomettew serq ta' oġġetti, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u bil-ħin li sar għad-dannu ta' Ahmed Saaf Belzaraa u/jew persuni oħra skond l-Artikoli 261(a)(ċ)(f), 262(1)(a)(b), 267, 270, 277(a), 280(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

7. U aktar talli nhar l-20 ta' Settembru 2020, għall-ħabta ta' bejn 15:00hrs u 15:15hrs ġewwa l-Jubilee Grove, li jinsab ġewwa Triq l-Indipendenza, Pietà u/jew fl-inħawi tal-madwar, bil-ħsieb li jagħmlu delitt ta' serq ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u bil-lok fuq il-persuna ta' Ayaz Khan, urew dan il-ħsieb b'atti esterni u taw bidu għall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa indipendenti u aċċidentali mill-volontà tagħhom skond l-Artikoli 41(1)(a), 261(a)(ċ)(e), 267, 269(ċ), 275, 277(a), 279(1), 280(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

8. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi bla ordni skond il-Liġi ta' l-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arrestaw, żammew jew issekwestraw lil Ayaz Khan kontra l-volontà tiegħu u dan bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra u/jew biex jkun imġiegħel jaċċetta li jagħmel xi trasferiment ta' ħwejjeġ skond l-Artikoli 86, 87(1)(ċ)(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

9. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi kkaġunaw ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' Ayaz Khan liema ġrieħi huma ta' natura ħafifa hekk kif iċċertifikat minn Dr. Ivana Grech, detentur ta' Numru tar-Reġistru Mediku 6236 miċ-Ċnetru tas-Saħħa tal-Floriana skond l-Artikolu 221(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' **William Kelly Harrison**, iben Eckhrer u Tammy neè Hackeh, imwieled fit-28 ta' Mejju 1993 ġewwa l-Amerka, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 46463A, **Priviledge Mupimhidzi**, iben Patrick u Veronica neè Zammit, imwieled fl-14 ta' Ottubru 1986 ġewwa Zimbabwe, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 123804L, u **Deko Susanto**, iben Casmin u Duran, imwieled fit-22 ta' Ġunju 1990 ġewwa l-Indonesia, detentur tal-Passaport bin-Numru 1867906:

1. Talli nhar id-19 ta' Settembru 2020, għall-ħabta ta' bejn 16:00hrs u 18:00hrs minn ġewwa Jubilee Grove ġewwa Triq Nazzjonali, Ħamrun jew fl-inħawi tal-madwar, ikkomettew serq ta' oġġetti, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u bil-lok u li sar għad-dannu ta' Dritan Zuberi u/jew persuni oħra skond l-Artikoli 261(a)(ċ)(e), 262(1)(a)(b), 267, 269(ċ), 275, 277(a), 279(1), 280(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi bla ordni skond il-Liġi ta' l-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arrestaw, żammew jew issekwestraw lil Dritan Zuberi kontra l-volontà tiegħu u dan bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra u/jew biex ikun imġiegħel jaċċetta li jagħmel xi trasferiment ta' ħwejjġu skond l-Artikoli 86, 87(1)(ċ)(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' **Priviledge Mupimhidzi waħdu**:

1. U aktar talli nhar l-20 ta' Settembru 2020, għall-ħabta ta' bejn 12:00hrs u 13:00hrs minn ġewwa l-Jubilee Grove, ġewwa Triq Nazzjonali, Ħamrun u/jew fl-inħawi tal-madwar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' Emanuel Zammit ta' tmienja u sittin (68) sena, li huwa persuna anzjana, liema ġrieħi huma ta' natura gravi hekk kif iċċertifikat minn Dr. Rachel Gatt Meli, detentur ta' Numru tar-Reġistru Mediku 6229 skond l-Artikoli 214, 216, 218, 222A(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fid-19 ta' Settembru 2020, għall-ħabta ta' 16:00hrs u 17:00hrs minn ġewwa l-Jubilee Grove, ġewwa Triq Nazzjonali, Ħamrun u/jew fl-inħawi ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' Dritan Zuberi liema ġrieħi huma ta' natura gravi hekk kif iċċertifikat minn Dr. M. Grech, detentur tan-Numru ta' Reġistru Mediku 6237, skond l-Artikoli 214, 216, 218, 222A(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' **William Kelly Harrison u Priviledge Mupimhidzi waħedhom**:

1. U aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi rrendew ruħhom reċidivi ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Lġijiet ta' Malta, permezz ta'

sentenzi mogħtija fil-konfront tagħhom mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jinbidlu;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija l-Qorti tikkundanna lill-imputati għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif kontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-imputati kollha wieġbu li ma humiex ħatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' kull wieħed minnhom[1];

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni markati Dok. "LZ" sa' Dok. "LZ7" a fol. 17 sa' 33 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Mario Xiberras[2] u ta' Bradley Debono[3] mogħtija waqt is-seduta tat-28 ta' Settembru 2020 u rat id-dokumenti esebiti mill-Ispettur Mario Xiberras markati Dok. "MX1" sa' Dok. "MX12c" a fol. 45 sa' 89 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' PS1255 Christian Azzopardi[4] u ta' Emanuel Zammit[5] mogħtija waqt is-seduta tad-9 ta' Ottubru 2020 u rat id-dokumenti esebiti minn PS1255 Christian Azzopardi markati Dok. "CA1" sa' Dok. "CA5" a fol. 111 u 112 tal-proċess[6], semgħet ix-xhieda ta' Dritan Zuberi[7], Ahmed Saad Belzaraa[8], PC662 Christian Grech[9], Ayaz Khan[10] u PS90 Jeffrey Gerada[11] mogħtija waqt is-seduta ta' l-14 ta' Ottubru 2020 u rat id-dokumenti, ossia ċertifikat mediku u r-riċetta tat-Tabib, esebiti minn Dritan Zuberi markati Dok. "DZ1" u Dok. "DZ2" a fol. 124 u 125 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' PS991 Alexander Gauci[12], WPS256 Leanne Sant[13], WPC118 Clarissa Scerri[14], PC486 Ryan Camilleri[15] u PC1352 Ishmael Buhagiar[16] mogħtija waqt is-seduta tas-26 ta' Novembru 2020 u rat id-dokument esebit minn PS991 Alexander Gauci markat Dok. "AG" a fol. 162 sa' 166 tal-proċess, id-dokument esebit minn WPS256 Leanne Sant markat Dok. "LS" a fol. 169 sa' 175 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Espert Mediku Dr. Mario Scerri[17], l-Espert tad-DNA Dr. Marisa Cassar[18], PC1342 Ryan Buttigieg[19], Dr. Rachel Gatt Meli[20], PC1087 Roderick Degiorgio[21], PC2 Glenn Ellul[22] u PC1288 Christian Attard[23] mogħtija waqt is-seduta tal-15 ta' Diċembru 2020 u rat ir-Relazzjonijiet ta' l-Espert Mediku Dr. Mario Scerri markati Dok. "MS1" u Dok. "MS2" a fol. 206 sa' 224 tal-proċess, ir-Relazzjoni ta' l-

[1] Eżami ta' kull wieħed mill-imputati datat 15 ta' Diċembru 2020 a fol. 200 sa' 203 tal-proċess.
[2] Fol. 38 sa' 44 tal-proċess.
[3] Fol. 90 sa' 98 tal-proċess.
[4] Fol. 103 sa' 110 tal-proċess.
[5] Fol. 113 sa' 117 tal-proċess.
[6] L-esebiti Dok. "CA1" sa' Dok. "CA3" u l-esebit Dok. "CA5" għandhom Esebit Nru. KA153/2021, fol. 413 u 414 tal-proċess.
[7] Fol. 121 sa' 123 tal-proċess.
[8] Fol. 126 sa' 130 tal-proċess.
[9] Fol. 131 sa' 133 tal-proċess.
[10] Fol. 134 sa' 136 tal-proċess.
[11] Fol. 137 sa' 139 tal-proċess.
[12] Fol. 160 u 161 tal-proċess.
[13] Fol. 167 u 168 tal-proċess.
[14] Fol. 176 u 177 tal-proċess.
[15] Fol. 178 sa' 182 tal-proċess.
[16] Fol. 183 sa' 186 tal-proċess.
[17] Fol. 204 u 205 tal-proċess.
[18] Fol. 225 tal-proċess.
[19] Fol. 230 tal-proċess.
[20] Fol. 239 u 240 tal-proċess.
[21] Fol. 241 sa' 244 tal-proċess.
[22] Fol. 255 u 256 tal-proċess.
[23] Fol. 257 sa' 258 tal-proċess.

Espert tad-DNA Dr. Marisa Cassar markata Dok. "MC" a fol. 226 sa' 229 tal-proċess, rat ir-ritratti esebiti minn PC1342 Ryan Buttigieg markati Dok. "EBRB01" sa' Dok. "EBRB04" u lkoll flimkien markati Dok. "BB" mill-Qorti a fol. 231 tal-proċess, id-dokumenti esebiti minn PC1087 Roderick Degiorgio markati Dok. "RD1" sa' Dok. "RD4" a fol. 245 sa' 254 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Lydon Zammit u ta' l-Ispettur Mario Xiberras mogħtija waqt is-seduta tal-15 ta' Diċembru 2020[24], semgħet ix-xhieda ta' Dr. Martha Travers-Tauss mogħtija waqt is-seduti tad-19 ta' Jannar 2021[25], tat-2 ta' Frar 2021[26] u tat-28 ta' Frar 2022[27] u rat it-traskrizzjonijiet ta' l-istqarrijiet ta' l-imputati esebiti minnha markati Dok. "MTS1" sa' Dok. "MTS5" a fol. 270 sa' 322 tal-proċess, Dok. "DST", Dok. "AASL1" u Dok. "AASL2" a fol. 329 sa' 378 tal-proċess u a fol. 790 sa' 801 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Dr. Ivana Grech mogħtija waqt is-seduta tad-19 ta' Jannar 2021[28] u x-xhieda ta' Dr. Marc Grech mogħtija waqt is-seduta tat-2 ta' Frar 2021[29], semgħet ix-xhieda ta' l-ex PS1268 Ivan Caruana[30], Wayne Portanier[31] u PC1191 Jonathan Galea[32] mogħtija waqt is-seduta tat-8 ta' Marzu 2021 u rat id-dokument esebit mill-ex PS1268 markat Dok. "VC" a fol. 387 sa' 389 ta-proċess u d-dokument esebit minn Wayne Portanier markat Dok. "MTX" a fol. 393 sa' 394 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' PC643 Jesmond Delicata mogħtija waqt is-seduta tal-15 ta' Marzu 2021[33] u semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Lydon Zammit mogħtija waqt is-seduti tal-15 ta' Diċembru 2020[34] u tal-15 ta' Marzu 2021[35] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "GBX1" sa' Dok. "GBX5" a fol. 234 sa' 238 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' PC1439 Carl Pace mogħtija waqt is-seduta tad-19 ta' April 2021[36] u x-xhieda ta' l-Espert Tekniku Dr. Steven Farrugia Sacco mogħtija waqt is-seduta ta' l-10 ta' Mejju 2021[37] u rat ir-Relazzjoni tiegħu markata Dok. "SFS" a fol. 418 sa' 468 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Joyce Agius in rappreżentanza tar-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali mogħtija waqt is-seduta ta' l-14 ta' Ġunju 2021[38] u rat id-dokumenti esebiti minnha markati Dok. "JA1" sa' Dok. "JA7" a fol. 476 sa' 509 tal-proċess,

Rat in-Nota ta' Rinviju ta' l-Avukat Ġenerali datata 9 ta' Ġunju 2021[39], permezz ta' liema l-Avukat Ġenerali bagħat:

A. Lill-imputati **William Kelly Harrison**, **Priviledge Mupimhidzi** u **Ahmed Ali Salah Lawan** waħdehom sabiex jiġu ġudikati mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għall-ħtija taħt dak maħsub:

- Fl-Artikoli 261(a)(ċ)(e), 262(1)(a)(b), 267, 269(ċ), 275, 276A, 277(a), 279(a) u 280(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta (L-ewwel imputazzjoni);

[24] Fol. 259 sa' 263 tal-proċess.
[25] Fol. 268 u 269 tal-proċess.
[26] Fol. 327 u 328 tal-proċess.
[27] Fol. 789B tal-proċess.
[28] Fol. 323 u 324 tal-proċess.
[29] Fol. 379 u 380 tal-proċess.
[30] Fol. 385 u 386 tal-proċess.
[31] Fol. 390 u 391 tal-proċess.
[32] Fol. 395 u 396 tal-proċess.
[33] Fol. 399 u 400 tal-proċess.
[34] Fol. 232 u 233 tal-proċess.
[35] Fol. 401 sa' 407 tal-proċess.
[36] Fol. 412 tal-proċess.
[37] Fol. 417 tal-proċess.
[38] Fol. 474 u 475 tal-proċess.
[39] Fol. 470 u 471 tal-proċess.

- Fl-Artikoli 261(a)(ċ)(e), 262(1)(a)(b), 267, 269(ċ), 274(ċ), 275, 277(a), 279(a) u 280(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta’ Malta (it-tielet imputazzjoni);
- Fl-Artikoli 261(a)(ċ)(f), 262(1)(a)(b), 267, 270, 279(a) u 280(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta’ Malta (is-sitt imputazzjoni);
- Fl-Artikoli 41(1)(a), 261(a)(ċ)(e), 262(1)(a)(b), 267, 269(ċ), 274(ċ), 275, 277(a), 279(a) u 280(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta’ Malta (is-seba’ imputazzjoni);
- Kif ukoll f-Artikoli 17, 31, 412Ċ u 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

B. Lill-imputati **William Kelly Harrison**, **Priviledge Mupimhidzi** u **Deko Susanto** waħdehom sabiex jiġu ġudikati mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali għall-ħtija taħt dak maħsub:

- Fl-Artikoli 17, 31, 261(a)(ċ)(e), 262(1)(a)(b), 267, 269(ċ), 275, 277(a), 279(a), 280(2), 412Ċ u 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

C. Lill-imputat **Priviledge Mupimhidzi** waħdu sabiex jiġi ġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali għall-ħtija taħt dak maħsub:

- Fl-Artikoli 214, 216 u 222A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta’ Malta;
- Fl-Artikoli 214 u 216 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

D. Lill-imputati **William Kelly Harrison** u **Priviledge Mupimhidzi** waħdehom sabiex jiġu ġudikati mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali għall-ħtija taħt dak maħsub:

- Fl-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat li fis-seduta ta’ l-14 ta’ Ġunju 2021[40], il-Prosekuzzjoni għalqet il-provi tagħha;

Rat li l-imputati kollha ddikjaraw li ma għandhomx oġġezzjoni li l-każ tagħhom jiġi trattat bi proċedura sommarja, inqraw l-Artikoli;

Rat li waqt is-seduta tas-27 ta’ Lulju 2021[41] l-imputat William Kelly Harrison iddikjara li jagħżel li ma jixhidx f’dawn il-proċeduri u li ma għandux provi x’jressaq. Rat li waqt is-seduta tat-2 ta’ Settembru 2021[42] l-imputati Priviledge Mupimhidzi u Ahmed Ali Salah Lawan iddikjaraw li jagħżlu li ma jixhdux f’dawn il-proċeduri u li ma għandhomx provi x’jressqu u rat li waqt is-seduta tat-30 ta’ Settembru 2021[43], l-imputat Deko Susanto ddikjara li ma għandux provi x’jressaq;

Rat li b’Digriet datat 30 ta’ Settembru 2021[44], ġie ordnat li jitħejja Social Inquiry Report fir-rigward ta’ kull wieħed mill-imputati;

---

[40] Fol. 472 tal-proċess.
[41] Fol. 516 tal-proċess.
[42] Fol. 523 tal-proċess.
[43] Fol. 525 tal-proċess.
[44] Fol. 525 u 526 tal-proċess.

Semgħet ix-xhieda tal-Probation Officer Svetlana Bezzina mogħtija waqt is-seduta tal-25 ta' Novembru 2021[45] u rat is-Social Inquiry Report minnha mħejji fir-rigward ta' l-imputat William Kelly Harrison markat Dok. "SB" a fol. 543 sa' 577 tal-proċess, ix-xhieda tal-Probation Officer Maria Mifsud mogħtija waqt is-seduta tal-25 ta' Novembru 2021[46] u rat is-Social Inquiry Report minnha mħejji fir-rigward ta' l-imputat Ahmed Ali Salah Lawan markat Dok. "MM" a fol. 583 sa' 622 tal-proċess, ix-xhieda tal-Probation Officer Dorian Cornelius mogħtija waqt is-seduta tal-25 ta' Novembru 2021[47] u rat is-Social Inquiry Report minnu mħejji fir-rigward ta' l-imputat Deko Susanto markat Dok. "DC" a fol. 627 sa' 642 tal-proċess u semgħet ix-xhieda tal-Probation Officer Ivan Sultana mogħtija waqt is-seduta tal-25 ta' Novembru 2021[48] u rat is-Social Inquiry Report minnu mħejji fir-rigward ta' l-imputat Priviledge Mupimhidzi markat Dok. "IS" a fol. 646 sa' 687 tal-proċess;

Rat id-dokumenti markati Dok. "A" u Dok. "B" esebiti mill-imputat William Kelly Harrison permezz ta' Nota ppreżentata fis-7 ta' Diċembru 2021 a fol. 688 sa' 774 tal-proċess u semgħet ix-xhieda tal-Psikologa Claire Camilleri mogħtija waqt is-seduta tas-6 ta' Jannar 2022[49];

Semgħet it-trattazzjoni orali da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-Difensuri ta' l-imputati kollha;

Rat l-atti tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputati **William Kelly Harrison**, **Priviledge Mupimhidzi** u **Ahmed Ali Salah Lawan** ġew akkużati: (1) talli nhar l-20 ta' Settembru 2020 għall-ħabta ta' bejn 12:00hrs u 13:00hrs minn ġewwa l-Jubilee Grove, li jinsab ġewwa Triq Nazzjonali, Ħamrun u/jew fl-inħawi tal-madwar, ikkommettew serq ta' oġġetti, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-valur li ma jeċċedix €2,329.37 u bil-lok u li sar għad-dannu ta' Emanuel Zammit ta' tmienja u sittin (68) sena, li huwa persuna anzjana u/jew persuni oħra; (2) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi bla ordni skond il-Liġi ta 'l-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arrestaw, żammew jew issekwestraw lil Emanuel Zammit kontra l-volontà tiegħu u dan bil-ħsieb ta 'estorsjoni ta 'flus jew ħwejjeġ oħra u/jew biex ikun imġiegħel jaċċetta li jagħmel xi trasferiment taħ 'wejjġu; (3) talli nhar l-20 ta 'Settembru 2020, għall-ħabta ta 'bejn 15:00hrs u 15:15hrs minn ġewwa l-Jubilee Grove, li jinsab ġewwa Triq l-Indipendenza Pietà u/jew fl-inħawi tal-madwar ikkommettew serq ta 'oġġetti, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-valur li ma jeċċedix €2,329.37 u bil-lok u li sar għad-dannu ta 'Bradley Debono u/jew persuni oħra; (4) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi bla ordni skond il-liġi ta 'l-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arrestaw, żammew jew issekwestraw lil Bradley Debono kontra l-volontà tiegħu u dan bil-ħsieb ta 'estorsjoni ta 'flus jew ħwejjeġ oħra u/jew

[45] Fol. 537 sa' 542 tal-proċess.
[46] Fol. 578 sa' 582 tal-proċess.
[47] Fol. 623 sa' 626 tal-proċess.
[48] Fol. 643 sa' 645 tal-proċess.
[49] Fol. 781 sa' 785 tal-proċess.

biex ikun imġiegħel jaċċetta li jagħmel xi trasferiment ta 'ħwejjġu; (5) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi ikkaġunaw ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta 'Bradley Debono, liema ġrieħi huma ta 'natura ħafifa hekk kif iċċertifikat minn Dr. Ivana Grech, detentur ta 'Numru tar-Reġistru Mediku 6236 miċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Floriana; (6) u aktar talli nhar it-8 ta 'Settembru 2020, għall-ħabta ta 'bejn 0:40ohrs u 04:15hrs minn ġewwa x-Xatt Ta 'Xbiex, Msida, u/jew fl-inħawi tal-madwar ikkomettew serq ta 'oġġetti, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-valur li ma jeċċedix €2,329.37 u bil-ħin li sar għad-dannu ta 'Ahmed Saaf Belzaraa u/jew persuni oħra; (7) u aktar talli nhar l-20 ta 'Settembru 2020, għall-ħabta ta 'bejn 15:00hrs u 15:15hrs ġewwa l-Jubilee Grove, li jinsab ġewwa Triq l-Indipendenza, Pietà u/jew fl-inħawi tal-madwar, bil-ħsieb li jagħmlu delitt ta 'serq ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-valur li ma jeċċedix €2,329.37 u bil-lok fuq il-persuna ta 'Ayaz Khan, urew dan il-ħsieb b'atti esterni u taw bidu għall-esekuzzjoni ta 'dan id-delitt liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa indipendenti u aċċidentali mill-volontà tagħhom; (8) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi bla ordni skond il-Liġi ta 'l-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arrestaw, żammew jew issekwestraw lil Ayaz Khan kontra l-volontà tiegħu u dan bil-ħsieb ta 'estorsjoni ta 'flus jew ħwejjeġ oħra u/jew biex jkun imġiegħel jaċċetta li jagħmel xi trasferiment ta' ħwejjġu; (9) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi kkaġunaw ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta 'Ayaz Khan liema ġrieħi huma ta 'natura ħafifa hekk kif iċċertifikat minn Dr. Ivana Grech, detentur ta 'Numru tar-Reġistru Mdiku 6236 miċ-Ċnetru tas-Saħħa tal-Floriana.

Permezz ta' Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 9 ta' Ġunju 2021[50], l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imsemmija tlett imputati waħdehom sabiex jiġu ġudikati minn din il-Qorti għall-ħtija taħt dak maħsub:

- Fl-Artikoli 261(a)(ċ)(e), 262(1)(a)(b), 267, 269(ċ), 275, 276A, 277(a), 279(a) u 280(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta (L-ewwel imputazzjoni);
- Fl-Artikoli 261(a)(ċ)(e), 262(1)(a)(b), 267, 269(ċ), 274(ċ), 275, 277(a), 279(a) u 280(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta (it-tielet imputazzjoni);
- Fl-Artikoli 261(a)(ċ)(f), 262(1)(a)(b), 267, 270, 279(a) u 280(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta (is-sitt imputazzjoni);
- Fl-Artikoli 41(1)(a), 261(a)(ċ)(e), 262(1)(a)(b), 267, 269(ċ), 274(ċ), 275, 277(a), 279(a) u 280(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta (is-seba' imputazzjoni);
- Kif ukoll f-Artikoli 17, 31, 412Ċ u 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Minn eżami ta' din in-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju jirriżulta immedjatament evidenti li wħud mill-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputati William Kelly Harrison, Priviledge Mupimhidzi u Ahmed Ali Salah Lawan ma ġewx riflessi fl-imsemmija Nota u għaldaqstant din il-Qorti ma għandhiex triq oħra għajr li ma tieħux konjizzjoni ulterjuri tagħhom. L-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' dawn it-tlett imputati partikolari kif akkużati flimkien li l-Qorti għandha tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħhom huma t-tieni, ir-raba', il-ħames, it-tmien u id-disa' imputazzjoni dedotti kontrihom.

[50] Fol. 470 u 471 tal-proċess.

Trattat dan il-punt il-Qorti ser tgħaddi biex tindirizza u tittratta r-rimanenti imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputati William Kelly Harrison, Priviledge Mupimhidzi u Ahmed Ali Salah Lawan kif riflessi fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali.

L**-ewwel imputazzjoni** dedotta fil-konfront ta' l-imsemmija tlett imputati hija talli nhar l-20 ta' Settembru 2020 għall-ħabta ta' bejn 12:00hrs u 13:00hrs minn ġewwa il-Jubilee Grove, li jinsab ġewwa Triq Nazzjonali, Ħamrun u/jew fl-inħawi tal-madwar, ikkommettew serq ta' oġġetti, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-valur li ma jeċċedix €2,329.37 u bil-lok u li sar għad-dannu ta' Emanuel Zammit ta' 68 sena, li huwa persuna anzjana u/jew persuni oħra. Din l-imputazzjoni hija riflessa fl-ewwel subinċiż tan-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju relattiv għall-imsemmija tlett imputati fejn appuntu l-artikoli tal-Liġi indikati mill-Avukat Ġenerali huma l-Artikoli 261(a)(ċ)(e), 262(1)(a)(b), 267, 269(ċ), 275, 276A, 277(a), 279(a) u 280(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-imputati William Kelly Harrison, Priviledge Mupimhidzi u Ahmed Ali Salah Lawan iddikjaraw li ma humiex ħatja ta' din l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħhom.

Qabel ma l-Qorti tidħol fil-provi relattivi għal din l-imputazzjoni partikolari dedotta fil-konfront ta' l-imputati William Kelly Harrison, Priviledge Mupimhidzi u Ahmed Ali Salah Lawan, ser tittratta punt sollevat mid-Difensur ta' l-imputat William Kelly Harrison waqt it-trattazzjoni orali u cioè li l-Qorti ma tistax ssib ħtija a bażi ta' l-Artikolu 276A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta għaliex ma ġiex ċitat fiċ-*charge sheet* oriġinali u b'hekk ma saritx kumpilazzjoni fir-rigward.

L-Artikolu 276A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li *l-pieni msemmijin fl-artikoli 273, 274, 275 u 276 għandhom jiżdiedu bi grad jew żewġ gradi meta l-"vjolenza" hemm imsemmija tkun diretta kontra persuna taħt l-età ta' tnax-il sena jew li tkun għalqet l-età ta' sittin sena jew kontra persuna li tkun tbati minn marda tal-ġisem jew tal-moħħ fi grad li minħabba fiha ma tkunx tista' tagħmel reżistenza xierqa.*

Il-Qorti assolutament ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni tad-Difesnur ta' l-imputat William Kelly Harrison u dana fid-dawl tal-fatt li l-ewwel imputazzjoni dedotta kontra l-imsemmi imputat u l-imputati Priviledge Mupimhidzi u Ahmed Ali Salah Lawan kif dedotta fiċ-*charge sheet* kjarament tgħid li r-reat ta' serq ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-valur li ma jeċċedix €2,329.37 u bil-lok li qed jiġu akkużati bih sar a dannu ta' Emanuel Zammit, **persuna ta' 68 sena**.

Għalkemm huwa minnu li fl-ewwel imputazzjoni l-Prosekuzzjoni żiedet tgħid li dan sar *skond l-Artikoli 261(a)(ċ)(e), 262(1)(a)(b), 267, 269(ċ), 275, 276(a), 277(a), 279(1), 280(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta*, huwa daqstant minnu li hu prinċipju assodat li *l-indikazzjoni ta' l-artikoli mill-Pulizija Eżekuttiva ma tistax tiġi ikkunsidrata parti integrali ta' l-imputazzjoni u tali indikazzjoni tista' titqies biss bħala indikattiva ta' l-artikoli tal-liġi li l-Pulizija Eżekuttiva jidhrilha li jkunu inkisru. Li hu essenzjali hu li l-imputazzjoni tkun redatta b'tali mod illi l-imputat*

*ikun jaf biex qiegħed jiġi akkużat*[51]. Fil-każ in eżami l-Qorti tqis li l-imputazzjoni kif dedotta fil-konfront ta' l-imputati William Kelly Harrison, Priviledge Mupimhidzi u Ahmed Ali Salah Lawan kjarament turi li huma qed jiġu akkużati bir-reat ta' serq ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-valur li ma jeċċedix €2,329.37 u bil-lok a dannu ta' persuna li għalqet is-sittin sena u senjatament a dannu ta' Emanuel Zammit, persuna li fiż-żmien tat-twettiq tar-reat skond il-Prosekuzzjoni kellu 68 sena.

Konsegwentement għalhekk il-Qorti għandha tikkonsidra jekk l-imputati msemmija jistgħux, skond il-provi prodotti, jinstabu ħatja anke ai termini ta' l-Artikolu 276A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Trattat dan il-punt il-Qorti ser tgħaddi biex teżamina l-provi in atti fir-rigward ta' din l-imputazzjoni partikolari dedotta fil-konfront ta' l-imputati William Kelly Harrison, Priviledge Mupimhidzi u Ahmed Ali Salah Lawan.

**Emanuel Zammit**[52], l-allegat vittma, xehed illi nhar l-20 ta' Settembru 2020 kien miexi mill-Bombi, fejn is-siġar, lejn il-Gżira u f'ħin minnhom avviċinawh tlieta minnies u *wara ġie wieħed minnhom u qalli "agħtini sigarettt", split of a second, tawni daqqa ta' ponn, niżżluni ma' l-art, kelli mobile antik għax jiena nuża dak u l-ieħor inżommu, fetaħli idejja, l-ieħor ħalqi, kelli pocket bil-flus, kelli erbħgin Ewro ħaduhomli. … Kelli pocket kelli tletin Ewro imbagħad kelli portmoni kelli qisu xi ħmistax-il Ewro. … Plus kelli l-ID Card, tal-Linja Card u Cashlink u ċwievet. … Kollox ħadu.* Mistoqsi kemm kienu jiswew iż-żewġ mobiles, Emanuel Zammit wieġeb *l-ewwel wieħed forsi xtrajtu forty Ewro u l-ieħor forsi xi hundred fifty kien għax it-tifla kienet xtratuli. L-ieħor kien mill-antiki għax jiena ma nafx nużahom dawn.* Mistoqsi fiex kienu jinsabu l-oġġetti li qal li nsterqulu, Emanuel Zammit wieġeb li dawn kienu ġo basket li kien fih ukoll tnalja, tissues u container bil-ħobż fih. Emanuel Zammit spjega wkoll li wara li ġie aggredit huwa ttieħdet l-Ispater Mater Dei permezz ta' ambulanza u dam l-Isptar mill-Ħadd sat-Tlieta filgħaxija. Spjega wkoll li kellu l-għadam ta' taħt għajnejh miksur, kellhom isirulu xi punti u kellu ħafna tbenġil. Ikkonferma li l-ġrieħi li kellu kienu kif jidhru fir-ritratt markat Dok. "MX3c" a fol. 68 tal-proċess. Minkejja li Emanuel Zammit spjega fid-dettal xi ġralu dakinhar ta' l-20 ta' Settembru 2020, huwa ma kienx f'posizzjoni jagħraf min aggredih u serqu għaliex *meta tani daqqa ta' ponn waqajt ma' l-art plus id-daqqiet li tawni.*

**PS1255 Christian Azzopardi**[53] xehed fost affarijiet oħra li fil-kors ta' l-investigazzjonijiet tal-Pulizija wara li ġew arrestati l-imputati William Kelly Harrison, Priviledge Mupimhidzi u Ahmed Ali Salah Lawan fl-20 ta' Settembru 2020, kien daħal rapport ieħor ġewwa l-Għassa ta' l-Msida u relattivament għal dak ir-rapport huwa esebixxa basket markat bħala Dok. "CA5"[54]. Dan ir-rapport jirrigwarda appuntu l-aggressjoni u serq fuq Emanuel Zammit, hekk kif jirriżulta mir-Rapport tal-Pulizija markat Dok. "LS" a fol. 169 sa' 175 tal-proċess esebit minn WPS256 Leanne Sant.

---

[51] Il-Pulizija v. Omissis u Jonathan Farrugia, Appell 480/2010, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-4 ta' Mejju 2011.
[52] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tad-9 ta' Ottubru 2020, fol. 113 sa' 117 tal-proċess.
[53] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tad-9 ta' Ottubru 2020, fol. 103 sa' 110 tal-proċess.
[54] Dan il-baskett jinsab ma' l-Esebiti u għandu Esebit Nru. KA153/2021.

**WPS256 Leanne Sant**[55] xehdet illi *nhar l-20 ta' Settembru tas-sena 2020, ġejt infurmata mill-kollega tiegħi WPC118, li kienet għadha kemm marret persuna femminili fl-Għassa ta' l-Imsida biex tagħmel rapport li missierha kien għadu kemm ġie aggredit u misruq minn 2 persuni ta' karnaġġjon skur. Jiena, dak il-ħin, mort l-isptar fejn sibt lill-vittma, ċertu Emanuel Zammit, qed jiġi trattat għall-ġrieħi li ġarrab. Jiena mort fil-ward fejn kien eżattament f'observation, Ward 1B fl-Isptar Mater Dei, fejn meta kellimtu tani l-verżjoni tiegħu li qiegħda mniżżla kelma b'kelma fir-rapport li ħejjet jiena wkoll kif ukoll aktar tard ġejt infurmata li Emanuel sofra ġrieħi ta' natura gravi. … il-vittma Emanuel Zammit għandu l-ID Card numru 3852(M).* Dak affermat minn WPS256 Leanne Sant dwar ir-rapport in kwistjoni u l-istess rapport ġie kollu kkonfermat minn **WPC118 Clarissa Scerri** fix-xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-26 ta' Novembru 2020[56].

Il-baskett esebit minn PS1255 Christian Azzopardi u markat bħala Dok. "CA5" intgħaraf minn PC1352 Ismael Buhagiar, wieħed mill-uffiċjali tal-Pulizija involuti fl-arrest ta' l-imputat William Kelly Harrison. Fir-rigward tal-baskett **PC1352 Ismael Buhagiar**[57] xehed illi *dak hu l-baskett li sibna fit-taraġ* - ossia t-taraġ li jagħti għal Triq Dun Gorg Preca, fejn appuntu twaqqaf l-imputat William Kelly Harrison - *Tajnieh il-caution lil William Harrison u tlaqna bil-mixi għal fejn kienu it-tnejn l-oħra l-arrestati biex immorru fejn il-kollegi tagħna. Il-baskett ġbarnieh, imxejna il-ħin kollu miegħu bil-baskett taħt għajnejh u mexjin għal fuq il-post fejn qabdu t-tnejn l-oħra.*

Għalkemm Emanuel Zammit ma għarafx min kienu l-persuni li agredewh u serquh, l-imputati William Kelly Harrison u Priviledge Mupimhidzi entrambe kkonfermaw l-involviment tagħhom f'dan l-inċident fl-istqarrijiet minnhom rilaxxati lill-Pulizija.

Fl-istqarrija rilaxxata fil-21 ta' Settembru 2020[58], l-imputat **William Kelly Harrison** iddikjara li *konna mexjin u konna naqra ddisprati għall-flus, Steve kellem lil dan l-anzjan. … fil-bidu tal-Bombi, x'ħin tidħol taqbeż dik il-qisha mina iż-żgħira. … hu kien fil-ġnien fejn qala' d-daqqa jiġifieri, konna mexjin.* Għalkemm l-imputat Harrison ma setax jgħid x'ħin kien eżatt, ikkonferma li kien wara nofsinhar, għall-ħabta ta' nofsinhar, is-siegħa. Huwa ddikjara ulterjorment illi kienu *mixjin u rajna lil dan ir-raġel u Steve* (ossia l-imputat Priviledge Mupimhidzi) *mar fuqu. … konna già mifthemin jien u hu li konna hemmhekk għall-flus. … Morna fuq dan ir-raġel, Steve talbu sigarett jew ma nafx x'eżatti x'talbu, qabad iparla fil-vojt ix-xih, qallu le le le għamillu waħda hekk* (it-traskrittriċi Dr. Martha Travers Taus osservat li *WH ixengel rasu meta jgħid għamel waħda hekk*) *f'daqqa waħda joħroġ rest pup u jintefa' ma' l-art, issa jien qbadt il-baskett tiegħu.* L-imputat William Kelly Harrison iddikjara li d-daqqa kienet f'wiċċ il-vittma u li *mal-ewwel imbeżaq id-demm, mal-ewwel għax rajtha il-fetħa, rajtha l-fetħa, x'ħin taħielu imbeżaq id-demm, mal-ewwel niżel ma' l-art, mal-ewwel niżel.* William Kelly Harrison ikkonferma wkoll li kienu fil-ġnien ta' ħdejn il-Bombi u tenna li *lagħblu rest* - l-imputat Priviledge Mupimhidzi*, ħadu hawnhekk, fetaħlu wiċċu u waqa' ma' l-art hu. Jien ġbidt il-baskett u ħrabt l-isfel. Għamiltlu waħda hekk ġol-bwiet jien imma*

[55] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-26 ta' Novembru 2020, fol. 167 u 168 tal-proċess.
[56] Fol. 176 u 177 tal-proċess.
[57] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-26 ta' Novembru 2020, fol. 183 sa' 186 tal-proċess.
[58] Traskrizzjoni a fol. 270 sa' 285 tal-proċess.

*ma tajtux daqqiet jew xi ħaġa, jien iċċekkjajtlu ġol-bwiet malajr, hekk ħafif, qbadt il-baskett u ħrabt. … imxejt u fejn sibtuħ ħallejtu dak il-baskett jien. Fejn sibtuħ ħallejtu jien. U ma nafx minn hemmhekk ma nafx x'ġara, jien ħrabt bil-baskett u ma nafx li tah xi daqqa ta' sieq jew hekk. Kif qed tgħiduli intom li qala' daqqa ta' sieq, ma nafx. Naf li qala' rest, u meta qala' rest fetaħlu wiċċu u waqa' ma' l-art. … Waqa' għal ġenbu u hekk waqa' għall-ġenbu hekk, issa ma nafx jekk ħax wiċċu x'ħin waqa' sorry. … Ma nafx ħax wiċċu ma' l-art dak il-ħin issa. … Għamiltlu waħda hekk fil-bwiet, iċċekkjajtlu fil-bwiet, ħadt il-baskett u ħrabt niġri jien.* Mistoqsi fejn kienu l-mobiles li kellu fuqu il-vittma, l-imputat William Kelly Harrison wieġeb li kienu f'idejh u ddikjara li dawn sussegwentement inbiegħu. Fir-rigward tad-daqqiet li qala' l-vittma u dwar x'għamel l-imputat Priviledge Mupimhidzi, l-imputat William Kelly Harrison iddikjara li *jien kull ma rajt dak id-daqqa ta' ponn u dak tefgħu ma' l-art mal-ewwel. U dan once li jagħtih daqqa mhux ser jibqa' jagħtih imbagħad hu naf li mhux ser jibqa' jagħtih. … Tilfu minn sensieh mal-ewwel jiġifieri daqqiet ta' sieq naf li ma taħx lil dan ir-raġel mija fil-mija ma tahx daqqa ta' sieq.* Fir-rigward ta' x'kien fih il-baskett li ħa mingħand il-vittma, l-imputat iddikjara *ma kien hemm xejn jgħodd għalina, dan kien fih ikel biss ta, ikel, pirmli u maskla u ħadna qata' għidna xiż-żopp hawn iċ-ċwievet … qbadna tlaqna il… u ħallejnihom hemm.* Iddikjara li ċ-ċwievet kienu tal-Manchester United.

Fl-ewwel stqarrija rilaxxata fl-20 ta' Settembru 2020[59], il-imputat **Priviledge Mupimhidzi** ddikjara li huwa magħruf bħala Steve l-Iswed u li Malta kulħadd jafu bħala Steve għalkemm ismu proprja huwa Priviledge. Fir-rigward ta' l-inċident li jirrigwarda lil Emanuel Zammit, l-imputat iddikjara *konna mexjin … il-ħin eżatt ma nafx, imma naf li kienu waranofsinhar żgur. … xejn is-soltu konna mexjin, eh ridna xi ħaġa tal-flus rajna dar-raġel kien għaddej … Kellu baskett minn wara iċċarġjajtu u ħadtlu l-baskett. … Kien qed iżommu hawn, hekk fil-ġenb, minn qisha ċinga kbira.* Ikkonferma li dan kollu ġara fl-istess inħawi ta' l-aggressjonijiet l-oħra - liema agressjonijiet ser jiġu trattati iktar 'l quddiem f'din id-deċiżjoni. Ikkonferma ukoll li ġol-baskett ta' din il-persuna kien hemm tnalja żgħira u li sablu mobile u għoxrin Euro. Iddikjara li *dak imbuttajtu charge, ħadna l-baskett u tlaqna, kif sibna l-mowbajl u għoxrin ewro ġo fih, lanqas fittixna xejn u tlaqtu hemm. Tlaqnieh hemm il-baskett u bqajna sejrin. … Dak il-ħin ma tibdiex tara Sir. Inti rajt target, rajt target quddiemek.* Tenna li fil-baskett sabu għoxrin Euro u mobile u imbagħad remewh fil-post fejn instab mill-Pulizija.

Għal kull buon fini l-Qorti tosserva li qabel ma taw l-istqarrijiet tagħhom fl-20 ta' Settembru 2020, kemm l-imputat William Kelly Harrison kif ukoll l-imputat Priviledge Mupimhidzi għażlu li jirrifjutaw id-dritt tagħhom li jikkonsultaw ma' avukat qabel l-interrogazzjoni tagħhom kif ukoll id-dritt li jkollhom avukat preżenti waqt l-interrogazzjoni tagħhom. Dawn l-istqarrijiet jinsabu esebiti bħala Dok. "MX7" u Dok. "MX8" a fol. 84 u 85 tal-proċess u ġew ikkonfermati minn **PS90 Jeffrey Gerada** fil-kors tax-xhieda tiegħu mogħtija waqt is-seduta ta' l-14 ta' Ottubru 2020[60].

Il-Prosekuzzjoni, tramite l-Ispettur Lydon Zammit, esebiet iċ-Ċertifikat tat-Twelid ta' Emanuel Zammit - Dok. GBX5" a fol. 238 tal-proċess - minn liema jirriżulta li huwa

[59] Fol. 286 sa' 298 tal-proċess.
[60] Fol. 137 sa' 139 tal-proċess.

twieled fil-11 ta' Diċembru 1951 u li għalhekk fid-data ta' l-aggressjoni u serq in kwistjoni huwa kellu 68 sena. Esebiet ukoll ċertifikat mediku maħruġ minn Dr. Rachel Gatt Meli - Dok. "GBX4" a fol. 237 tal-proċess - fejn hemm indikati l-ġrieħi sofferti minn Emanuel Zammit, liema ġrieħi ġew iklassifikati bħala *grevious*.

Fir-rigward tal-ġrieħi sofferti minn Emanuel Zammit, it-**Tabib Dr. Rachel Gatt Meli**[61] xehdet illi kellu *fracture of the lateral wall of the left maxillary sinus with hemosinus, kellu superficial laceration over the maxilla, subconjunctival haemorrage of the left eye u haematoma of the left lower eyelid* u l-Espert Mediku Dr. Mario Scerri rrelata li *Emanuel Zammit allegatament safa' aggredit minn xi persuni waqt li kien il-Bombi nhar l-20 ta' Settembru 2020 u kellu jittieħed l-Isptar Mater Dei. Illi ċ-ċikatriċi deskritta fuq in-naħa tax-xellug tal-wiċċ, taħt l-għajn ix-xellugija, kienet riżultat ta' laċerazzjoni, riżultat ta' blunt trauma. Din iċ-ċikatriċi tidher sewwa from within talking distance. Illi riżultat ta' dan it-trawma, dan ġarrab frattura tal-lateral wall tal-maxillary sinus tax-xellug. Din il-frattura hija riżultat ta' blunt trauma vjolenti u hija ta' natura gravi per durata*[62].

Kif già iktar 'l fuq osservat, fir-rigward ta' dan il-każ partikolari l-Avukat Ġenerali jqis li l-Qorti għandha ssib ħtija fl-imputati William Kelly Harrison, Priviledge Mupimhidzi u Ahmed Ali Salah Lawan ai termini ta' l-Artikoli 261(a)(ċ)(e), 262(1)(a)(b), 267, 269(ċ), 275, 276A, 277(a), 279(a) u 280(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti tibda billi tosserva li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova l-ħtija ta' l-imputat Ahmed Ali Salah Lawan fir-rigward ta' din l-imputazzjoni partikolari u dana billi l-istess imsemmi imputat, kuntrarjament għaż-żewġ imputati l-oħra, ċaħad kwalunkwe involviment fl-aggressjoni u serq a dannu ta' Emanuel Zammit. L-istess Emanuel Zammit ma għaraf lil ħadd mill-aggressuri tiegħu u l-imputati William Kelly Harrison u Priviledge Mupimhidzi ma jaqblux bejniethom dwar min kien magħhom dakinhar ta' l-aggressjoni u serq fuq Zammit. William Kelly Harrison qal li kien hemm Deko Susanto - li lanqas qed jiġi akkużat b'dan l-inċident partikolari - filwaqt li Priviledge Mupimhidzi qal li kien hemm wieħed li huwa jafu bħala s-Sissy. Fi kwalunkwe każ xorta jibqa' l-fatt li dak li kull wieħed minn William Kelly Harrison u Priviledge Mupimhidzi seta' qal fir-rigward ta' ħaddieħor li huwa ko-akkużat miegħu, bħalma ma huwa appuntu l-imputat Ahmed Ali Salah Lawan, ma jistax jitqies mill-Qorti bħala prova valida stante li huwa prinċipju ġuridiku assodat li *persuna li tkun akkużata, kemm bħala kompliċi kif ukoll bħala koawtur, bl-istess reat miġjub kontra dak l-akkużat l-ieħor ma tistax tinġieb bħala xhud favur jew kontra dak l-akkużat l-ieħor sakemm il-każ tagħha ma jkunx ġie definittivament deċiż u li dan il-prinċipju japplika sija jekk dik il-persuna tkun ġiet akkużata fl-istess kawża tal-akkużat l-ieħor – b' mod li jkun hemm "ko-akkużati" fil-veru sens tal-kelma – u sija jekk tkun akkużata fi proċeduri separati*[63].

[61] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-15 ta' Diċembru 2020, fol. 239 u 240 tal-proċess.
[62] Dok. "MS1" a fol. 206 sa' 215 tal-proċess.
[63] Il-Pulizija v. Omissis u Saada Sammut, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-16 ta' Novembru 2006.

Għalkemm il-Prosekuzzjoni esebiet filmati u stills meħuda mis-sistema ta' CCTV cameras ta' Gattard House, Pietà[64], provduti lilha mill-MITA[65], fejn jidhru għaddejjin William Kelly Harrison, Priviledge Mupimhidzi u Ahmed Ali Salah Lawan nhar l-20 ta' Settembru 2020, fil-13:16hrs[66], il-Prosekuzzjoni stess tirrikonoxxi li huma qed jidhru f'ħin **wara** li seħħet l-aggressjoni fuq Emanuel Zammit tant illi l-imputat Priviledge Mupimhidzi jidher iżomm il-baskett ta' Emanuel Zammit. Dawn it-tlieta min-nies ma nqabdux mill-istess cameras niżlin lejn il-post fejn seħħet l-aggressjoni fuq Emanuel Zammit[67] u għaldaqstant ma jistax jingħad u wisq inqas konkluż li l-imputat Ahmed Ali Salah Lawan kien maż-żewġ imputati l-oħra sejrin lejn il-post fejn ġie aggredit Emanuel Zammit u wisq inqas li kien magħhom fil-ħin ta' l-aggressjoni.

Fid-dawl ta' dan għalhekk il-Qorti tqis li ma tistax issib lill-imputat Ahmed Ali Salah Lawan ħati ta' din l-imputazzjoni partikolari dedotta fil-konfront tiegħu.

In kwantu għar-reat ta' serq il-Qorti tosserva li l-Kodiċi Kriminali tagħna ma jagħti ebda definizzjoni ta' dan ir-reat iżda l-elementi essenzjali għas-sussistenza ta' l-istess huma ormai ben stabbilit u derivanti mill-insenjament tal-ġurista Carrara li jiddefinixxi r-reat ta' serq bħala *la contrettazione dolosa della cosa altrui fatta invito domino con animo di farne lucro*. Il-Professur Sir Anthony Mamo jgħallem illi *our courts have generally speaking adopted the definition of the crime given by Carrara* u l-elementi materjali u formali tar-reati derivanti minn tali definizzjoni huma ħamsa, ossia *1.The contrectatio of a thing. 2. belonging to others. 3. made fraudulently. 4. without the consent of the owner. 5. animo lucrandi*. Huma dawn l-elementi li jridu jiġu ppruvati sabiex persuna mixlija bir-reat ta' serq effettivament tinstab ħatja ta' l-istess. Jiġi osservat ukoll li huwa prinċipju assodat fil-ġurisprudenza nostrali li r-reat ta' serq huwa kkonsmat u jissussisti fl-elementi kollha tiegħu fil-mument li *la cosa fosse anche spostata dal luogo in cui originariamente si trovava*, irrispettivament mir-ritorn eventwali tar-*res furtiva*. Kif osservat minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Kevin Tonna, Każ. Nru. 101/2020** deċiża fit-8 ta' Frar 2022, *il-ġuristi Taljani huma konkordi li għall-prova ta' dan l-element formali tar-reat, irid jintwera li l-att illeċitu jkun sar bid-dolo speċifiku cioè bil-konoxxenza u volontà ta' l-aġent li jakkwista xi vantaġġ għalih jew għal ħaddieħor:- "... nella nozione di profitto rientra qualsiasi utilità o sodisfazione, anche puramente morale, che l'agente intenda ricavare dall'impossessamento della cosa".*

Ai termini ta' l-Artikolu 262(1)(a)(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, is-serq hu kwalitifikat bil-vjolenza: (a) *meta jsir flimkien ma' omiċidju, ma' offiża fuq il-persuna, jew ma' sekwestru tal-persuna jew ma' theddid bil-miktub jew bil-fomm, ta' omiċidju, jew ta' offiża fuq il-persuna jew ta' ħsara fil-proprjetà;* (b) *meta l-ħalliel jippreżenta ruħu armat, jew meta l-ħallelin, għad li ma jkunux armati, jippreżentaw ruħhom iżjed minn tnejn*. Ai termini tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu tal-Liġi *sabiex att ta' vjolenza jitqies li jikkwalifika s-serq, huwa biżżejjed li dan l-att isir qabel jew fil-waqt tas-serq, jew minnufih wara, sabiex jgħin il-*

[64] Fol. 245 sa' 254 tal-proċess.
[65] Xhieda mogħtija minn Wayne Portanier waqt is-seduta tat-8 ta' Marzu 2021, fol. 390 u 391 tal-proċess.
[66] Fol. 253 u 254 tal-proċess.
[67] Vide xhieda mogħtija minn PC1087 Roderick Degiorgio waqt is-seduta tal-15 ta' Diċembru 2020, fol. 241 sa' 244 tal-proċess.

*konsumazzjoni tad-delitt jew il-ħelsien tal-ħati mill-piena jew mill-arrest jew mill-għagħa ta' l-offiż jew ta' oħrajn, jew sabiex il-ħati ma jħallix tiġi lilu meħuda lura il-ħaġa misruqa, jew biex jivvendika ruħu talli ma jkunux ħallewh jew fittxew li ma jħalluhx jisraq, jew talli jkunu ħadulu lura l-ħaġa misruqa, jew talli jkun ġie mikxuf bħala l-ħalliel.*

Fil-fehma tal-Qorti l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli l-ħtija kemm ta' l-imputat William Kelly Harrison kif ukoll ta' l-imputat Priviledge Mupimhidzi għar-reat ta' serq a dannu ta' Emanuel Zammit, bil-kwalifika tal-vjolenza ai termini ta' l-Artikolu 262(1)(a) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-imputat William Kelly Harrison u l-imputat Priviledge Mupimhidzi entrambe iddikjaraw fl-istqarrijiet tagħhom li kellhom l-intenzjoni li jisirqu lil Emanuel Zammit hekk kif rawh għaddej mit-triq u li bħala fatt ħadulu il-mobiles u l-baskett li kellu miegħu. Entrambe ddikjaraw ukoll li l-mobiles li nsterqu ġew mibjugħa minnhom. L-imputat Priviledge Mupimhidzi ddikjara li kien hu li mbutta *charge* lil Emanuel Zammit u l-imputat William Kelly Harrison iddikjara li ra lil Emanuel Zammit jaqa' ma' l-art u mill-ewwel ra l-fetħa li kellu u d-demm jinbeżaq minnha. Entrambe ddikjaraw li kif Emanuel Zammit kien ma' l-art, u skond l-imputat William Kelly Harrison midrub għaliex ra fetħa f'wiċċu u d-demm, ħadulu l-mobiles u l-baskett li kellu liema baskett, wara li ħadu li dak setgħu minnu, senjatament xi flus u l-mobiles, telqugħ fl-istess post fejn sussegwentement, hekk kif irriżulta mill-provi, ġie arrestat l-imputat William Kelly Harrison. Għalkemm l-imputati William Kelly Harrison u Priviledge Mupimhidzi ma qablux bejniethom dwar min kien magħhom dakinhar fil-ħin ta' l-esekuzzjoni tar-reat, it-tnejn iddikjaraw li magħhom kien hemm ħaddieħor. Anke l-istess Emanuel Zammit konsistentement sostna li kienu tlieta min-nies li aggredewh u sakemm kien ma' l-art ħadulu l-mobiles, il-flus u l-baskett.

Miċ-ċertifikat maħruġ minn Dr. Rachel Gatt Meli u mix-xhieda tagħha jirriżulta li b'konsegwenza ta' dan l-inċident Emanuel Zammit sofra ġrieħi li ġew minnha iċċertifikati bħala *grevious* u l-Espert Mediku Dr. Mario Scerri kkonferma li ċ-ċikatriċi fuq in-naħa tax-xellug tal-wiċċ, taħt l-għajn ix-xellugija, hija riżultat ta' laċerazzjoni riżultat ta' blunt trauma u tidher *from within walking distance.* Ikkonferma wkoll li b'riżultat ta' trawma Emanuel Zammit ġarrab frattura tal-lateral wall tal-maxillary sinus tax-xellug kaġunata minn blunt trauma vjolenti li hija gravi per durata. Minn dan jirriżulta għalhekk li għall-fini tas-serqa a dannu ta' Eanuel Zammit ġiet perpetrata offiża ta' natura gravi fuq il-persuna tiegħu.

Għalkemm l-imputat William Kelly Harrison jsostni li huwa bl-ebda mod ma aggredixxa lil Emanuel Zammit u ma kienx hu li imbuttah, il-Qorti tqis li fiċ-ċirkostanzi tal-każ huwa xorta waħda għandu jinstab ħati tar-reat ta' serq ikkwalifikat bil-vjolenza ai termini ta' l-Artikolu 262(1)(a) u dana billi, apparte l-fatt li kien hemm ftehim ċar bejn l-imsemmi imputat u sħabu li jisirqu lil xi ħadd biex jottjenu l-flus, ai termini ta' l-Artikolu 45 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta *meta żewġ persuni jew aktar jieħdu sehem f'delitt, kull att magħmul minn waħda minnhom, sew jekk din tkun awtur jew kompliċi, u li jkun jagħmel iżjed gravi d-delitt hu imputabbli biss - (a) lill-persuna li tagħmel l-att; (b) lill-persuna li kienet taf bl-att minn qabel ma sar; u (ċ) lill-persuna li, għad li kienet taf bl-att fil-waqt li kien qiegħed isir, u għad li kienet tista' timpedih ħallietu jsir.* Fil-każ in eżami jirriżulta ċar li l-imputat William

Kelly Harrison kien ben konsapevoli ta' l-att minn qabel ma seħħ u ċertament meta ra dak li kien qed jiġri mhux talli ma għamel xejn biex jimpedixxi l-aggressjoni a dannu ta' Emanurl Zammit talli hekk kif Emanuel Zammit kien ma' l-art u ferut għadda biex flimkien ma' l-imputat Priviledge Mupimhidzi, jisraqlu l-mobiles u l-baskett li kellu miegħu.

Apparte mill-fatt li Emanuel Zammit sofra grieħi gravi bl-aggressjoni u serqa perpetrati a dannu tiegħu, ma għandux ikun hemm dubju li anke kien hemm l-element tas-sekwestru ta' persuna wkoll previst fl-Artikolu 262(1)(a) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u dana billi bid-daqqa jew aħjar imbuttatura charge li tah l-imputat Priviledge Mupimhidzi, Emanuel Zammit waqa' ma' l-art u hekk kif kien ma' l-art bl-imputati fuqu, dawn ta' l-aħħar għaddew biex jisirqulu l-mobiles u l-baskett li kellu, f'liema baskett kien hemm anke l-flus. Fir-rigward ta' dan l-element ta' sekwestru ta' persuna għall-finijiet ta' u allaċċjat mas-serq issir referenza għas-sentenzi fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Dominic Bonnici** deċiżi mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-5 ta' Jannar 2004 u fit-22 ta' April 2004, fejn ingħad illi *l-artikolu 262(1)(a) tal-Kap.9 li jiddefinixxi r-reat ta' serq kwalifikat bil-vjolenza jiddisponi biss li jkun hemm tali kwalifika meta s-serq isir flimkien ma' omiċidju, ma' offiża fuq il-persuna jew ma' sekwestru tal-persuna eċċ, bla ma jgħid x'inhu s-sekwestru tal-persuna. L-Artikolu 86 tal-Kodiċi Kriminali, imbagħad, jgħid li jkun ħati tar-reat ta' sekwestru ta' persuna: "...kull min, bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, jarresta, iżomm jew jissekwestra lil xi persuna kontra l-volontà tagħha jew jagħti l-post biex fih din il-persuna tiġi arrestata miżmuma jew issekwestrata...". Illi l-Professur Sir Anthony Mamo (Notes on Criminal Law [1953 edit.] [Part. II p. 40] meta jkun qed jittratta l-element materjali tar-reat in kwistjoni jgħid:- "the words "arrest" "detention" and "confinement" are not synonymous: each indicates a special manner in which an attempt can be made on personal liberty: "il reato preveduto nell'articolo 169 (our Section 86) esiste sia quando alcuno si fermi nel mentre che agisce o camina; sia quando si faccia rimanere suo malgrado in quel luogo ove si trova; si quando finalmente si trasporti da un luogo ad un altro (ROBERTI - ibid, para. 323) ... Thus a person may be arrested without being incarcerated or confined in any place; or may be detained in his own house without having been previously arrested.* Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali żiedet tgħid illi *dejjem ġie ritenut mill-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali tagħna li biex ikun hemm il-kwalifika tas-sekwestru tal-persuna għall-finijiet tas-serq huwa biżżejjed li dak is-serq isir "flimkien" (fis-sens tas-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 262) mal-privazzjoni fir-rigward ta' xi persuna tal-libertà personali tagħha. Fi kliem ieħor,* ***ikun hemm is-sekwestru tal-persuna għall-finijiet ta' l-Artikolu 262(1)(a) mhux biss jekk persuna tiġi meħuda minn post għal ieħor kontra l-volontà tagħha, imma anke jekk sempliċement tiġi miżmuma kontra l-volontà tagħha milli tiċċaqlaq jew tiġi msakkar x'imkien - basta però, li jkunu jikkonkorru ukoll għall-anqas iċ-ċirkostanzi, jew waħda miċ-ċirkostanzi, imsemmija fl-imsemmi subartikolu (2) ta' l-Artikolu 262***[68].

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk fil-każ in eżami japplika dak dispost fl-Artikolu 275 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront ta' l-imputati William Kelly Harrison u

[68] Enfasi tal-Qorti.

Priviledge Mupimhidzi, ħatja tar-reat ta' serq ikkwalifikat bil-vjolenza ai termini ta' l-Artikolu 262(1)(a), u japplika wkoll dak dispost fl-Artikolu 276A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta stante li mill-provi prodotti rriżulta li r-reat in kwistjoni twettaq fuq persuna li għalqet l-età ta' sittin sena.

In kwantu l-kwalifika tal-valur, jiġi osservat illi s-serq hu kkwalifikat bil-valur meta *il-ħaġa misrqua tkun tiswa aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94)* - Artikolu 267 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Emanuel Zammit iddikjara li l-aggressuri serqulu mobile żgħir antik li jiswa madwar €40, mobile ieħor li jiswa madwar €150, €30 li kellu ġo pocket u madwar €15 li kellu fil-portmoni. Il-Qorti ma tara l-ebda raġuni għalfejn ma għandhiex temmen lil Emanuel Zammit kemm għal dak li jirrigwarda l-valuri tal-mobiles kif ukoll għall-ammont ta' flus li nsterqulu u dana billi huwa kien konsistenti fil-verżjonijiet tiegħu kemm meta kellmuh l-Ispettur Lydon Zammit u l-Ispettur Mario Xiberras[69] kif ukoll meta xehed quddiem il-Qorti fil-kors tal-proċeduri. Għalkemm il-Prosekuzzjoni ma ressqitx provi oħra fir-rigward tal-valur tal-mobiles, il-Qorti ittenni li ma ssib ebda raġuni għalfejn ma għandhiex toqgħod fuq ix-xhieda ta' Emanuel Zammit fir-rigward tal-valur ta' tali mobiles u dana billi fil-fehma Tagħha huwa ferm plawsibbli li mobile antik jiswa €40 u li l-valur ta' €150 għal mobile kemm xejn iktar ġdid u b'hekk modern huwa valur ukoll plawsibbli u ċertament mhux eżaġerat.

Waqt it-trattazzjoni orali, id-Difesnur ta' l-imputat William Kelly Harrison isottometta li l-kwalifika tal-valur fil-każ in eżami ma tissussistix għaliex sehem l-imputat William Kelly Harrison għar-res furtiva tal-vittmi kollha jammonta għal €193, liema ammont ġie mgħoddi lill-Prosekuzzjoni. Il-Qorti ma taqbilx li dan il-ħlas da parte ta' l-imputat William Kelly Harrison għandu jitqies bħala prova li l-valur ta' l-oġġetti misruqa mingħand, f'din l-istanza partikolari, Emanuel Zammit, kien biss ta' €64.33[70].

Fl-ewwel lok għalkemm fis-seduta tat-28 ta' Frar 2022[71] ġie verbalizzat mid-Difensur ta' l-imsemmi imputat li *bla preġudizzju l-imputat William Kelly Harrison ħallas is-sehem tiegħu tad-danni lil Ahmed Belzaraa, Alfred* [recte: Emanuel] *Zammit u Dritan Zuberi, liema flus jinsabu fil-pussess tal-Prosekuzzjoni*, f'dak l-istadju ma ġiex dikjarat u wisq inqas ippruvat x'kien l-ammont mgħoddi minn William Kelly Harrison lill-Prosekuzzjoni u huwa prinċipju ġuridiku assodat li dak li jingħad waqt is-sottomissjonijiet orali jew skritti ma jikkostitwixxix prova. Apparte minn hekk, ma hemm ebda dikjarazzjoni tal-vittma, f'dan il-każ ta' Emanuel Zammit, fejn jaqbel li l-ammont ta' l-oġġetti misruqa lilu huwa effettivament rifless fil-pagament offrut mill-imputat.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova li r-reat ta' serq a dannu ta' Emanuel Zammit kien ikkwalifikat ukoll bil-valur ai termini ta' l-Artikolu 267 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta. Konsegwentement f'dan il-każ huma applikabbli wkoll il-provvediment ta' l-Artikoli 277(a) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi illi *meta s-serq ikkwalifikat bil-'vjolenza' skond l-artikoli 274, 275 jew*

[69] Vide xhieda ta' l-Ispettur Mario Xiberras mogħtija waqt is-seduta tat-28 ta' Settembru 2020 a fol. 38 sa' 44 tal-proċess.
[70] €193/3 vittmi = €64.33
[71] Fol. 788 tal-proċess.

*276, ikun akkumpanjat b'waħda jew iżjed mill-kwalifiki l-oħra msemmijin fl-artikolu 261, l-akkużat, meta jinsab ħati, jeħel - (a) jekk dan is-serq ikun akkumpanjat b'waħda jew iżjed minn dawk il-kwalifiki l-oħra, iżda mhux dik tal-mezz, il-piena msemmija fl-artikoli 274, 275, 276 jew 276A, illi ma tingħatax fil-minimum tagħha.*

Il-Prosekuzzjoni tikkontendi li s-serq a dannu ta' Emanuel Zammit huwa ikkwalifikat ukoll bil-lok ai termini ta' l-Artikolu 269(ċ) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema kwalifika tissussisti appuntu meta s-serq iseħħ fi triq pubblika fil-kampanja, 'il barra mill-abitat. Fil-fehma tal-Qorti però tali kwalifika fil-każ in eżami ma tissussistix in kwantu għalkemm l-aggressjoni u serqa seħħew fil-Jubliee Grove, dan l-istess Jubliee Grove jinsab fi Triq Nazzjonali, il-Ħamrun, triq din pubblika iva imma ċertament mhux fil-kampanja u ċertament mhux 'l bogħod mill-abitat stante li hija triq wiesgħa u traffikuża u, kif inhu ben magħruf, hemm ukoll bini fil-viċinanzi, ad eżempju Gattard House minn fejn appuntu l-Prosekuzzjoni ottjeniet il-filmati mis-sistema ta' CCTV cameras. Tant il-post fejn seħħet l-aggressjoni mhux fid-diżabitat li Emanuel Zammit stess, mistoqsi jekk ingħatax għajnuna meta seħħet l-aggressjoni u serqa, iddikjara li *spiċċajt faċċata u hemmhekk hemm l-istage tal-Bombi u kien hemm xi ħamsin ruħ u ħadd ma tani għajnuna, kien hemm raġel u żewġ nisa Maltin u dawk tawni l-għajnuna għax ċemplu d-depot u dawk l-uniku tlieta li kellmuni.* Konsegwentement għalhekk il-Qorti ma tistax issib lill-imputati William Kelly Harrison u Priviledge Mupimhidzi ħatja tar-reat ta' serq ikkwalifikat bil-lok ai termini ta' l-Artikolu 269(ċ) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

It-**tielet imputazzjoni** dedotta fil-konfront ta' l-imputati William Kelly Harrison, Priviledge Mupimhidzi u Ahmed Ali Salah Lawan hija talli nhar l-20 ta 'Settembru 2020, għall-ħabta ta 'bejn 15:00hrs u 15:15hrs, minn ġewwa l-Jubilee Grove, li jinsab ġewwa Triq l-Indipendenza, Pietà u/jew fl-inħawi tal-madwar ikkommettew serq ta ' oġġetti, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-valur li ma jeċċedix €2,329.37 u bil-lok u li sar għad-dannu ta 'Bradley Debono u/jew persuni oħra.

L-Artikoli tal-Liġi indikati mill-Avukat Ġenerali fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju relattivi għal din l-imputazzjoni, ossia t-tieni subinċiż relattiv għal dawn it-tlett imputati, huma l-Artikoli 261(a)(ċ)(e), 262(1)(a)(b), 267, 269(ċ), 274(ċ), 275, 277(a), 279(a) u 280(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-imsemmija tlett imputati ddikjaraw li ma humiex ħatja ta' din l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħhom.

**Bradley Debono**[72] xehed illi fl-20 ta' Settembru 2020 *kont miexi lura lejn id-dar u għaddejt minn dan il-masġar fejn Sa Maison u waqt li jiena kont miexi lejn id-dar nara 3 persuni mexjin lejja. Sadanittant, wieħed minnhom staqsieni jekk għandix sigarett u jiena għidtlu le u dak il-ħin li jiena għedtlu le kienu 3 persuni u dawn it-3 persuni daruni u pruvaw jisirquni. Dak il-ħin jiena ppruvajt naħrab però ma rnexxilix bil-konsegwenza li qabduni mill-baskett u kaxkruni ma' l-art. Dan sar biex ikunu jistgħu jeħduli l-mobile u l-baskett. Wara li ħaduli l-mobile u l-baskett, wieħed minnhom għamilli ġebla ma' rasi waqt li kont ma' l-art sakemm ħarġuli dak kollu*

[72] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-28 ta' Settembru 2020, fol. 90 sa' 98 tal-proċess.

*li jiena kelli fil-but u urejthom li jiena ma kelli xejn ħlief maskra u headphones. Wara li urejthom li jiena ma kelli xejn, huma bdew mexjin fuq in-naħa tax-xellug u wieħed minnhom reġa' avviċinani u qalli li jekk jien nsegwihom u nimxi warajhom, huma jħalluni tal-post. … wara imbagħad it-tlieta telqu 'l hemm jiena bdejt miexi lejn it-triq fid-direzzjoni tad-depot però imbagħad ninzerta nara karozza ta' l-RIU faċċata u jiena mxejt lejn din il-karozza. Meta jiena bdejt miexi lejn din il-karozza u wasalt ħdejn il-Pulizija ninnota li l-Pulizija kienu digà qabdu liż-żewġ aggressuri, it-tnejn li kellhom ġilda skura li għedtilkom li wieħed minnhom kien liebes flokk blu u l-ieħor kien liebes flokk isfar. Sadanittant, il-Pulizija kienu għadhom qed ifittxu lill-aggressur li għiditlkom l-ewwel wieħed li kien liebes flokk iswed li mbagħad matul il-ħin sabuh u bir-riżultat ta' dan ġie rritornat il-baskett. … dak il-ħin jiena lill-Pulizija indikajtilhom ukoll prova għaliex x'ħin staqsewni jekk hux qed nagħrafhom għidtilhom ukoll il-kulur tal-ħwejjeġ li kienu lebsin u ddeskrivejt kif kienu jidhru minn dak il-ftit li niftakar għax ovvjament f'dak il-ħin ta' xokk diffiċli tagħraf il-wiċċ u kollox però ftakart x'kienu lebsin u d-deskrizzjoni qablet ma' dawk li l-Pulizija arrestaw dakinhar*. Fir-rigward ta' wieħed mit-tlett agressuri, Bradley Debono għaraf lill-Pulizija li *ma kienx ta' ġilda skura u wkoll infurmajthom li kien liebes flokk iswed u li kien jitkellem perfettament bil-Malti. In fatti jiena ħsibtu Malti.*

Mistoqsi x'insteraqlu, Bradley Debono ddikjara li nsterqulu mobile Iphone 7+ li kien qalgħu bħala rigal u li skontu jiswa bejn wieħed u ieħor €500 jew €600. Insteraqlu wkoll baskett tal-Fila bi tlett kuluri, blu, abjad u aħmar bl-affarijiet ta' ġo fih, kif ukoll il-wallet li kien fih card tal-bank, il-Karta ta' l-Identità tiegħu u tal-Linja Card, iżda flus ma kellux. Debono ddikjara li l-oġġetti kollha ġew ritornati lilu meta mar lura d-Depot wara li mar il-Polyclinic. Fir-rigward ta' kif instabu dawn l-oġġetti Bradley Debono ddikjara *dawn l-oġġetti rajthom dak il-ħin fuq il-post għaliex il-mobile nstab għax ċempilli xi ħadd fuqu u l-Pulizija mbagħad għamlu search fuq il-persuna biex imbagħad instab il-mobile*, liema mobile nstab fuq il-persuna ta' l-imputat Ahmed Ali Salah Lawan. *Il-baskett bażikament instab x'ħin il-Pulizija sabu t-tielet wieħed li huwa l-persuna tan-nofs* - ossia l-imputat William Kelly Harrison - *għaliex dan x'ħin il-Pulizija sabuh qalilhom fejn qiegħed allokat il-baskett.*

Bradley Debono għaraf lill-imputati William Kelly Harrison, Priviledge Mupimhidzi u Ahmed Ali Salah Lawan bħala t-tlett persuni li agredewh u serquh. Għaraf lill-imputat Ħarrison bħala l-persuna li talbu sigarett u li qabel ma telqu minn fuq il-post qallu li jekk isegwihom iħalluh tal-post. Għaraf lill-imputat Lawan bħala l-persuna li qabad ġebla f'idu.

L-**Ispettur Mario Xiberras**[73] xehed illi *fl-20 ta' Settembru ta' din is-sena għall-ħabta tat-3:00 kont xogħol is-CID u fuq ir-radio tal-Pulizija bdejna nisimgħu li l-Pulizija tal-RIU kienu arrestaw xi nies rigward serq li kien għadu kemm seħħ fl-inħawi ta' Sa Maison Gardens fl-inħawi tal-Pietà. Aħna kif smajna hekk, jiena u n-nies tiegħi kif ukoll il-kollega l-Ispettur Lydon Zammit u n-nies tiegħu, morna ħdejn il-bandli li jinsabu Tal-Pietà, hemmhekk sibna xi Pulizija tal-RIU li magħhom kien hemm 3 arrestati. Wieħed minnhom William Kelly Harrison, detentur tal-Karta ta' l-Identità Numru 46463(A), li qed nagħrfu hawnhekk f'din l-awla. … It-tieni*

[73] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-28 ta' Settembru 2020, fol. 38 sa' 44 tal-proċess.

*suspettat kien Priviledge Mupimhidzi, detentur tal-Karta ta' l-Identità Numru 123804(L) li qed nagħrfu wkoll fl-awla. ... It-tielet suspettat kien Ahmed Ali Salah Lawan, detentur tal-Karta ta' l-Identità Numru 213918(A) li qed nagħrfu wkoll f'din l-Awla. ... Fuq il-post kien hemm 2 vittmi li wieħed minnhom kien jismu Bradley Debono, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 234802(L), kif ukoll vittma oħra ta' nazzjonalità Pakistana li kellu l-Permesso di Soggiorno bin-numru 111960225. Jiena fuq il-post kellimt lil Bradley Debono, l-ewwel vittma, staqsejtu xi ġralu, qalli li kien għaddej bil-mixi minn ħdejn Sa Maison minn fejn il-Bombi minn fejn il-ġnien u qalli li ra 3 persuni ġejjin fid-direzzjoni fuqu. Beda jindikali fuq il-post min huma peress li s-suspettati kienu għadhom fuq il-post, konna għadna fejn il-bandli tal-Pietà u qalli li William Harrison, qalli dak li qiegħed arrestat staqsieh għal sigarett. Kellu l-baskett tal-Fila, qalli li ħadulu hu u l-quddiem se nippreżenta xi ritratti u kellu xi dokumenti oħra fosthom kellu wkoll il-mobile ta' l-għamla Iphone. Qalli t-tnejn l-oħra żammewni u qalli mbagħad hawnhekk f'dan il-ħin nara karozza tal-Pulizija tal-RIU u qalli waqqafthom u ntervjenew il-Pulizija. Fuq il-post innutajt ukoll li dan Bradley kellu xi ġrieħi f'saqajh. Qalli wkoll li l-Malti heddu illi jekk se jmur, għall-Malti jiġifieri qed jirreferi għal William Kelly Harrison, u dan qallu jekk se tiġi warajja u se tibqa' ssegwini se ntik daqqa ta' ġebla. ... Il-mobile tal-vittma Bradley Debono minn fuq il-post beda jdoqq u kien għand Ahmed Ali Salah Lawan fejn hu, il-vittma, sema' wkoll il-mobile tiegħu jdoqq. B'hekk għal dik ir-raġuni, il-Pulizija tal-RIU sabu l-mobile u ġbarnieh aħna l-Pulizija. Minn hemmhekk jiena staqsjet lil Bradley Debono jekk għandux bżonn imur il-Polyclinic u wassalnieh il-Polyclinic tal-Furjana fejn imbagħad ġie ċertifikat mit-Tabib Ivana Grech bin-numru 6236, fejn iċċertifikatu li qed isofri minn slight injuries.*

**PS1255 Christian Azzopardi**[74] xehed illi *nhar il-Ħadd 20 ta' Settembru 2020 bdejna nisimgħu fuq il-mezzi tal-Pulizija li kienet qed issir serqa ġewwa Tal-Pietà. Jiena flimkien ma' l-Ispettur Lydon Zammit, l-Ispettur Mario Xiberras u s-Surġent PS90, morna immedjatament fuq il-post fejn hemmhekk konna digà rajna xi membri tal-RIU li arrestaw tliet persuni. Fuq il-post kien hemm PC661 Chris Grech kif ukoll PC486 Ryan Camilleri. ... Dawn qegħdin stazzjonati l-RIU. Hemmhekk tkellimna daqsxejn magħhom fejn ħdejhom kellhom żewg arrestati, lil Priviledge Mupimhidzi li qed nara hawnhekk fl-Awla liebes il-blazer ċelest ċar u lil Lawan Ahmed Ali Salah li liebes ġakketta sewda. Filwaqt li aktar 'l fuq fit-triq qed nitkellmu fi Triq Joe Gasan, Tal-Pietà, rajt arrestat lil William Kelly Harrison li kien flimkien ma' PC2 Glen Ellul u PC1352 Ismael Buhagiar. ... Jiena mort immedjatament fuq wieħed mill-vittmi ċertu Bradley Debono, fejn kien stat ta' xokk. Hu qalli li kienu qabżu fuqu tlieta minn nies, dan kien spiċċa mix-xogħol, waqaf l-Imsida u ddeċieda li jimxiha sal-Furjana għax joqgħod il-Furjana, għadda mill-ġnien u qalli li attakkawh, ħadulu l-baskett u ħadulu wkoll il-mobile. L-ewwel talbuh sigarett imbagħad attakkawh. Bradley kien jidher li kellu xi grif fuq il-qasba ta' saqajh u kellu wkoll xi grif fuq idejh. Immedjatament għedtlu biex jieqaf milli jagħtini l-verżjoni u għedtlu li aħjar inwassluh għaċ-Ċentru tas-Saħħa għax kien jidher li qiegħed imfixkel dak il-ħin. ... Fuq il-post PC2 u PC1352 indikawli baskett tad-ditta Fila li kien qiegħed impoġġi jew mistoħbi wara Freelander, fl-istess triq qed nitkellmu dejjem. ... Il-mobile nstab fuq il-persuna ta' Lawan Ahmed Ali Salah fuq il-post.*

[74] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tad-9 ta' Ottubru 2020, fol. 103 sa' 110 tal-proċess.

**PC661 Christian Grech**[75] xehed illi *fl-20 ta' Settembru 2020 għall-ħabta tat-tlieta ta' wara nofsinhar kont qiegħed ronda flimkien ma' PC 486, konna qegħdin Sa Maison, Triq l-Indipendenza. Hemmhekk kif konna għaddejjin bil-vettura ġie persuna fuqna fejn qalilna li għadu kemm ġie aggredit b'daqqa ta' ġebla ġo rasu. Il-persuna huwa ta' nazzjonalità barranija, tana description ta' tlieta minn nies li kienu wieħed bi flokk isfar, ieħor bi flokk blu u l-ieħor flokk iswed u qalilna li ħarbu jiġru. Kif konna ser insuqu bil-karozza ilmaħna t-tliet persuni jiġru kif raw lilna. Aħna minnufih dawwarna bil-karozza u dħalna ġol-Pietà eżatt ma' ġenb Satariano. Hemmhekk irnexxielna niġru u naqbdu żewġ persuni li kienu tal-flokk isfar u tal-flokk blu u l-ieħor laħaq ħarab jiġri sew. Tlabna l-assistenza fejn ġew xi karozzi oħra fejn dawn qabduh lit-tielet persuna. Sa' dak il-ħin sakemm konna b'dawk iż-żewġ persuni aħna, tal-flokk isfar u tal-flokk il-blu, ġibna d-dettalji tagħhom u avviċinana persuna Maltija, ġuvni għadu żgħir fejn qalilna li ġie aggredit minn tlieta minn nies oħra. Bil-fixkla dan it-tifel ma bedix jinduna li kellna n-nies magħna. Jiena personalment ressaqtu ħdejja u bdejt nitolbu x'ġara. Qalli li aggredewh tliet persuni, wieħed bi flokk isfar, ieħor bi flokk blu u ieħor bi flokk iswed fejn qalli li ħadulu l-baskett bil-mobile b'kollox. Tlabtu deskrizzjoni tal-baskett għax hu qalli li tal-flokk iswed ħadlu l-baskett. Kif konna qed nitkellmu ma' dawn iż-żewġ persuni tal-flokk l-isfar u tal-flokk blu, daqq mobile li kien fuq il-persuna tal-flokk blu. Dan iż-żagħżugħ għaraf id-daqqa tal-mobile u għaraf il-kulur tal-mobile fejn qalilna li huwa tiegħu.*

PC661 Christian Grech iddikjara li s-suspettat tal-flokk isfar kien l-imputat Priviledge Mupimhidzi, is-suspettat tal-flokk blu kien l-imputat Ahmed Ali Salah Lawan u s-suspettat tal-flokk iswed kien l-imputat William Kelly Harrison, illi huwa kollha għarafhom fl-Awla. Ix-xhud saħaq li l-mobile taż-żagħżugħ Malti, minnu identifikat bħala Bradley Debono, instab fuq il-persuna ta' Ahmed Ali Salah Lawan. Xehed ukoll li t-tielet suspettat li ġie arrestat - li mill-provi prodotti rriżulta li kien l-imputat William Kelly Harrison - indikalhom fejn kien il-baskett ta' Bradley Debono. PC661 Christian Grech għaraf li r-ritratti Dok. "MX4D" a fol. 78 tal-proċess huma l-baskett tad-ditta FILA li ġie ndikat lilhom mill-imputat William Kelly Harrison u l-mobile bil-marka FILA fuqu li nstab fuq il-persuna ta' l-imputat Ahmed Ali Salah Lawan.

**PC486 Ryan Camilleri**[76] xehed illi fl-20 ta' Settembru 2020 hu u l-kollega tiegħu PC661 kienu day duty u għall-ħabta tat-3:00p.m. kienu għaddejjin minn Triq l-Indipendenza sejrin fid-direzzjoni ta' Blata l-Bajda fejn hemmhekk waqqafhom persuna ta' nazzjonalità barranija li qalilhom li kien għadu kif ġie aggredit minn tlett persuni. Dana l-persuna ddeskrivielhom l-aggressuri bħala persuna ta' karnaġġjon naqra skura liebes flokk isfar, persuna ta' karnaġġjon sewda bi flokk blu u persuna ta' karnaġġjon bajda liebes flokk iswed u dak il-ħin ippuntalhom lejn tliet persuni li kienu qed jaqsmu t-triq. PC486 Ryan Camilleri xehed ulterjorment illi *aħna konna eżatt quddiem il-bus stop int u nieżel ngħidilha jiena min-niżla tad-Depot ħa taqbad it-triq ta' l-Imsida direzzjoni lejn Blata l-Bajda, hemm bus stop hemmhekk u hemm it-traffic lights ukoll u waqqafna hemmhekk. Hu ppuntalna lejhom u ovvjament aħna stajna naraw 3 min-nies bil-flokkijiet li ddeskrivilna hu, jaqsmu u jidħlu lejn it-triq fejn hemm il-ground Tal-Pietà. … aħna morna warajhom fejn jiena u l-*

[75] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-14 ta' Ottubru 2020, fol. 131 sa' 133 tal-proċess.
[76] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-26 ta' Novembru 2020, fol. 178 sa' 182 tal-proċess.

*kollega tiegħi PC661, irnexxielna narrestaw 2 persuni jiġifieri arrestajna lill-persuna ta' flokk isfar li jismu Priviledge u lill-persuna ta' karnaġġjon skur li kien liebes flokk blu li kien jismu Ahmed. Sadanittant peress illi ovvjament kien hemm it-tielet persuna nvoluta, għajjatna għall-assistenza fejn fuq ir-radio ovvjament tajnihom id-description li kien tana s-sinjur li waqqafna biex ovvjament ikomplu t-tifttxija min-naħa tagħhom peress li aħna konna digà arrestajna żewġ min-nies oħra, fejn ftit wara PC2 u PC1352 arrestaw lit-tielet persuna. Sadanittant, sakemm ovvjament il-persuna li kien waqqafna wasal ħdejna u kkonfermalna illi ż-żewġ persuni li arrestajna kienu dawk it-tnejn li attakkaw lilu, ġie ġuvni li kien ippanikkjat u mbikkem fejn qalilna illi kienu aggredewh lilu wkoll u kienu ħadulu l-mobile u ħadulu wkoll il-backpack. … Hu ġuvni Malti, jidhirli Bradley Debono jismu, tana d-description ta' l-affarijiet li serqulu fejn qalilna serqulu kemm il-mobile, il-cover tal-FILA kif ukoll il-backpack tal-FILA. Sadanittant, ovvjament, aħna din l-informazzjoni l-ġdida għaddejniha uoll lill-kollegi tagħna fejn wara li sabu t-tielet persuna, bdew it-tfittxija tagħhom u sabu wkoll il-backpack u hekk.*

PC486 Ryan Camilleri ddikjara li Bradley Debono indikalhom li ż-żewġ suspettati li kienu għadhom kemm arrestaw, ossia lill-imputat Priviledge Mupimhidzi u lill-imputat Ahmed Ali Salah Lawan, bħala tnejn mit-tlett persuni li kienu għadhom kemm aggredewh u serqulu l-affarijiet. Xehed ukoll li fuq il-persuna ta' Ahmed Ali Salah Lawan instab mobile bil-cover tal-FILA, li Bradley Debono għarfu bħala l-mobile tiegħu. PC486 Ryan Camilleri għaraf lit-tlett imputati William Kelly Harrison, Priviledge Mupimhidzi u Ahmed Ali Salah Lawan bħala t-tlett persuni li ġew arrestati minnu u mill-kollegi tiegħu dakinhar ta' l-20 ta' Settembru 2020.

**PC1352 Ismael Buhagiar**[77] xehed illi fl-20 ta' Settembru 2020 għall-ħabta tat-3:00p.m., kollegi tiegħu, li kien għadu kemm waqqafhom xi ħadd biex jirrapporta serqa, kienu talbu għall-assistenza tiegħu u tal-kollega tiegħu PC2 Glenn Ellul. Id-deskrizzjoni li ngħataw tas-suspettati kienet ta' tlett persuni, wieħed liebes flokk isfar, ieħor liebes flokk blu u t-tielet wieħed liebes flokk iswed. Huwa xehed illi *x'hin konna on the way aħna u sejrin fuq il-post, konna għaddejjin minn Triq Mountbatten, it-triq Tal-Merlin, u kif għaddejjin, f'salib it-toroq, minn triq l-Ispartani għal Sqaq il-Kubrit qasam wieħed bi flokk iswed jiġri. Morna fejn il-kollegi taħgha, PC486 u PC661, u staqsejnihom x'kien hemm. Lilna qalulna li kienu qabdu 2 units minn dawn li kien tahom id-description. … qalulna li kien ħarab l-ieħor. It-tielet wieħed kien għadu maħrub u kien bi flokk iswed. Dak li kien ħarab - li rajnieh jiġri jiena u l-kollega fi Triq Mountbatten - kien bi flokk iswed allura dawwarna u erġajna dħalna fi Sqaq il-Kubrit. Kif konna għaddejjin minn Sqaq il-Kubrit rajnieh niżel ġo taraġ li jagħti għal Triq Dun Gorg Preca, jiena lħaqt dawwart bil-karozza biex nagħlaqlu t-taraġ u x'ħin wasalt quddiem it-taraġ, il-kollega tiegħi, PC2 Glenn Ellul, laħaq waqqfu u kien qed jimmanettjah lil William Harrison. … Il-kollega tieħi għamillu s-search, ma sibnielu xejn u kull ma siba kien baskett fit-taraġ* - mill-provi rriżulta li dan kien il-baskett ta' Emanuel Zammit. … *Aħna u sejrin fuq il-post, lil William Harrison staqsejtu jekk kienx ħa xi baskett ieħor u kien qalilna li kien ħa xi baskett ieħor. Il-baskett kien tal-FILA tal-vittma. Lil William Harrison staqsejtu jekk iridx jindikalna fejn kien il-baskett u qalilna li kien hu stess li tefa' l-baskett taħt karozza, ħadna fejn kien tefa' l-baskett u ġbarna il-baskett li fl-aħħar irriżulta li kien tal-*

[77] Xhieda moġġtija waqt is-seduta tas-26 ta' Novembru 2020, fol. 183 sa' 186 tal-proċess.

*vittma*. Muri r-ritratt Dok. "MX4D" a fol. 78, PC1352 Ismael Buhagiar għaraf il-baskett tal-marka FILA li kien indikalhom fejn jinsab l-imputat William Kelly Harrison. L-istess xhud in oltre għaraf lill-imputat Priviledge Mupimhidzi u lill-imputat William Kelly Harrison fl-Awla.

**PC2 Glenn Ellul**[78] xehed illi *nhar l-20 ta' Settembru 2020 kont xogħol day flimkien ma' PC1352, għall-ħabta tat-tlieta ġejna nfurmati minn karozza oħra fejn fiha kien hemm il-Kuntistabbli 486 u 661, fejn l-inħawi ta' Pietà Grounds , il-Pietà, fejn iċ-Ċimiterju, fejn l-iskola ta' San Ġużepp tal-bniet, kien hemm xi persuna li ġiet misruqa u talbuna għall-assistenza. Jiena u l-kollega tiegħi nżilna fuq il-post u bdejna nduru l-akkwati. Hemmhekk dħalna ġo triq fejn il-Merlin, fejn hemm il-kwartieri tal-Partit Nazzjonalista, u fl-ewwel telgħa rajna persuna jiġri li kien ġuvni. Il-kollegi tagħna ftit qabel kienu qalulna d-deskrizzjoni tat-tliet ġuvintur li kienu aggredew il-vittma u lill-kollega tiegħi għedtlu "suq għal hemmhekk" u rajna lil xi ħadd jiġri u għedtlu "niżżilni hawn ħa niġri warajh għax niżel ġo sqaq kollu turġien". Hu sadanittant dar u ġie għal triq ta' quddiem l-iskola tal-bniet Mountbatten Street. Hemmhekk bdejt ngħajjat lil dan il-ġuvni biex jieqaf u wara ftit huwa waqaf u qalli "ħa nieqaf, ħa nieqaf sir". Hemmhekk tlabtu d-dettalji tiegħu fejn stqarr li kien ċertu William Kelly Harrison u tani l-ID Card tiegħu li huwa 46463A li qed nagħraf hawn fl-Awla. … Hemmhekk tajnih il-caution li huwa kien jinsab arrestat fuq suspett li x'aktarx kien seraq, immannetjanieh u għamilnielu search. Hemmhekk inżilna bih fejn il-kollegi tagħna biex naraw jekk il-vittma kienetx għadha hemm li kienet fuq il-post u l-vittma għarrfitu. Hu wkoll uriena fejn kien ħeba l-baskett li kien wara xi vettura pparkjata kif tispiċċa t-triq eżatt u kien tat-tip FILA imma l-kulur ma nafx x'kien eżatt u minn hemhekk niżżilnih il-lockup.* Muri r-ritratt Dok. "MX4D" a fol. 78 tal-proċess, PC2 Glenn Ellul għaraf il-baskett tal-FILA iżda ma kienx ċert dwar il-mobile li jidher fl-istess ritratti.

Fis-seduta tal-15 ta' Diċembru 2020, l-Ispettur Lydon Zammit ippreżenta ċertifikat mediku maħruġ minn Dr. Ivana Grech, illi kienet invistat lil Bradley Debono, minn liema jirriżulta li hija kienet irriskontratlu xi ġrieħi u kklassifikat dawn l-istess ġrieħi bħala *slight save complications*. Dan iċ-ċertifikat mediku jinsab esebit bħala Dok. "GBX2" a fol. 235 tal-proċess.

**Dr. Ivana Grech**[79] ikkonfermat dan iċ-ċertifikat maħruġ minnha fir-rigward ta' Bradley Debono u xehdet illi meta eżaminat lill-imsemmi Bradley Debono sabet *abrasions on the medial aspect of the right knee li kienu superfiċjali. … Grif fuq il-lateral aspect ta' siequ x-xellugija and small scratches and abrasions on the lateral aspect of the right knee of around 1 centimetre*. Kif appena osservat, *it*-Tabiba Dr. Ivana Grech ikklassifikat il-ġrieħi ta' Bradley Debono bħala ħfief salv kumplikazzjonijiet.

L-**Ispettur Lydon Zammit**[80] xehed illi *fl-20 ta' Settembru tas-sena 2020, għall-ħabta tat-15:00hrs, jiena kont infurmat illi kien hemm inċident fejn membri tal-RIU ġew infurmati minn persuna maskili li kien safa' aggredit u misruq minn 3 persuni. Huma dak il-ħin kienu jinsabu fi Triq Joe Gasan li tinsab il-Pietà, iżda l-inċident*

[78] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-15 ta' Diċembru 2020, fol. 255 u 256 tal-proċess.
[79] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tad-19 ta' Jannar 2021, fol. 323 u 324 tal-proċess.
[80] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-15 ta' Marzu 2021, fol. 401 sa' 407 tal-proċess.

*ġara fil-ġnien li hemm in-naħa l-oħra tat-triq, fil-masġar li hemm fin-naħa l-oħra tat-triq. Jiena rrikorrejt fuq il-post fejn iktar tard kont ġejt infurmat ukoll li kien qed iżommu 3 persuni li allegatament kienu qed jiġu ndikati li kienu huma li wettqu s-serqa. Sakemm wasalt fuq il-post ġejt infurmat ukoll illi kien hemm it-tieni persuna li beda jgħid lill-Pulizija li kien ukoll safa' misruq u aggredit mill-istess 3 persuni. Jiena wasalt fuq il-post flimkien mat-team tiegħi u flimkien ukoll ma' l-Ispetur Mario Xiberras fejn fuq il-post ġew identifikati l-ħames persuni, kellhom iż-żewġ persuni li kienu ġew identifikati bħala ż-żewġ vittmi, wieħed Bradley Debono kif ukoll il-vittma l-ieħor ta' nazzjonalità barranija Ayan Khaz, kif ukoll fuq il-post insib tnejn ħdejn xulxin li kienu Priviledge Mupimhidzi u Ahmed Ali Salah Lawan li dawn kienu ħdejn xulxin u persuna oħra bl-isem ta' William Kelly Harrison li kien il-kantuniera l-oħra tat-triq. Dawn kienu qed jiġu miżmuma mill-uffiċjali tal-RIU, jiena min-naħa tiegħi bdejt inkellem lill-ewwel vittma, Ayan Khaz ... Kellimt ukoll fuq il-post, qabel ma ttieħed ukoll il-poliklinika, lil ċertu Bradley Debono, detentur tal-Karta ta' l-Identità numru 234802(L), fejn hu kien spjegali illi waqt li kien għaddej mill-masġar ukoll waqt illi kien sejjer id-dar waqt li kien ġej mix-xogħol, kien ġie avviċinat minn dawn it-tliet persuni u wieħed minnhom ukoll kien talbu sigarett. Hu ddeskrivieli li dan il-persuna li staqsieh għal sigarett u beda jindikali, minħabba li kien fuq il-post, beda jindikali illi din il-persuna kienet William Kelly Harrison, li talbu s-sigarett, għalkemm huwa nsista illi t-tliet irġiel li kienu preżenti, it-tlieta attakkawh. Hu wkoll kien identifikali fuq il-post waqt illi bdejt inkellmu waqt illi t-tliet persuni kienu miżmuma, illi kien Lawan Ahmed Ali Salah illi kien ħadlu l-mobile phone li kellu minn ġol-but. Tkellimt ukoll mal-Pulizija li kienu fuq il-post, li bdew izommu, biex nifhem kif ġew miżmumin ukoll, li kienu PC661 u PC486 li spjegawli illi waqt illi kienu fuq il-patrol fl-area, kien waqqafhom dan iċ-ċertu Ayaz Khan u kien spjegalhom illi safa' attakkat minn tliet persuni. Waqt li kienu qed jitkellmu miegħu, hu ra lil dawn it-tliet persuni illi hu identifikahom bħala l-persuni li kienu aggredewh, li kienu qed jaqsmu t-triq tal-Pietà, jiġifieri l-main road, biex jidħlu għal fejn sussegwentement ġew arrestati. Il-Pulizija min-naħa tagħhom marru warajhom fejn laħqu arrestaw lil Lawan Ahmed Ali Salah u lil Mupimhidzi Priviledge. It-tielet persuna kienet laħqet ħarbet minn fuq il-post. Dawn il-Pulizija, jiġifieri PC661 u PC486, talbu l-assistenza ta' aktar Pulizija kif ukoll talbu l-assistenza min-naħa tagħna fejn fuq il-post kienu waslu diversi units fosthom PC1352 u PC2 fejn kienu f'unit, f'karozza waħda, fejn ftit toroq il-bogħod, wara li kienu ngħataw id-deskrizzjoni tat-tielet persuna, kienu waqqfu lil ċertu William Kelly Harrison. Huma spjegaw illi waqt illi kienu qed iżommu lill-ewwel żewġ persuni, ġie fuqhom it-tieni allegatament vittma li huwa Bradley Debono u kien qalilhom mill-ewwel illi dawk il-persuni li kienu qed iżommu kienu l-persuni li kienu aggredew lilu u spjegalhom x'kien ġara wkoll. Waqt illi kienu qed iżommuhom u kont preżenti jiena, fuq il-persuna ta' Lawan Ahmed Ali Salah beda jdoqq mobile phone. Meta l-Pulizija ħarġu dan il-mobile, ġie kkonfermat illi l-istess mobile phone kien ta' Bradley Debono. Dan ġie kkonfermat minnu stess fuq il-post fil-preżenza tiegħi. Erġajt tkellimt ma' PC1352 u ma' PC2 fejn spjegawli x'kien ġara waqt l-arrest ta' William Kelly Harrison fejn huma kienu fi Triq Mile End li tiġi ftit il-bogħod minn fejn kienu arrestati ż-żewġ persuni filwaqt li żammew lil William Kelly Harrison, hu kien ikkopera mill-ewwel, kienu infurmawh li kien qed jiġi arrestat dak il-ħin rigward din is-serqa minħabba li kien hemm id-deskrizzjoni tal-vittmi li kienet taqbel perfettament ma' tiegħu u dak il-ħin, hu stess ukoll kien urihom fejn kien rema l-baskett li kien ħa lill-vittma fejn kien remieh f'xi taraġ li*

*hemm fil-qrib. Jiena dak il-ħin għaliex b'William Kelly Harrison flimkien mal-baskett, il-Pulizija tal-RIU meta ġew fuq il-post, jiena qabel ma telqu biex jiġu skortati ġewwa l-lockup tal-Pulizija, jiena dort wieħed wieħed u erġajt tajt id-drittijiet, kont infurmat illi kienu ngħataw id-drittijiet mill-Pulizija tal-RIU imma erġajt dort biex inkun żgur li reġgħu ngħataw wieħed wieħed u kont tajt id-drittijiet tagħhom fuq il-post lil kull wieħed minnhom.*

Fl-istqarrija li rrilaxxa lill-Pulizija nhar l-20 ta' Settembru 2020[81], l-imputat **William Kelly Harrison** ikkonferma li dakinhar ta' l-20 ta' Settembru 2020 għall-ħabta tat-3:00p.m., huwa ġie arrestat in konnessjoni ma' serqa fuq persuna Maltija, li mill-provi rriżulta li huwa Bradley Debono. F'din l-istess stqarrija l-imputat William Kelly Harrison iddikjara li hu, flimkien ma' l-imputat Priviledge Mupimhidzi u l-imputat Ahmed Ali Salah Lawan, dakinhar marru fil-ġnien fl-inħawi ta' Sa' Maison u dana għaliex *kont iddisprat għall-flus u morna hemmhekk biex forsi nakkwistaw xi ħaġa tal-flus bejnietna. ... Konna iddisprati, għax konna bil-ġuħ bil-għatx ma kellna letteralment xejn, u morna hemmhekk biex naraw naqra x'hemm u x'ma hemmx.* Iddikjara li wara li skontu l-imputati Priviledge Mupimhidzi u Ahmed Ali Salah Lawan marru jiġru wara persuna ta' nazzjonalità Indjana iżda ma qabduhx, huma t-tlieta bdew ħerġin 'l barra minn fejn kienu u hu ra *dan it-tifel żgħir bil-baskett. ... U lilu ffukajt fuqu, u għidtlu dan, dan ħa jlaqqatha u morna qbiżna fuqu jien u sieħbi. ... jien għidt m'hemmx x'tagħmel, iddisprati u dan ġie quddiemna. L-ieħor staqsih għal sigarett, l-ieħor lagħablu rest, jien ġbidlu l-baskett.* L-imputat jikkontendi li kien l-imputat Priviledge Mupimhidzi li ta daqqa lil dan il-persuna u *x'ħin kien qed jilgħabhielu jien qed niġbidlu l-baskett dan it-tifel jien. Niġbiddlu l-baskett, insomma, sakemm qed jilgħabielu l-ieħor dan it-tifel qed jipprova jserraħ mal-baskett... mal-baskett insomma u l-ieħor ġibdu u ġew għoqda flimkien, ma nafx ġbidt il-baskett jien u ħrabt. ... Steve u dawk bdee saqsewh għall-affarijiet li għandu ġol-but u insomma, u jien ħrabt 'l isfel bil-baskett. ... Jien għidtlu, għidtlu battal li għandek ġol-bwiet. ... nġiġbed il-baskett jien għidtlu: x'għandek ġol-bwiet? Oħroġhom, oħroġhom li għandek ġol-bwiet oħroġhom, u x'ħin għedtlu hekk, fl-aħħar b'naqra saħħa żejda l-baskett ġie f'idi u ħrabt 'l isfel jiena. ... Ma' l-art kien, mela mela ma' l-art kien. ... Ġie bla saħħa hu, u imbagħad ġbidtlu jien il-baskett. ... Dak il-ħin waqa' ma' l-art, imbagħad qabeż l-iswed imbagħad, qallu isma għandek il-mowbajl, jien għidtlu li għandek ġol-bwiet battalhom għidtlu għax ħa jiddispjaċik għidtlu lanqas ħaqq tweġġa' inti, waqt li qed niġbidlu l-baskett qed ngħidhomlu dawn l-affarijiet. Imbagħad ġbidtlu l-baskett bis-saħħa hekk u ħrabt 'l isfel. Għidtlu tiġrix warajja għax ħa jiddispjaċik għidlu, għidtlu lanqas ħaqq! Imbagħad minn dak il-ħin qsamt it-triq u qed nisma' s-sereni u xejn ħrabt. Ħrabt 'il fuq.* L-imputat William Kelly Harrison iddikjara wkoll li meta sussegwentement ġie arrestat mill-Pulizija huwa indika fejn kien ħalla l-baskett li kien seraq, ossia indikalhom li kien bejn Freelander u l-bankina. Iddikjara wkoll li ma kienx jaf x'kien hemm fil-baskett. Fir-rigward ta' min imbotta jew ta daqqa lil Bradley Debono, l-imputat William Kelly Harrison iddikjara *le ma mbuttajnihx, jien bdejt niġbidlu l-baskett, tilef il-bilanċ, ħadd ma mbotta, ġew kobba u!*

Fl-ewwel istqarrija tiegħu rilaxxata fl-20 ta' Settembru 2020[82], l-imputat **Priviledge Mupimhidzi** ddikjara li dakinhar ta' l-20 ta' Settembru 2020, meta huwa ġie

[81] Traskrizzjoni ta' l-istqarrija a fol. 790 sa' 801 tal-proċess.
[82] Fol. 286 sa' 298 tal-proċess.

arrestat flimkien ma' l-imputat William Kelly Harrison u l-imputat Ahmed Ali Salah Lawan, dan ta' l-aħħar magħruf minnu bħala Sissy l-Iswed, hu u dawn it-tnejn min-nies kienu ddeċidew li jqattgħu l-ġurnata flimkien. Huma niżlu fil-ġnien ta' ħdejn il-Bombi u ddikjara li *nżilna hemmhekk l-ewwel suppost kellna nintefgħu relax suppost, imma bdejna naraw in-nies ġejjin, is-sickness tad-droga bdiet tegħleb u riedu jfiequ u jien mort magħhom, la magħkom qiegħed u komplejt magħhom ... inqala' wieħed mill-Indja jew ma nafx minn fejn hu, beda jsaqsina għall-ħin l-ewwel u kellimna. ... issa dan wieħed* (ossia dan l-Indjan li semma') *telaq dik in-naħa u aħna flok tlaqna dik in-naħa tlaqna l-kontra tiegħu biex nitilgħu 'l fuq, kif wasalna hemm biċċa ċatta hekk għolja, ċatta hekk għolja, f'dik il-biċċa faċċata ta' Sa Maison ... dik il-biċċa qiegħda naqra għolja u ċatta, hemmhekk iltqajna ma' dak l-oħxon. ... William ħa ġirja għal ġo fih iċċarġjah. .... Kif rajna lil dan jien kont l-aħħar wieħed fuq wara smjat xi ħaġa kliem imma ma nafx ngħidlek għax inkun qed nigdeb, smajt xi ħaġa kliem u azzjoni mal-ewwel. ... William l-ewwel wieħed fuq quddiem u s-Sissy warajh. William il-baskett telaq bih u telaq telaq, telaq u bqajna hemm isfel jiena u s-Sissy, Sissy kellu l-mowbajl is-Sissy fuqu u bqajna mexjin normali. ... Il-mowbajl kien f'idejh dak iż-żagħżugħ.* L-imputat Priviledge Mupimhidzi tenna li l-baskett ta' Bradely Debono ħadu William Kelly Harrison u li dan tah, ossia Harrison lil Debono, *charge bħal tar-rugby, charge bum hekk u tgerbu, l-ieħor qed jgħajjat le, le, le, le, le, Sissy l-iswed waqt li qed jitqelbu 'l isfel qabad il-mowbajl u telaq, William, ma nafx kif waqt li kien qed jitqalbu l-baskett libsu, ġie fuqu ġie qisu libsu hu l-baskett, baqgħu niżlin jiġru 'l isfel u imbagħad jien mhux ser nibqa' hemm tlaqt warajhom, inżilt warajhom u kien hemm dak l-Indjan qed jitkellem mal-Pulizija f'dawra f'nofs ta' triq u għidtilhom isma għal xejn ħa tiġru ta hawnhekk qegħdin aħna, William telaq jiġri u jiena l-iswed għidtlu għal xejn ħa tiġri, jien ħa nimxi, in fatti huma telqu jiġru u jien bqajt miexi normali, in fatti waqqaft il-karozza għamiltilhom hekk mal-ewwel il-pulizija għax indunajt li żbaljajt. Dak li ġara.* L-imputat Mupimhidzi kkonferma li l-mobile ta' Bradley Debono instab fil-pussess ta' l-imputat Ahmed Ali Salah Lawan u li l-imputat William Kelly Harrison kien indika lill-Pulizija fejn kien il-baskett ta' l-imsemmi vittma. Fir-rigward ta' x'qal hu lil Bradley Debono, l-imputat iddikjara *għidtlu x'għandek ġol-but? Qalli ma baqgħali xejn. Bdejt ngħidlu x'għandek iktar ġol-but? Qalli xejn u ... tlaqna ħa niġru u William qallu tiġix warajja għax naqsamhielek rasek bil-ġebla u tlaqna hux, inżilna 'l isfel.*

Fl-istqarrija li rrilaxxa fl-20 ta' Settembru 2020[83] l-imputat **Ahmed Ali Salah Lawan** iddikjara li huwa lil Bradley Debono ma missux u li l-mobile tiegħu, ossia ta' Debono, li nstabu fuqu, kienu sabu ma' l-art, iżda imbagħad fl-istqarrija li irrilaxxa fil-21 ta' Settembru 2020[84], l-imsemmi imputat iddikjara li *jien qed niġri wara l-Pakistani fit-triq, waqt illi, waqt illi erġajt lura, it-tnejn kienu warajja, William u Priviledge, kienu warajja. Il-Malti kien ġej minn naħa tal-ġniena, aħna ma konniex bogħod ħafna, konna daqsxejn mhux bogħod, ftit. Viċin. William li ta daqqa ponn fuq il-Malti u l-Malti sfortunatament waqa'. ... Hawnhekk, kif hawnhekk kif ħa daqqa l-vittma fuq William waqa', jien ħadt il-mowbajl tal-Malti. Daqshekk. William ħa l-baskett u baqa' jiġri.* Huwa kkonferma li meta ġie arrestat mill-Pulizija, sabulu l-mobile ta' Bradley Debono fuqu.

---

[83] Fol. 342 sa' 364 tal-proċess.
[84] Fol. 365 sa' 377 tal-proċess.

Meta l-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni jiġu kkunsidrati fid-dawl tal-prinċipji ġuridiċi li jirregolaw ir-reat ta' serq u l-istess reat ta' serq ikkwalifikat bil-vjolenza u bil-valur, liema prinċipji già ġew ċitati iktar 'l fuq f'din id-deċiżjoni u a skans ta' ripetizzjoni ssir ampja referenza għalihom, jirriżulta li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova 'l hinn minn kull dubju raġonevoli l-ħtija ta' l-imputati William Kelly Harrison, Priviledge Mupimhidzi u Ahmed Ali Salah Lawan għar-reat ta' serq ikkwalifikat bil-vjolenza u bil-valur a dannu ta' Bradley Debono.

F'dan il-każ mhux biss hemm ix-xhieda ta' Bradley Debono fejn għaraf lit-tlett imputati bħala l-persuni li aggredewh, tefgħuh ma' l-art, żammewh u serqulu l-mobile u l-baskett, iżda hemm ukoll l-istqarrijiet tat-tlett imputati fejn kull wieħed minnhom spiċċa biex ammetta l-involviment tiegħu personali f'dan ir-reat. F'din l-aggressjoni u b'riżultat ta' l-istess Bradley Debono sofra ġrieħi ħfief u, jiġi ribadit, anke ġie miżmum ma' l-art sakemm itteħdulu l-mobile u l-baskett. In kwantu rigwarda l-valur ta' l-oġġetti misruqa, il-Qorti hawn ukoll tistrih fuq ix-xhieda ta' Bradley Debono liema xhieda kienet waħda konsistenti u kredibbli.

Għad illi l-mobile u l-baskett ta' Bradley Debono nstabu fi żmien qasir, il-mobile għaliex daqq waqt li l-imputati kienu arrestati u l-baskett għaliex l-imputat William Kelly Harrison indika fejn kien ħbieh, ir-reat ta' serq jissussisti fi kwalunkwe każ u dana billi, kif già iktar 'l fuq osservat ir-reat ta' serq huwa kkonsmat u jissussisti fl-elementi kollha tiegħu fil-mument li *la cosa fosse anche spostata dal luogo in cui originariamente si trovava*, irrispettivament mir-ritorn eventwali tar-*res furtiva* u li *l-ġuristi Taljani huma konkordi li għall-prova ta' dan l-element formali tar-reat, irid jintwera li l-att illeċitu jkun sar bid-dolo speċifiku cioè bil-konoxxenza u volontà ta' l-aġent li jakkwista xi vantaġġ għalih jew għal ħaddieħor:- "... nella nozione di profitto rientra qualsiasi utilità o sodisfazione, anche puramente morale, che l'agente intenda ricavare dall'impossessamento della cosa*[85].

Fid-dawl ta' dak li rriżulta mill-provi prodotti għalhekk jirriżulta 'l hinn minn kull dubju raġonevoli li t-tlett imputati in kwistjoni, ossia William Kelly Harrison, Priviledge Mupimhidzi u Ahmed Ali Salah Lawan, huma ħatja tar-reat ta' serq ikkwalifikat bil-vjolenza ai termini ta' l-Artikolu 262(1)(a)(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u kkwalifikat ukoll bil-valur ai termini ta' l-Artikolu 267 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

In kwantu rigwarda l-imputazzjoni tar-reat ta' serq ikkwalifikat bil-lok, għar-raġunijiet già mogħtija iktar 'l fuq, u cioè li l-post fejn seħħet l-aggressjoni u serqa fuq Bradley Debono ma jistax u ma għandux jitqies bħala triq fil-kampanja 'l barra mill-abitat, il-Qorti tqis li ma tistax u ma għandhiex issib lill-imsemmija tlett imputati ħatja tar-reat ta' serq ikkwalifikat bil-lok ai termini ta' l-Artikolu 269(ċ) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Is-**sitt imputazzjoni** dedotta fil-konfront ta' l-imputati William Kelly Harrison, Priviledge Mupimhidzi u Ahmed Ali Salah Lawan hija talli nhar it-8 ta' Settembru 2020, għall-ħabta ta' bejn 04:00hrs u 04:15hrs minn ġewwa Xatt Ta' Xbiex, Msida, u/jew fl-inħawi tal-madwar ikkommettew serq ta' oġġetti, liema serq hu kkwalifikat

[85] Il-Pulizija v. Kevin Tonna, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-8 ta' Frar 2022.

bil-vjolenza, bil-valur li ma jeċċedix €2,329,37 u bil-ħin u li sar għad-dannu ta' Ahmed Saad Belzaraa.

L-Artikoli tal-Liġi ndikati mill-Avukat Ġenerali fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju u li taħthom iqis li l-Qorti tista' ssib ħtija fl-imputati msemmija huma l-Artikoli 261(a)(ċ)(f), 262(1)(a)(b), 267, 270, 279(a) u 280(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-imsemmija tlett imputati wieġbu li ma humiex ħatja ta' din l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħhom.

**Ahmed Saad Belzaraa**[86] xehed illi f'Settembru 2020 huwa kien għaddej waħdu minn ħdejn il-Knisja ta' l-Imsida bil-lejl għall-ħabta ta' nofs il-lejl. Huwa kien bilqiegħda fejn il-Knisja u imbagħad beda miexi lejn Ta' Xbiex u f'ħin minnhom sab tlieta min-nies fuq ix-xellug tiegħu u wieħed minnhom seraqlu l-mobile. Ahmed Saad Belzaraa telaq jiġri wara min kien ħadlu l-mobile iżda ħarġet persuna oħra minn wara vettura, taħ daqqa ta' sieq u waqqgħu. Huwa qam u reġa' beda jiġri wara min ħadlu l-mobile iżda reġgħet ħarġet persuna oħra minn wara vettura u reġgħet tatu daqqa ta' sieq. Belzaraa għaraf lit-tlett imputati Ahmed Ali Salah Lawan, William Kelly Harrison u Priviledge Mupimhidzi bħala it-tlett persuni involuti f'din is-serqa. Huwa indika lill-imputat Lawan bħala l-persuna li serqitlu l-mobile u indika lill-imputat William Kelly Harrison bħala l-ewwel wieħed li ħareġ minn wara l-karozza, tah daqqa ta' sieq u waqqgħu u għaraf lill-imputat Priviledge Mupimhidzi bħala t-tieni wieħed li ħareġ minn wara l-karozza, tah daqqa ta' sieq oħra u reġa' waqqgħu. L-imsemmi xhud iddikjara li fil-kuntest ta' dan l-inċident huwa weġġa' idu x-xellugija, il-kustilji fuq in-naħa tal-lemin u siequ tax-xellug in-naħa t'isfel. Belzaraa għamel rapport mal-Pulizija dwar dan il-każ iżda meta l-pulizija ħarġu jfittxuhom l-ewwel darba ma sabuhomx. Hu u sejjer id-dar Ahmed Saad Belzaraa reġa' lemaħ tnejn mill-aggressuri tiegħu iżda mhux lil min kien ħadlu l-mobile. Il-Pulizija ġew fuq il-post u żammew lil dawn it-tnejn min-nies, li mill-provi rriżulta li kienu l-imputat William Kelly Harrison u l-imputat Priviledge Mupimhidzi, iżda fuqhom ma sabulhom xejn. Belzaraa stqarr ukoll li apparte l-mobile, illi xehed li jiswa madwar €140, dakinhar serqulu ukoll flus fl-ammont ta' €160.

**L-Ispettur Mario Xiberras**[87] xehed illi *vittma oħra li rriżultalna matul l-investigazzjoni rigward inċident ieħor tat-8 ta' Settembru 2020 li seħħet bejn l-04:00a.m. u l-4:10a.m. kien Ahmed Said Belzaraa ta' nazzjonalità Libjana, detentur tal-Karta ta' l-Identità Numru 159707(A). Qal li kien ħdejn il-Knisja ta' l-Imsida, ġie avviċinat minn 3 irġiel li tnejn minnhom kienu ta' karnaġġjon skur, fejn 2 minnhom talbuh sigarett u qal li persuna minnhom, li aktar 'l quddiem waqt li kien l-uffiċju għarfu li kien Lawan, ħadlu l-mobile u t-tnejn l-oħra xi ħadd minnhom ma jafx eżatt min kien, tah daqqa f'ġenbu u telqu jiġru. Imbagħad wara mar jagħmel rapport l-għassa ta' l-Imsida.* L-Ispettur Xiberras esebixxa r-rapport li għamel Ahmed Saad Belzaraa markat bħala Dok. "MX1" a fol. 45 sa' 47 tal-proċess.

**PC1288 Christian Attard**[88] xehed illi *nhar it-8 ta' Settembru 2020, għall-ħabta ta' l-erbgħa u kwart ta' filgħodu waqt li kont xogħol l-Għassa Msida, daħal ċertu*

[86] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-14 ta' Ottubru 2020, fol. 126 sa' 130 tal-proċess.
[87] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-28 ta' Settembru 2020, fol. 38 sa' 44 tal-proċess.
[88] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-15 ta' Diċembru 2020, fol. 257 u 258 tal-proċess.

*Ahmed Saad fejn stqarr li ġie attakkat minn tliet irġiel fejn ħadulu l-mobile tiegħu. Hu qal li kien sejjer lura bil-mixi lejn id-dar tiegħu u meta wasal quddiem il-Knisja ta' l-Imsida waqqfuh tliet irġiel u l-ewwel staqsewh għal xi sigaretti, dan waqaf jagħtihom is-sigaretti u fil-pront wieħed minnhom attakkah, tah daqqa f'ġenbu u ħadlu l-mobile. … Jiena ħadtlu r-rapport u ppruvajt niġbor id-dettalji u ħadt id-dettalji ta' x'kien liebes wieħed minnhom, tal-ħwejjeġ, u nfurmajt lis-Surġent li mar idur l-area.* PC1288 Christian Attard ikkonferma r-rapport esebit bħala Dok. "MX1" a fol. 45 sa' 47 tal-proċess.

Fl-istqarrija li rrilaxxa fil-21 ta' Settembru 2020[89], b'referenza għal dan il-każ partikolari l-imputat **William Kelly Harrison** iddikjara li dakinhar hu u l-imputat Priviledge Mupimhidzi kienu *mixjin ħdejn Mamma Mia, ma stajniex norqdu konna mexjin u naraw wieħed Għarbi għaddej, hekk wieħed Għarbi għaddej bil-basktijiet u għidna ostja madoff dan neħdulu l-baskett u xi ħaġa u naraw lil Ahmed warajh miexi, ma konniex nafu li dana, iltqajna miegħu hekk jiġifieri kumbinazzjoni u kien qed isegwih hu wkoll fl-istess ħin, imbagħad kiser 'l fuq l-Għarbi ma nafx x'staqsih Ahmed, staqsih għal sigarett insomma qabad iparla fil-vojt l-Għarbi, qallu: isma ġbin mur ixtri u ma nafx x'ġara insomma ġibidlu xi ħaġa dak il-ħin Ahmed u telaq jiġri warajh l-Għarbi, Steve itieh daqqa ta' sieq iħabtu ma' kantuniera u jien xejn lanqas tajt daqqa xejn dak il-ħin ħrabt niġri jien, ma kontx naf x'ser naqbad nagħmel jien, tfixkilt jien u dana u ħarab 'l hemm u lanqas rajnih iktar lill-ieħor.* Mistoqsi dwar x'għamel Ahmed Ali Salah Lawan, William Kelly Harrison wieġeb *qabad xi ħaġa u ħarab 'l hemm. Ma nafx x'għamel xi ħaġa jew ipprova jeħodlu l-pakkett tas-sigaretti jew xi ħaġa u ħarablu 'l hemm u telaq jiġri warajh l-Għarbi mill-ewwel, u x'ħin telaq jiġri warajh, l-ieħor jagħtih daqqa ta' sieq u jeħodlu fil-ġenb lilu imbagħad kellu xi argument miegħu, ma' Steve u spiċċa mar l-għassa dan l-Għarbi u ġew il-Pulizija nsomma u qalulu fejn hu dan l-iswed? Jien naf, dak telaq 'l hemm, lanqas naf x'ħadulu aħna, lanqas naf x'ħadielu, forsi ħadlu pakkett ta' sigaretti jew xi ħaġa, talbu sigarett, jagħtih sigarett, qallu isma' ġbin mur ixtri u naħseb ħataflu l-pakkett tas-sigaretti u ħarablu lil hemm. Tah daqqa ta' sieq Steve għax ħaseb li kien ser imur jaqbad itih. … L-Għarbi baqa' jparla fil-vojt ma' Steve u l-ieħor qallu isma ġbin itlaq 'l hemm ta' qallu, qallu għax issa ħa ddejjaqni ħa toqgħod tiġri warajja, aħna ma ħadnielek xejn, veru ma ħadnielu xejn, jekk ħadlu xi ħaġa forsi ħadlu xi pakkett tas-sigaretti l-iswed, imma daqshekk.* Rinfaċċjat mill-Ispettur li l-vittma jikkontendi li nsteraqlu mobile, l-imputat William Kelly Harrison wieġeb *mowbajl! Ma nafx, jiena pakkett sigaretti mingħalija, għax talbu sigarett, ħataflu xi ħaġa lilu jiena mingħalija sigarett, pakkett ħataflu u telaq jiġri.* Harrison saħaq li għalkemm hu u Priviledge Mupimhidzi kienu ftehmu li se jagħmlu xi ħaġa lil dana Ahmed Saad Belzaraa, ma għamlulu xejn għaliex già kien hemm l-imputat Ahmed Ali Salah Lawan warajh, tenna li *għidna ħa nsegwuhom it-tnejn aħna u f'ħin minnhom Ahmed jersaq viċin ta' dan l-Għarbi u talbu sigarett insomma f'daqqa waħda ma nafx x'qallu l-Għarbi u qallu bleblebIe xi ħaġa bil-Libjan, ħataflu xi ħaġa Ahmed u ħarablu jiġri, pup, u f'daqqa waħda dan l-Għarbi jdur u telaq jiġri warajh u Steve rah u jtieh daqqa ta' sieq waqt li qed jiġri, tum fixxlu u tefgħu ma' l-art insomma, imbagħad aħna tlaqna 'l hemm, l-Għarbi qagħad iparla ma' Steve insomma qagħad iparla mieħgu, qallu isma ġbin ħa nagaralek blue tooth speaker, kien ser igaraħħulu u hekk, imbagħad waqfet hemm, qabad u mar l-Għassa l-*

[89] Fol. 270 sa' 285 tal-proċess.

*Għarbi u aħna tlaqna 'l hemm mexjin lejn il-Mamma Mia, f'daqqa waħda tiġi karozza tal-Pulizija, gie tnejn Pulizija u qalli: ieqaf hemm, qalli: Isma' għandek mowbajl, qalli fejn hu l-iswed, għidtlu x'mowbajl u iswed? Għidtlu l-iswed ma kienx magħna, għidtlu u dan l-Għarbi kellu xi jgħid ma' l-iswed u mhux magħna. Jiġifieri aħna ma kellna xejn x'naqsmu ma' dak.*

Fl-istqarrija rilaxxata fil-21 ta' Settembru 2020[90], l-imputat **Ahmed Ali Salah Lawan** iddikjara li nhar it-8 ta' Settembru 2020 għall-ħabta ta' l-4:00a.m., hu flimkien ma' William Kelly Harrison u persuna oħra li iktar 'l quddiem fl-istqarrija tiegħu rriżulta li kien l-imputat Priviledge Mupimhidzi, kienu ġejjin lura minn Paceville u x'ħin waslu ħdejn l-istabiliment Mamma Mia, Ta' Xbiex, raw Għarbi (li mill-provi rriżulta li huwa Ahmed Saad Belzaraa), li skontu kien fis-sakkra, ġej lejhom. Hu, ossia l-imputat Lawan, mar fuq dan il-raġel u ħadlu l-mobile. L-imputat William Kelly Harrison u l-imputat Priviledge Mupimhidzi kienu ftit 'l bogħod jaraw x'qed jiġri u Lawan kellu jaqbad ikellem lil dan l-Għarbi iżda spiċċaw biex iġġieldu u dan l-Għarbi kien se jagħtih daqqa bil-mobile iżda Lawan irnexxielu jirwilu idu, jwaqqgħu ma' l-art u f'dak il-ħin ħadlu l-mobile. L-imputat Ahmed Ali Salah Lawan iddikjara li l-imputat Priviledge Mupimhidzi wkoll ta daqqa lil dan l-Għarbi iżda l-imputat William Kelly Harrison ma għamillu xejn. Ahmed Ali Salah Lawan iddikjara ulterjorment illi meta nduna li kien hemm il-Pulizija warajhom huwa rema l-mobile ta' l-Għarbi fiż-żibel u ma ħa xejn iktar mingħandu. Hu u ż-żewġ imputati l-oħra telqu minn fuq il-post, marru f'garage l-Marsa u raqdu hemm.

L-**ex PS 1268 Ivan Caruana**[91] xehed illi *nhar it-8 ta' Settembru tas-sena 2020, għall-ħabta tal-04:15a.m. daħal persuna l-għassa ta' l-Imsida, ċertu Ahmed Saad Belzaraa, detentur tal-Karta ta' l-Identità numru 159707(A), fejn dan kien ippanikjat u stqarr illi xi ħadd seraqlu l-mobile. Ħriġna barra, uriena fejn kienu u qalilna li kien quddiem il-knisja ta' l-Imsida. Aħna morna fuq il-post, bdejna nfittxu imma ma sibna lil ħadd dak il-ħin. Qalilna li ġrew lejn il-Pietà, qbadna l-vettura u morna nduru l-akkwati fejn ma sibna xejn, dorna lura u kif għaddejjin minn Triq ix-Xatt ta' Tax-Xbiex, l-Imsida, quddiem il-Busy Bee, ninnutaw żewġ persuni mexjin. Waqqafnihom u bdejna nkellmuhom, dawn irriżulta illi kienu, mid-dettalji li ħadnilhom, William Kelly Harrison, detentur tal-Karta ta' l-Identità numru 46463(A) u Priviledge Mupimhidzi, detentur tal-Karta ta' l-Identità numru 123804(L). Aħna għednielhom illi għandna suspett għaliex kienu qablu mad-deskrizzjoni illi tana hu, li kienu serqu xi mobile, għamilnielhom search fuqhom għaliex kellhom xi basktijiet, haversacks, u ma sibna xejn fuq il-post. Sakemm qed inkellmuhom ġie l-vittma wkoll u qal li dawn kienu magħhom imma kien ieħor illi serqu li kien ta' karnaġġjon iktar skur minn dawn it-tnejn imma ma kienx magħhom dan il-persuna. Aħna bagħtnihom 'l hemm imbagħad komplejna induru l-akkwati forsi nsibu lill-persuna l-oħra imma ma sibniehx.* Mistoqsi jekk fl-Awla jagħrafx iż-żewġ persuni illi kellem dakinhar, l-ex PS1268 Ivan Caruana wieġeb fin-negattiv. Huwa però kkonferma r-rapport li kien għamel u li ġie minnu esebit bħala Dok. "VC" a fol. 387 sa' 389 tal-proċess.

---

[90] Fol. 366 sa' 377 tal-proċess.
[91] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-8 ta' Marzu 2021, fol. 385 u 386 tal-proċess.

L-**Ispettur Lydon Zammit**[92] xehed illi meta kienu qed jinvestigaw il-każijiet l-oħra li fihom skond il-Pulizija kienu nvoluti l-imputati William Kelly Harrison, Priviledge Mupimhidzi u Ahmed Ali Salah Lawan sabu li *fit-8 ta' Settembru ta' l-istess sena* [ossia ta' l-2020] *kien irrapporta ċertu Ahmed Saad Balzaraa, detentur tal-Karta ta' l-Identità numru 159707(A), ġewwa l-Għassa ta' l-Imsida għall-ħabta ta' l-04:00a.m. fejn kien infurmahom illi tliet persuni kienu aggredewh u kienu serqulu ukoll mobile phone. Hemmhekk ġejt infurmat illi dan l-inċident kien seħħ ġewwa x-Xatt ta' l-Imsida u meta tkellimt mal-vittma jiena stess minħabba li kienu għaddew xi ftit ġranet mill-inċident, fejn hu kien infurmani illi kienu tliet persuni li attakkawh iżda l-persuna li kienet serqitlu l-mobile kien persuna ta' karnaġġjon skur. Waqt li din il-persuna kien qed jisraqlu l-mobile, iż-żewġ persuni l-oħra, wieħed minnhom, kien anke tah bis-sieq biex jaljenawh naqra mill-inċident. Gejt infurmat ukoll illi kien irrikorra fuq il-post PS1268 Ivan Caruana, illum ex-PS, li hu kien infurmani illi l-vittma kien indika żewġ persuni mit-tlieta jiġifieri mhux il-persuna li kien ħadlu l-mobile imma ż-żewġ persuni li kienu miegħu, li dawn kienu ġew identifikati bħala William Kelly Harrison u Priviledge Mupimhidzi fuq il-post imma minħabba li l-mobile phone, dakinhar jien ġejt infurmat illi ma nstabx minħabba li kien għand it-tielet wieħed, il-Pulizija kienu ddeċidet illi just jieħdu d-dettalji ta' dawk il-persuni u ma jitteħdux passi kontrihom.*

Kif già iktar 'l fuq osservat, l-artikoli tal-Liġi indikati mill-Avukat Ġenerali fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju relattivament għas-sitt imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputati William Kelly Harrison, Priviledge Muphimidzi u Ahmed Ali Salah Lawan huma l-Artikoli 261(a)(ċ)(f), 262(1)(a)(b), 267, 270, 279(a) u 280(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Essenzjalment għalhekk skond l-Avukat Ġenerali l-imsemmija tlett imputati jistgħu, in bażi għall-provi prodotti, jinstabu ħatja tar-reat ta' serq ikkwalifikat bil-vjolenza, inkluża dik numerika, bil-valur u bil-ħin.

L-imputat Ahmed Ali Salah Lawan ammetta fl-istqarrija tiegħu l-involviment tiegħu personali fis-serqa a dannu ta' Ahmed Saad Belzaraa u addirittura ammetta li kien hu li seraqlu l-mobile. Għalkemm l-imputat William Kelly Harrison jiċħad kull involviment, għad illi jammetti li kienu fuq il-post fil-ħin tas-serqa, u għalkemm fl-istqarrijiet ta' l-imputat Priviledge Mupimhidzi ma ssir ebda referenza għal dan l-inċident partikolari, il-Qorti hija konvinta li kemm l-imputat William Kelly Harrison kif ukoll l-imputat Priviledge Mupimhidzi kienu involuti f'din is-serqa a detriment ta' Ahmed Saad Belzaraa.

Apparte l-fatt li l-verżjoni tal-fatti mogħtija minn William Kelly Harrison fl-istqarrija tiegħu ma tagħmel l-ebda sens, il-vittma, ossia Ahmed Saad Belzaraa, mill-ewwel u b'mod konsistenti għaraf lill-imsemmija tlett imputati bħala l-persuni li aggredewh u serqulu l-mobile. L-imsemmi vittma ta lill-Pulizija deskrizzjoni dettaljata ta' l-aggressuri tiegħu tant illi dakinhar stess a bażi tad-deskrizzjoni li tahom waqqfu proprio lill-imputati William Kelly Harrison u Priviledge Mupimhidzi bħala żewġ persuni involuti f'din is-serqa u kien il-vittma stess li fuq il-post informa lill-Pulizija li kien it-tielet persuna involut li kien seraqlu l-mobile u mill-provi rriżulta li din it-tielet persuna kien fil-fatt l-imputat Ahmed Ali Salah Lawan. Dakinhar li xehed quddiem il-Qorti, Ahmed Saad Belzaraa bla eżitazzjoni ta' xejn għaraf lit-tlett

[92] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-15 ta' Marzu 2021, fol. 401 sa' 407 tal-proċess.

imputati in kwistjoni bħala t-tlett persuni involuti fl-aggressjoni u serqa a dannu tiegħu.

Għalkemm il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova 'l hinn minn kull dubju raġonevoli li t-tlett imputati huma ħatja tas-serqa a dannu ta' Ahmed Saad Belzaraa, b'dana għalhekk li huma ħatja tar-reat ta' serq ikkwalifikat bil-vjolenza ai termini ta' l-Artikolu 262(1)(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, tqis li l-Prosekuzzjoni ma irnexxilhiex tipprova 'l hinn minn kull dubju raġonevoli li l-imsemmija tlett imputati huma ħatja tar-reat ta' serq ikkwalifikat bil-vjolenza ai termini ta' l-Artikolu 262(1)(a) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Biex tirriżulta l-kwalifika tal-vjolenza ai termini ta' l-Artikolu 262(1)(a) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, is-serq irid ikun seħħ *flimkien ma' omiċidju, ma' offiża fuq il-persuna, jew ma sekwestru tal-persuna, jew ma' theddid, bil-miktub jew bil-fomm, ta' omiċidju, jew ta' offiża fuq il-persuna jew ta' ħsara fil-proprjetà*. F'dan il-każ ma jirriżultawx l-estremi tas-sekwestru ta' persuna u għalkemm Ahmed Saad Belzaraa iddikjara li huwa sofra xi ġrieħi b'konsegwenza ta' dan l-inċident, l-istess ma jirriżultawx ippruvati 'l hinn minn kull dubju raġonevoli. Apparte minnhekk lanqas ma rriżulta li kien hemm xi theddid da parte ta' l-imputati verso l-imsemmi vittma. Għaldaqstant, l-imputati William Kelly Harrison, Priviledge Mupimhidzi u Ahmed Ali Salah Lawan ma jistgħux jinstabu ħatja tar-reat ta' serq ikkwalifikat bil-vjolenza ai termini ta' l-Artikolu 262(1)(a) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

In kwantu rigwarda l-kwalifika tal-valur, l-Artikolu 267 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li s-serq huwa kkwalifikat bil-valur meta l-ħaġa misruqa tkun tiswa aktar minn €232.94. Ahmed Saad Belzaraa ddikjara li l-mobile li nsteraqlu kellu valur ta' madwar €140 u għalkemm f'ċertu punt saret referenza għal xi flus fl-ammont ta' €160, il-Qorti tqis li l-prova fir-rigward ma saritx b'mod sodisfaċenti u skond l-oneru rikjest mill-Liġi. B'hekk il-valur ta' dak li nsteraq li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli huwa l-valur ta' €140 rappreżentanti l-valur tal-mobile. B'hekk l-imputati William Kelly Harrison, Priviledge Mupimhidzi u Ahmed Ali Salah LAwan ma għandhomx jinstabu ħatja tar-reat ta' serq ikkwalifikat bil-valur ai termini ta' l-Artikolu 267 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-istess imsemmija imputati qed jiġu akkużati wkoll bir-reat ta' serq ikkwalifikat bil-ħin ai termini ta' l-Artikolu 270 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi illi s-serq huwa kkwalifikat bil-ħin meta jsir bil-lejl, jiġifieri bejn inżul u t-tlugħ ix-xemx.

Mill-provi prodotti rriżulta li s-serqa in kwistjoni seħħet bejn l-4:00a.m. u l-4:15a.m. tat-8 ta' Settembru 2020. Din il-Qorti ma għandha assolutament l-ebda dubju li dak il-ħin ix-xemx kienet għadha ma telgħetx u għaldaqstant fil-fehma tagħha din il-kwalifika partikolari għar-reat ta' serq in kwistjoni tissussisti. Id-Difensur ta' l-imputat William Kelly Harrison issottometta li l-Prosekuzzjoni ma għamlitx l-aħjar prova dwar il-kwalifika tal-ħin u dana peress illi ma ġiex prodott bħala xhud rappreżentant tal-MET Office ta' l-MIA, skond l-imsemmija difiża prova kardinali għall-fini ta' din il-kwalifika. F'tali rigward id-Difensur ta' l-imputat William Kelly Harrison għamel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Bernice Camilleri** deċiża mill-Qorti Kriminali fid-29 ta' April 2022. Din il-Qorti fliet din is-sentenza bir-reqqa u ma thossx li l-kwalifika tal-ħin f'dak il-każ tista' tiġi

ekwiparata mal-kwalifika tal-ħin fil-każ in eżami. Fil-proċeduri **Ir-Repubblika ta' Malta v. Bernice Camilleri** l-akkuża kienet li s-serqa mertu ta' dawk il-proċeduri seħħet għall-ħabta tas-sebgħa neqsin kwart (18:45hrs) tat-8 ta' Diċembru 2010 filwaqt li fil-proċeduri odjerni l-imputazzjoni hi li s-serqa a dannu ta' Ahmed Saad Belzaraa seħħet bejn l-erbgħa ta' filgħodu u l-erbgħa u kwart ta' filgħodu tat-8 ta' Settembru 2020. Filwaqt li l-Qorti tista' tifhem li mingħajr prova konklussiva jista' jkun hemm dubju dwar jekk fis-6:48p.m. tkunx già niżlet ix-xemx jew le, ma tqisx li għandu jkun hemm l-istess tip ta' dubju fir-rigward tal-fatt li bejn l-4:00a.m. u l-4:15a.m. ix-xemx bħala fatt tkun għadha ma telgħetx, irrispettivament mix-xahar involut.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti tqis li l-imputati William Kelly Harrison, Priviledge Mupimhidzi u Ahmed Ali Salah Lawan għandhom jinstabu ħatja tar-reat ta' serq bil-kwalifika tal-ħin ai termini ta' l-Artikolu 270 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Is-**seba' imputazzjoni** dedotta fil-konfront ta' l-imputati William Kelly Harrison, Priviledge Mupimhidzi u Ahmed Ali Salah Lawan hija talli nhar l-20 ta' Settembru 2020, għall-ħabta ta' bejn 15:00hrs u 15:15hrs ġewwa l-Jubilee Grove, li jinsab ġewwa Triq l-Indipendenza, Pietà u/jew fl-inħawi tal-madwar, bil-ħsieb li jagħmlu delitt ta' serq ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-valur li ma jeċċedix €2,329.37 u bil-lok fuq il-persuna ta' Ayaz Khan, urew dan il-ħsieb b'atti esterni u taw bidu għall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa indipendenti u aċċidentali mill-volontà tagħhom.

L-Artikoli tal-Liġi indikati mill-Avukat Ġenerali fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju relattivament għal din l-imputazzjoni partikolari huma l-Artikoli 41(1)(a), 261(a)(ċ)(e), 262(1)(a)(b), 267, 269(ċ), 274(ċ), 275, 277(a), 279(a) u 280(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-imputati in kwistjoni wieġbu li ma humiex ħatja ta' din l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħhom.

**Ayaz Khan**[93] xehed illi f'Settembru 2020 f'xi ħin bejn 1:30p.m. u 3:30p.m., huwa kien qiegħed viċin il-Bombi ħdejn il-bus stop u x'ħin kien hemm, kien hemm xi nies u xi ħadd tefalu ġebla. Huwa spjega li *kien hemm żewġ persuni li ħin minnhom waqqfuni għax kienu fuq iż-żewġ naħat tiegħi u wieħed minnhom tefali ġebla u laqatni fuq in-naħa ta' wara ta' rasi. Kif appena qlajt id-daqqa jiena ħrabt niġri u mort fid-direzzjoni ta' fuq tat-triq. Kif kont miexi fit-triq, rajt karozza tal-Pulizija, waqqaftha u spjegajtilhom x'kien ġrali u ndikajt persuna li kien tefali l-ġebla fuq l-inċident li kelli dak il-ħin. ... Kif ġew il-Pulizija kienu qed jaqsmu t-triq u daru mar-roundabout dak il-ħin li kien hemm il-Pulizija. ... Dak il-ħin kien hemm żewġ persuni biss. ... Il-Pulizija żammew wieħed minnhom imbagħad il-Pulizija l-ieħor beda jkellem lili biex jara eżattament x'kien qiegħed jiġri.* Ayaz Khan iddikjara li dakinhar ma nsteraqlu xejn iżda kkonferma li huwa sofra ġrieħi f'rasu fuq wara. Dakinhar illi xehed quddiem il-Qorti, Ayaz Khan għaraf lill-imputat Ahmed Ali Salah Lawan u lill-imputat Priviledge Mupimhidzi.

[93] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-14 ta' Ottubru 2020, fol. 134 sa' 136 tal-proċess.

L-**Ispettur Mario Xiberras**[94] xehed illi meta dakinhar ta' l-20 ta' Settembru 2020 għall-ħabta tat-3:00p.m. hu u l-kollegi tiegħu marru fuq il-post fejn membri ta' l-RIU kienu arrestaw xi persuni in konnessjoni ma' serq, huwa hemmhekk sab u kellem lil *Khan Ayaz bil-permesso di soggiorno 111960225 ta' nazzjonalità Pakistana fejn qalilna illi kien qiegħed ħdejn il-bus stop tal-Pietà fejn hemm il-klabb tal-boċċi fejn hemmhekk qal illi Priviledge mar ħdejh u wieħed mill-guys li kien hemm miegħu, William jew Salah Lawan, mar fuqu biex jeħodlu l-mobile u l-baskett imma ma irnexxilhomx jeħdulu xejn imma qalli li Priviledge tah daqqa ta' ġebla f'rasu. Dan ukoll offrejnielu biex inwassluh il-polyclinic fejn ġie ċċertifikat minn Dr. Ivana Grech bin-numru 6236 fejn iċċertifikatu li kien qed isofri minn slight injuries.*

**PS1255 Christian Azzopardi**[95] xehed illi dakinhar ta' l-20 ta' Settembru 2020 meta hu flimkien ma' l-Ispettur Lydon Zammit, l-Ispettur Mario Xiberras u PS90 Jeffrey Gerada marru l-Pietà fil-post fejn membri tal-RIU kienu arrestaw xi nies, huwa ra lil Ayaz Khan qabel ma dan ttieħed iċ-Ċentru tas-Saħħa u hemm tkellem ma' PC661 Chris Grech li nfurmah li hu, ossia PC661 Chris Grech, *flimkien ma' PC486 Ryan Camilleri, qalulna li huma kienu għadhom ġejjin jagħtu l-petrol lill-vettura tagħhom, kienu telgħin minn Triq l-Indipendenza, fejn f'ħin minnhom waqqafhom l-ewwel vittma Ayaz Khan li kien għadu kif ġie misruq. Kif dawwar rasu dan Ayaz Khan intebaħ li t-tliet agressuri kienu qed jaqsmu t-triq u immedjatament il-membri tar-Rapid Intervention Unit marru jiġru warajhom u arrestawhom. Ftit iktar 'l fuq ġew fuq il-post PC2 u PC1352 li ġrew wara Harrison u arrestawh daqsxejn iktar 'l fuq mill-oħrajn.*

Ix-xhieda ta' l-uffiċjali tal-RIU involuti f'dan il-każ già saret referenza għaliha iktar 'l fuq f'din is-sentenza u a skans ta' ripetizzjoni inutili l-Qorti mill-ġdid tagħmel ampja referenza għaliha.

**L-Ispettur Lydon Zammit** esebixxa ċ-ċertifikat mediku maħruġ minn Dr. Ivana Grech relattiv għall-ġrieħi li kellu Ayaz Khan[96] u fir-rigward ta' dan il-każ partikolari xehed illi meta hu u l-kollegi tiegħu niżlu ħdejn l-uffiċjali tal-RIU li kellhom lit-tlett persuni arrestati, li mill-provi rriżulta li kienu l-imputati William Kelly Harrison, Priviledge Mupimhidzi u Ahmed Ali Salah LAwan, nhar l-20 ta' Settembru 2020 għall-ħabta tat-3:00p.m., *bdejt inkellem lill-ewwel vittma, Ayan Khaz, biex jiena nifhem naqra x'ġara u x'ma ġarax fl-inċident u nfurmani illi waqt li kien miexi fil-masġar li hemm Sa Maison ftit il-bogħod minn fejn, forsi hemm 150 metru bogħod minn fejn kienu qed jiġu miżmuma dawn it-tliet persuni, hu ra tliet persuni maskili li kienu qegħdin jidhru suspettati u għorkitu għajnu minnhom. Tnejn minnhom hu spjega illi kienu qishom qed iħarsu biex jaraw x'qed jiġri filwaqt illi wieħed minnhom avviċinah u kien qalli illi kien talbu sigarett. Din l-istess persuna, waqt illi qed titolbu s-sigarett, persuna oħra ġie u tah daqqa ta' ġebla li hu kien ikkonferma li din il-persuna li tatu d-daqqa kien ġabar minn ma' l-art. Hu kien sofra wkoll xi ġrieħi f'dan l-inċident iktar tard u kien ġie akkumpanjat mill-Pulizija tagħna ġewwa l-Floriana Health Centre fejn kien ġie invistat minn Dr. Ivana Grech*

[94] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-28 ta' Settembru 2020, fol. 38 sa' 44 tal-proċess.
[95] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tad-9 ta' Ottubru 2020, fol. 103 sa' 110 tal-proċess.
[96] Dok. "GBX1" a fol. 234 tal-proċess.

*bin-numru tar-reġistrazzjoni medika 6236 fejn ġie iċċertifikat illi kellu ġrieħi ħfief. Hu spjegali li waqt li kien qed jaqsam il-main road li hemm ftit il-boghol minn fejn ġara l-inċident, kien ra lill-pulizija u kien waqqafhom biex jitlob l-assistenza tagħhom minħabba l-inċident li ġara*[97].

**Dr. Ivana Grech**[98] ikkonfermat iċ-ċertifikat mediku maħruġ minnha fir-rigward ta' Ayaz Khan - Dok. "GBX1" a fol. 234 tal-proċess - u xehdet illi meta eżaminat lill-imsemmi persuna rriskontratlu qasma ta' madwar 3mm fuq is-supra auricular region fuq widnejh u li kellu tbenġilha taħt din il-qasma ta' madwar 1.5cm. Ikkonfermat li hija kklassifikat dawn il-ġrieħi bħala ħfief, salv kumplikazzjonijiet.

Kif già iktar 'l fuq osservat, fl-istqarrija rilaxxata mill-imputat **William Kelly Harrison** nhar l-20 ta' Settembru 2020[99], huwa ddikjara li dak inhar hu flimkien ma' l-imputati Ahmed Ali Salah Lawan u Priviledge Mupimhidzi kienu fil-ġnien fl-inħawi ta' Sa Maison u dana għaliex *kont iddisprat għall-flus u morna hemmhekk biex forsi nakkwistaw xi ħaġa tal-flus bejnietna. … Konna iddisprati, għax konna bil-ġuħ bil-għatx ma kellna letteralment xejn, u morna hemmhekk biex naraw naqra x'hemm u x'ma hemmx. … Iltqajna ma' dan l-Indjan. … Rajnieh tiela' minn naħa t'isfel, minn naħa ta' Sa Maison tiela minn naħa ta' fuq … hawn min-naħa t'isfel, tiela' lejna, jien sakemm indawwar wiċċi u dana, narah jiġri 'l isfel u l-oħrajn jiġru warajh u reġgħu ġew għalija għax mid-dehra kellhom xi jgħidu miegħu, telqu jiġru warajh. … Smajt l-għajjat jien… rajthom jiġru warajh, dawn it-tnejn il-sħabi rajthom jiġru warajh. Saqsewh, il-ħabib tiegħi, saqsih għal sigarett, qallu le. .. L-iswed er, Ahmed, saqsih għal sigarett. … Smajtu jsaqsih għal sigarett, qallu isma sieħbi għandek sigarett? L-ieħor qallu le, imbagħad f'daqqa waħda smajt din qisu kif tgħid … ħsejjes u x'ħin indur narah jiġri 'l isfel ta' l-aħdar dan l-Għarbi jew min hu. … Jiġri 'l isfel u l-oħrajn jiġru warajh. … imma ma qabduhx reġgħu daru lura u ġew fejja u konna ħerġin 'l barra.* L-imputat William Kelly Harrison stqarr li dak il-ħin hu ma kienx maż-żewġ imputati l-oħra għaliex kien qed jittawwal biex ifittex lil ħadd fis-sens li jistgħu jisirquh u sakemm ma kienx qed iħares ġara dan kollu. Mistoqsi jekk rax lil xi ħadd miż-żewġ imputati l-oħra b'ġebla f'idju, l-imputat William Kelly Harrison wieġeb li dak il-ħin ma tax każ ta' dawn, hu kull ma rahom jiġru warajh u imbagħad ġejjin lura lejh, ossia lejn Harrison.

Kif già iktar 'l fuq osservat, fl-ewwel stqarrija rilaxxata fl-20 ta' Settembru 2020[100], l-imputat **Priviledge Mupimhidzi** ddikjara li dakinhar ta' l-20 ta' Settembru 2020 hu flimkien ma' l-imputat William Kelly Harrison u persuna magħrufa lilu bħala s-Sissy marru fi ġnien ta' ħdejn il-Bombi, *l-ewwel suppost kellna nintefgħu relax suppost, imma bdejna naraw in-nies ġejjin, is-sickness tad-droga bdiet tegħleb u riedu jfiequ u jien mort magħhom, la magħkom qiegħed u komplejt magħhom … inqala' wieħed mill-Indja jew ma nafx minn fejn hu, beda jsaqsina għall-ħin l-ewwel u kellimna.* X'ħin kienu ħdejn il-Vecchia Dogana, dan l-Indjan *qabad ħa jikkummiedja dan insomma dan l-Indjan, qbadt ġebla, pah tajtieħlu u telaq jiġri. Ħarġilna condom bil-Malti, mhux ser nistħi ngħidlek. Ħarġilna condom qbadt il-ġebla papaq u telaq jiġri, lanqas ġrejna warajh, xejn telaq jiġri.* L-imputat

[97] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-15 ta' Marzu 2021, fol. 401 sa' 407 tal-proċess.
[98] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tad-19 ta' Jannar 2021, fol. 323 u 324 tal-proċess.
[99] Fol. 790 sa' 801 tal-proċess.
[100] Fol. 286 sa' 298 tal-proċess.

Priviledge Mupimhidzi iddikjara li dak il-ħin l-imputat William Kelly Harrison kien hemm miegħu u ma' l-imputat l-ieħor u li kien qiegħed għassa għan-nies ġejjin ifittex lil xi ħadd biex jistgħu jisirquh. Stqarr ukoll li l-ġebla kienet waħda ċatta u ġabarha mill-ħamrija. Stqarr ukoll li l-intenzjoni tagħhom meta kienu fil-ġnien kienet li jisirqu lil min jinzerta u ddikjara *inzerta dan l-Indjan, imma l-Indjan ma konna qatt ħa nisirquh aħna għax kien kbir, kien raġel kbir. ... il-persuna tiegħu ħdejja rajtu, tarah kbir. Sir taf kemm niżen jiena ħamsa u erbħgin kilo! Tul 5.7, insomma tajtu ta' ġebla u telaq Sir, ġiex minuti wara eżatt, lanqas għaddew ġiex minuti iddeċidejna ninżlu n-niżla, minn fejn Sa Maison. ... L-Indjan telaq, telaq, telaq, tlifnieh. Hekk għadna dak il-ħin, tlifnieh, telaq u ddeċidejna li minflok nimxu minn fejn mexa hu, 'l isfel, nimxu minn naħa ta' fuq*.

Fl-istqarrija li rrilaxxa l-imputat **Ahmed Ali Salah Lawan** fl-20 ta' Settembru 2020, huwa rrikonoxxa li dakinhar ta' l-20 ta' Settembru 2020 hu, flimkien ma' l-imputati l-oħra, ltaqgħu ma' persuna skontu ta' nazzjonalità Pakistana u qal *jiena l-Pakistani jiena kellimtu għax il-Pakistani ili nafu, Priviledge ma jafux mill-ewwel ... ejja 'l hawn ejja 'l hawn ara dak il-Pakistani li ħadilna l-bagalja ... ħa l-ġebla ... u il-Pakistani ġera. ...* Baqa' jinsisti li lil dan il-persuna kien jafu u li l-imputat Priviledge Mupimhidzi tah daqqa għaliex kien serqilhom il-bagalja. Ikkonferma ukoll li kif dan telaq jiġri minn fuq il-post hu ġera warajh.

Mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni, inkluż mill-istqarrijiet ta' l-imputati Ahmed Ali Salah Lawan u Priviledge Mupimhidzi, jirriżulta ppruvat 'l hinn minn kull dubju raġonevoli li Ayaz Khan kien *target* għal serqa. In effetti kemm William Kelly Harrison, li fil-fehma tal-Qorti fir-rigward tiegħu f'dan il-każ l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova l-involviment tiegħu 'l hinn minn kull dubju raġonevoli, u Priviledge Mupimhidzi għamluha ferm ċara li l-intenzjoni tagħhom dakinhar ta' l-20 ta' Settembru 2020 ġewwa l-ġnien in kwistjoni kienet li jisirqu lil min jinzerta quddiemhom. Jirriżulta daqstant ieħor 'l hinn minn kull dubju raġonevoli li fil-każ ta' Ayaz Khan ma kienx ir-reat ta' serq komplut iżda biss attentat ta' serq stante li Ayaz Khan irnexxielu jaħrab minn fuq il-post. Jirriżulta ukoll li l-imputati Ahmed Ali Salah Lawan u l-imputat Priviledge Mupimhidzi huma ħatja ta' attentat ta' serq ikkwalfikat bil-vjolenza ai termini ta' l-Artikolu 262(1)(a) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta stante li b'konsegwenza ta' dan l-inċidenti Ayaz Khan sofra ġrieħi ħfief meta l-imputat Priviledge Muphimidzi tah daqqa ta' ġebla. Għalkemm kemm Priviledge Mupimhidzi u Ahmed Ali Salah Lawan jippruvaw jiġġustifikaw ir-raġuni għalfejn Ayaz Khan ġie milqut b'ġebla, dak minnhom affermat ma huwiex kredibbli apparte l-fatt li ma jaqblux bejniethom fil-versjoni mogħtija minnhom. Għalkemm ukoll jirriżulta li kien Priviledge Mupimhidzi li ta daqqa ta' ġebla lil Ayaz Khan, fid-dawl ta' l-involviment ta' Ahmed Ali Salah Lawan fl-attentat ta' serq bl-aggressjoni a detriment ta' l-imsemmi Ayaz Khan, jirriżulta li Ahmed Ali Salah LAwan huwa wkoll ħati ta' attenta ta' serq ikkwalifikat bil-vjolenza ai termini ta' l-Artikolu 262(1)(a) fi-dawl ta' dak provdut fl-Artikolu 45 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fil-każ ta' l-imputat William Kelly Harrison il-Qorti tqis li huwa ma għandux jinstab ħati ta' tali reat stante li kif già ngħad il-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova 'l hinn minn kull dubju raġonevoli l-involviment tiegħu f'dan l-inċident partikolari u in verità lanqas il-vittma ma identifika lill-imsemmi imputat bħala involut f'dan il-każ.

Għalkemm fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju l-Avukat Ġenerali indika l-Artikolu 267 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta li jittratta dwar ir-reat ta' serq ikkwalifikat bil-valur, il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova fir-rigward u għaldaqstant l-imputati Priviledge Mupimhidzi u Ahmed Ali Salah Lawan ma jistgħux u ma għandhomx jinstabu ħatja ta' tali kwalifika. In kwantu rigwarda l-kwalifika tal-lok ai termini ta' l-Artikolu 269(ċ) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti, għar-raġunijiet ġià iktar 'l fuq mogħttija fir-rigward ta' din il-kwalifika partikolari, ittenni li l-imputati ma jistgħux u ma għandhomx jinstabu ħatja ta' tali kwalifika. Fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju l-Avukat Ġenerali jindika wkoll l-Artikolu 275 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta iżda fil-każ in eżami ma tressqet ebda prova fir-rigward u għaldaqstant l-istess ma jsibx applikazzjoni fil-każ in eżami daqskemm ma jsibx applikazzjoni tal-Artikolu 277(a) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

B'hekk fil-waqt li l-imputat William Kelly Harrison ma għandux jinstab ħati tas-seba' imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu, l-imputati Priviledge Mupimhidzi u Ahmed Ali Salah Lawan għandhom jinstabu ħatja tas-seba' imputazzjoni dedotta kontra tagħhom limitatament però għar-reat ta' attentat ta' serq ikkwalifikat bil-vjolenza ai termini ta' l-Artikolu 41(1)(a) u 262(1)(a) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**L-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputati William Kelly Harrison, Priviledge Mupimhidzi u Deko Susanto:**

L-imputati **William Kelly Harrison**, **Priviledge Mupimhidzi** u **Deko Susanto** waħdehom ġew akkużati: (1) talli nhar id-19 ta' Settembru 2020, għall-ħabta ta' bejn 16:00hrs u 18:00hrs minn ġewwa Jubilee Grove ġewwa Triq Nazzjonali, Ħamrun jew fl-inħawi tal-madwar ikkomettew serq ta' oġġetti, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-valur li ma jeċċedix €2,329.37 u bil-lok u li sar għad-dannu ta' Dritan Zuberi u/jew persuni oħra; (2) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi bla ordni skond il-Liġi ta' l-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti is-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arrestaw, żammew jew issekwestraw lil Dritan Zuberi kontra l-volontà tiegħu u dan bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra u/jew biex ikun imġiegħel jaċċetta li jagħmel xi trasferiment ta' ħwejjġu.

L-imsemmija tlett imputati wieġbu li ma humiex ħatja ta' din l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħhom.

Bin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 9 ta' Ġunju 2021[101], l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imsemmija tlett imputati waħdehom sabiex jiġu ġudikati minn din il-Qorti għall-ħtija taħt dak maħsub fl-Artikoli 17, 31, 261(a)(ċ)(e), 262(1)(a)(b), 267, 269(ċ), 275, 277(a), 279(a), 280(2), 412Ċ u 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta. Minn qari ta' din in-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju jirriulta immedjatament evidenti li t-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputati William Kelly Harrison, Priviledge Mupimhidzi u Deko Susanto ma hijiex hemm riflessa. Konsegwentement għalhekk il-Qorti ma għandhiex trqi oħra għajr milli tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni hekk dedotta fil-konfront ta' dawn it-tlett imputati partikolari.

[101] Fol. 470 u 471 tal-proċess.

Fir-rigward ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' dawn it-tlett imputati waħdehom, **Dritan Zuberi**[102] xehed illi *kienet il-ġurnata tad-19 ta' Settembru, kien is-Sibt, ix-xahar l-għadda, Settembru 2020. Tlajt fuq tal-linja mill-Marsa Park bin-numru 63 mill-Belt, kont qed nasal fil-bus stop tal-Bombi, wara li ħriġt minn tal-linja, kont bilqiegħda fuq ċint tal-ġebel u kont bil-mobile f'idi qed inħares lejn il-mobile. Fi ftit ħin ma rajt lil ħadd, xi ħadd li ma rajtx tani daqqa fuq rasi u waqajt ma' l-art. Kelli baskett imdendel ma' qaddi ta' kulur iswed u ġo fih kelli flus kontanti tmenin Euro, kelli wkoll din id-driving licence li mbagħad sabuha Buġibba, kelli pakkett Paracetamol, kelli charger tat-telephone u f'idejja l-oħra kelli l-mobile bil-bus card. Intfajt f'koma, ma nafx eżattament kemm imma naħseb xi għaxar minuti u wara ndunajt li ma kellix il-flus, sibt biss iċ-ċinga ta' dan il-baskett. Ħaġ' oħra li irrid ngħid li meta waqajt bi snieni gdimt ilsieni, kelli ħafna demm f'ħalqi u f'ilsieni. L-ewwel mort l-Għassa tal-Pulizija tal-Furjana u hemmhekk il-Pulizija kien hemm rawni hekk u qaluli biex immur viċin, il-Polyclinic tal-Furjana. Mort il-Polyclinic u it-tabib ġentilment għeni u wara għaxar minuti għamluli intervent kirurġiku f'ilsieni. Dan l-intervent kirurġiku dam xi għoxrin minuta. Imbagħad il-Professur ċempel ambulanza minn Mater Dei u bl-ambulanza mort l-Isptar Mater Dei. L-Isptar Mater Dei anki għamluli intervent kirurġiku li dam xi sagħtejn fuq ilsieni.*

Dritan Zuberi xehed illi dan l-inċident seħħ bejn l-4:300p.m. u l-5:00p.m. u tenna li huwa ma rax min aggredih, kull ma jaf hu li sab iċ-ċinga tal-baskett u meta miss wiċċu induna li kellu ħafna demm. Fir-rigward tal-valur tal-mobile, huwa stqarr li dan kien jiswa €180 u li kien għadu ġdid. Għaraf li l-esebit Dok. "CA1" - li ġie esebit minn PS1255 Christian Azzopardi fil-kors tax-xhieda tiegħu waqt is-seduta tad-9 ta' Ottubru 2020 - huwa l-baskett li kellu mdendel miegħu dakinhar ta' l-aggressjoni u li nsteraqlu meta ġie aggredit. Iddikjara wkoll illi r-ritratt Dok. "MX2G" a fol. 58 tal-proċess - li ġie esebit mill-Ispettur Mario Xiberras fil-kors tax-xhieda tiegħu waqt is-seduta tat-28 ta' Settembru 2020 - huwa ritratt tal-pouch li kellu ma' qaddu u li itteħidlu fil-kors ta' l-aggressjoni. Ikkonferma li r-ritratt Dok. "MX2C" a fol. 54 tal-proċess - ukoll esebit mill-Ispettur Mario Xiberras fil-kors tax-xhieda tiegħu waqt is-seduta tat-28 ta' Settembru 2020 - juri l-ġrieħi li huwa sofra b'konsegwenza ta' din l-aggressjoni. Fir-rigward tal-ġrieħi Dritan Zuberi esebixxa ċertifikat mediku relattiv għall-ġrieħi li kellu u riċetta medika relattiva għall-mediċini li kellu jieħu - Dok. "DZ1" u Dok. "DZ2" a fol. 124 u 125 tal-proċess.

L-**Ispettur Mario Xiberras**[103] xehed illi fil-kors ta' l-investigazzjonijiet da parte tal-Pulizija dwar diversi serqiet b'aggressjoni - u dawn relattivament għal Bradley Debono, Emanuel Zammit, Ayaz Khan u Ahmed Saad Belzaraa - irriżultalhom illi kien hemm vittma oħra ċertu *Dritan Zuberi, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 238468(A). Dan qalilna li kienu serqulu black pouch, id-driving licence, mobile ta' l-għamla Redmi 7A li jiswa €120 u kif ukoll charger tal-mobile, fejn aktar il-quddiem imbagħad instabu fl-inħawi fejn kien seħħ ir-reat. Konna kellimnieh fl-uffiċċju ta' l-Ispettur Lydon fejn għaraf il-pouch. … Rigward il-pouch wara li inġabar niftakar li konna urejnieh lill-vittma u għarfu, konna urejnieh ukoll lil Deko Susanto magħruf bħala "Echo" li kien għaraf meta kien preżenti f'dak ir-reat meta kien mal-ħbieb tiegħu.*

---

[102] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-14 ta' Ottubru 2020, fol. 121 sa' 123 tal-proċess.
[103] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-28 ta' Settembru 2020, fol. 38 sa' 44 tal-proċess.

Dak dikjarat mill-Ispettur Mario Xiberras rigward dan l-inċident partikolari ġie ikkonfermat mill-Ispettur Lydon Zammit illi xehed waqt is-seduta tal-15 ta' Marzu 2021[104].

**PS1255 Christian Azzopardi**[105] ukoll xehed li fil-kors ta' l-investigazzjonijiet tal-Pulizija in segwitu għall-arrest ta' l-imputati William Kelly Harrison, Priviledge Mupimhidzi u Ahmed Ali Salah Lawan, irriżulta każ ieħor ta' aggressjoni u serq fuq persuna li seħħ fid-19 ta' Settembru 2020. Iddikjara li *dan il-vittma, Dritan Zuberi, kien qiegħed bilqiegħda fuq ċint. ... Il-ħin bejn wieħed u ieħor wara nofsinhar però ma niftakarx eżatt. Dan mar xi ħadd minn wara, hu ma jafhomx, imbuttaħ, spiċċa bejn xi ħames u għaxar minuti mhux f'sensieh sa' ma qam u kellu xi feriti f'wiċċu sa' ma spiċċa l-isptar. ... Dan ġara l-istess, qisu l-istess area bejn Blata l-Bajda u l-Furjana. ... Fejn il-parkeġġ ta' Gattard House f'dik l-area biex nifthemu.* PS1255 Christian Azzopardi xehed ukoll illi f'waħda mill-istqarrijiet tiegħu, l-imputat William Kelly Harrison kien indikalhom fejn kien jinstab il-pouch ta' Dritan Zuberi u fil-fatt fuq l-indikazzjonijiet ta' William Kelly Harrison, dan inġabar mill-Pulizija. L-imsemmi Surġent iddikjara *morna ġewwa l-parkeġġ ta' Gattard House, morna jiena flimkien ma' PC1087 u William Kelly Harrison, hemmhekk indikalna l-baskett u l-post eżatt bl-affarijiet kważi kollha. Kienu jaqblu għax aħna tkellimna mal-vittma u kien qalilna li kellu xi panadols fih u hu għarfu l-baskett. Il-vittma kien ukoll ġabilna l-liċenzja li kienet tinsab fil-baskett u għal xi raġuni, din spiċċat San Pawl il-Baħar, ma nafux kif imma minn hemm ġabha l-vittma. Dan għaliex min sabha ikkuntattjah direttament u tahielu u qallu li kienet San Pawl il-Baħar. L-aktar li kkollabora magħna kien is-Sur Harrison għalkemm l-oħrajn kollha ammettew.*

**PS991 Alexander Gauci**[106] xehed illi *nhar 19 ta' Settembru tas-sena 2020 kont xogħol duty night watch u għall-ħabta tat-20:30hrs daħlet telefonata mingħand l-Ispettur Jeffrey Scicluna mit-Taqsima tar-Reati Maġġuri fejn infurmana sabiex immorru fil-poliklinika tal-Furjana sabiex immorru peress li kienet iddaħħlet persuna maskili bi ġrieħi serji u din kienet ġiet aggredita ġol-istage tat-Triq Nazzjonali fil-Ħamrun qabel Bieb il-Bombi. Min-naħa tagħna aħna morna hemmhekk u ġie stabbilit li l-persuna kienet ittieħdet fl-emerġenza ta' l-Isptar Mater Dei. Aħna morna hemmhekk, lill-vittma sibtu, kien qed jiġi nvistat u dan jirriżulta li kien jismu Dritan Zuberi li kien mill-pajjiż tal-Macedonia. Biex ikkomunikajna kienet naqra diffiċli peress li kellu ġrieħi fl-ilsienu u nzerta li kien hemm persuna li kienet taf ftit bil-lingwa tal-Macedonia. Minn hemm stabilixxejna li dan kien nieżel mill-istage għall-ħabta tal-17:00hrs, kien nieżel minn tal-linja, kien fuq ir-rotta bin-numru 63 u hekk kif niżel ħass lil xi ħadd jimbuttah, waqa', intilef minn sensih u x'ħin qam kellu l-baskett, il-flus u xi dokumenti ma setax isibhom. Imbagħad minn hemm baqa' sejjer il-Poliklinika. Min-naħa tiegħi imbagħad infurmajt lill-Ispettur Andy Rotin li kien id-duty officer tagħna fejn imbagħad ħejjet rapport bin-numru 7/P3826/2020* - liema rapport ġie esebit innu markat Dok. "AG" a fol. 162 sa' 166 tal-proċess.

---

104 Fol. 399 sa' 407 tal-proċess.
105 Xhieda mogħtija waqt is-seduta tad-9 ta' Ottubru 2020, fol. 103 sa' 110 tal-proċess.
106 Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-26 ta' Novembru 2020, fol. 160 u 161 tal-proċess.

L-**Espert Mediku Dr. Mario Scerri** eżamina lil Dritan Zuberi u rrelata u ikkonkluda s-segwenti dwar il-ġrieħi sofferti minnu: *illi Zuberi allega ma' l-esponent illi nhar id-19 ta' Frar* [fix-xhieda tiegħu Dr. Mario Scerri ddikjara li x-xahar kellu jkun Settembru u mhux Frar kif erronejament indikat minnu[107]] *waqt li kien il-Bombi ġie aggredit minn xi persuni fejn qala' daqqa fuq rasu u twaqqa' ma' l-art. Illi dan intilef minn sensih u kellu jittieħed l-Isptar Mater Dei. Illi dan wera ċikkatriċi lill-esponent. Din iċ-ċikkatriċi kienet tidher li kienet riżultat ta' laċerazzjoni u din tidher iżda mhux daqshekk konspikjuwa from within walking distance*[108].

L-Ispettur Lydon Zammit esebixxa ċ-ċertifikat mediku relattiv għal Dritan Zuberi maħruġ minn Dr. Marc Grech - Dok. "GBX3" a fol. 236 tal-proċess. Minn dan iċ-ċertifikat jirriżulta li l-ġrieħi ta' l-imsemmi Dritan Zuberi ġew ikklassifikati bħala *grevious*. **Dr. Marc Grech**[109] ikkonferma ċ-ċertifikat maħruġ minnu u xehed illi lil Dritan Zuberi nvistah *fil-ward ta' l-ENT fejn kien tela' bħala pazjent mill-emerġenza. … Kif ktibt hawnhekk kien hemm laceration on the anterior aspect of the tongue approximately 2 centimetres in length and 0.5 centimetres deep which was sutured. … Apparte minn hekk kien hemm qasma żgħira fuq ix-xoffa, in-naħa ta' fuq, fuq ix-xellug li kienet madwar 0.5 centimetri twila u kellha bżonn il-punti wkoll. … Jiena kkonsultajt mas-Senior tiegħi li qalli li għandhom jiġu ċċertifikati bħala ġrieħi gravi.*

**PC1087 Roderick Degiorgio**[110] xehed illi *jiena kont xogħol fil-21 ta' Settembru li jiġi l-għada li ġew arrestati l-4 imputati. Wara nofsinhar, l-Ispettur Lydon Zammit infurmani li William Kelly Harrison, li huwa wieħed mill-imputati* - u li għarfu ġewwa l-Awla dakinhar li ta x-xhieda tiegħu - *kien se joħodna ġewwa post fejn kienu intremgħu baskett, pouch, u xi belongings oħra ta' wieħed mill-vittmi li kienu insterqu fid-19, għaliex kien hemm sensiela ta' muggings. … Jiena, is-Surġent 1255 u William morna fuq il-post u ndikalna li kienu ntremgħu ġewwa l-parking area ta' Gattard House, fejn hemm l-Arms u l-Identity Malta. Morna fuq il-post, indikalna l-post eżatt u fil-fatt sibna kemm il-pouch u kemm il-kartiera li kienu jappartjenu lill-vittma, ċertu Dritan Zuberi li ġara fid-19 ta' Settembru. Fuq il-post ittieħdu xi ritratti u ġew elevati dawn l-affarijiet minnu u mis-Surġent 1255. Sakemm kont fuq il-post innutajt li l-area fejn intremgħu kienet kollha cameras tal-parking area u għaldaqstant għamilt request* - lill-MITA u fil-fatt il-filmati ġew mgħoddija lill-Pulizija minn Wayne Portanier[111] - *biex jinġabru dawn il-cameras. … Inġabru dawn il-cameras u nġabru kemm tad-19 u kemm ta' l-20 għaliex fid-19 ġrat ta' Dritan u fl-20, fil-ġurnata li kienu ġew arrestati, ġrat ta' Emanuel Zammit. Bħala cameras rajthom jiena stess u fihom dehru l-4 imputati li jingħarfu jiġifieri għaliex din il-camera hija ċara u kien wara nofsinhar. Ma kienx żmien li nilbsu l-maskla allura kien jidher sew. Bħala cameras ħadt xi stills u għamilthom f'timeline* – esebiti u markati bħala Dok. "RD1" sa' Dok. "RD3" a fol. 245 sa' 247 u bħala Dok. "RD4" a fol. 248 sa' 254 tal-proċess. *It-timeline, ħa nibda mid-19 ta' Settembru tas-sena 2020 fejn hawnhekk jidhru 3 mill-imputati. Jidher William Harrison li digà ndikajt,*

[107] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-15 ta' Diċembru 2020, fol. 204 u 205 tal-proċess.
[108] Dok. "MS2" a fol. 216 sa' 224 tal-proċess u xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-15 ta' Diċembru 2020, fol. 204 u 205 tal-proċess.
[109] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-2 ta' Frar 2021, fol. 379 u 380 tal-proċess.
[110] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-15 ta' Diċembru 2020, fol. 241 sa' 244 tal-proċess.
[111] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-8 ta' Marzu 2021, fol. 390 u 391 tal-proċess.

*jidher Priviledge Mupimhidzi li huwa l-persuna li qiegħed ħdejh eżatt f'din l-awla. … U jidher ukoll Deko Susanto li f'din l-awla huwa t-tielet persuna minn dik in-naħa. … Hawnhekk jidhru niżlin min-naħa ta' Blata l-Bajda u sejrin direzzjoni lejn il-Furjana u l-Pietà li huwa l-post fejn ġara l-inċident. Madwar anqas minn siegħa minn wara jerġgħu jidhru telgħin l-istess post però din id-darba għandhom affarijiet f'idejhom u hawnhekk jidhru qed jiċċekkjaw xi ħaġa. Għalkemm hawnhekk il-camera qiegħda mill-bogħod però jidher qisu xi ħadd qed jiftaħ kartiera u xi ħadd baskett qed jiftaħ l-affarijiet. Il-camera tiġbed ukoll fil-post fejn ġbarna l-affarijiet u fil-fatt, x'ħin jaslu fil-post fejn inġabru dawn l-affarijiet, il-camera taqbad l-ewwel lil Deko Susanto li dan kellu l-pouch f'idejh, jaqsam naqra la ġenba u jgara l-pouch. Il-camera kif spjegajt qabel hija camera ċara u fil-fatt il-pouch jidher qed igarah sewwa. Warajh jidher William Harrison jaqsam u jgara l-kartiera u fil-fatt imorru fil-post minn fejn inġabru minna.*

Fir-rigward ta' l-inċident li nvolva lil Dritan Zuberi, l-imputat **William Kelly Harrison** iddikjara fl-istqarrija tiegħu[112] li hu avviċina lil dan l-persuna u sakemm qed jistaqsih għal sigarett l-imputat Priviledge Mupimhidzi tah daqqa ta' sieq u dan spiċċa ma' l-art, ħabat rasu, u kif kien ma' l-art huwa ġibidlu l-mobile minn idu filwaqt li l-imputat Priviledge Mupimhidzi ħadlu l-pouch u telqu minn fuq il-post. L-imputat ikkonferma li l-pouch li ġie muri lilu waqt l-istqarrija tiegħu, kien l-istess pouch li ħadu mingħand din il-persuna. Iddikjara wkoll li fil-pouch kien hemm xi flus u li l-mobile li kienu ħadu sussegwentement biegħuh. Fir-rigward tad-dokumenti li kien hemm f'dan il-pouch, William Kelly Harrison iddikjara li *ma tajtx kashom dawk, ħallejthom ġol-pouch jien. Jien kull ma, kull ma ftaħt il-pouch għall-flus u għall-mowbajl biss, il-bqija xejn, kif rajt b'għajnejk kienu hemmhekk, issa jekk qalleb xi ħaġa u … biex jiċċekkja xi ħaġa oħra hu?*

Fl-istqarrija rilaxxata nhar il-21 ta' Settembru 2020[113], l-imputat **Priviledge Mupimhidzi** kkonferma li huwa kien involut fl-aggressjoni u konsegwenti serqa fuq il-vittma li kellu l-pouch - li mill-provi rriżulta li huwa Dritan Zuberi - u li kien hu fil-fatt li mbuttah. In effetti għall-mistoqsija ta' l-Ispettur Zammit *tal-pouch, li semmejtli l-pouch ukoll ilbieraħ, għadek tikkonferma?* l-imputat Mupimhidzi wieġeb *dak li mbuttajt* u għall-mistoqsija *dak li mbuttajtu?* wieġeb *dak iva* u għall-mistoqsija ulterjuri *dak kont inti? wieġeb iva mela, mela.*

Fl-istqarrija rilaxxata mill-imputat **Deko Susanto** nhar il-21 ta' Settembru 2020[114], għalkemm huwa għaraf il-pouch li nsteraq fid-19 ta' Settembru 2020, skontu mill-imputat William Kelly Harrison u Priviledge Mupimhizi - li mill-provi rriżulta li l-unika serqa li seħħet fid-19 ta' Settembru 2020 u li qed tiġi attribwita lill-imputati William Kelly Harrison, Priviledge Mupimhidzi u Deko Susanto hija dik a dannu ta' Dritan Zuberi - innega li kellu x'jaqsam ma' l-aggressjoni u mal-konsegwenti serqa.

Mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni l-Qorti tqis li l-istess Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova 'l hinn minn kull dubju raġonevoli li l-imputati William Kelly Harrison, Priviledge Mupimhidzi u Deko Susanto huma ħatja tar-reat ta' serq ikkwalifikat bil-vjolenza ai termini ta' l-Artikolu 262(1)(a)(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta'

[112] Stqarrija rilaxxata fil-21 ta' Settembru 2020, fol. 270 sa' 285 tal-proċess.
[113] Fol. 301 sa' 311 tal-proċess.
[114] Fol. 313 sa' 322 tal-proċess.

Malta u dana billi l-vittma Dritan Zuberi sofra ġrieħi fil-kors ta' din is-serqa u peress illi f'dan l-inċident partikolari huma *qua* aggressuri u persuni li serqu lil Zuberi, kienu tlieta.

Għalkemm l-imputat Deko Susanto, a kuntrarju ta' l-imputati William Kelly Harrison u Priviledge Mupimhidzi li ammettew fl-istqarrijiet tagħhom l-involviment tagħhom personali f'dan l-inċident, jiċħad li kellu x'jaqsam ma' din l-aggressjoni u serqa a detriment ta' Dritan Zuberi, il-filmati mill-cameras ta' Gattard House għall-ġurnata tad-19 ta' Settembru 2020, kjarament juru li huwa kien involut flimkien ma' u daqs iż-żewġ imputati l-oħra - vide dokumenti Dok. "RD1" sa' Dok. "RD4" a fol. 245 sa' 254 tal-proċess. L-imputat Deko Susanto jidher nieżel flimkien mal-imputati William Kelly Harrison u Priviledge Mupimhidzi min-naħa ta' Blata l-Bajda lejn il-Furjana[115]. Ftit wara l-istess Deko Susanto jidher tiela' lura ma' l-imputati William Kelly Harrison u Priviledge Mupimhidzi, din id-darba b'oġġetti f'idejhom, oġġetti li mill-investigazzjonijiet tal-Pulizija rriżultaw li huma oġġetti li nsterqu lil Dritan Zuberi, u jidhru qed jaraw x'hemm f'dawn l-istess oġġetti[116]. L-istess Deko Susanto jidher ukoll jarmi pouch, liema pouch instab mill-Pulizija wara li l-imputat William Kelly Harrison uriehom fejn dan intrema. Anke William Kelly Harrison jarmi kartiera, liema katiera wkoll instabet fejn intrema l-pouch wara li William Kelly Harrison wera lill-Pulizija dawn fejn kienu. Mill-investigazzjonijiet irriżulta li l-pouch u l-kartiera in kwistjoni huma entrambe ta' Dritan Zuberi.

Dritan Zuberi ddikjara li l-mobile li nsteraqlu jiswa €180 u nsterqulu wkoll €80 fi flus. Il-Qorti ma ssib ebda raġuni għalfejn ma għandhiex temmen dak affermat minn Dritan Zuberi u għaldaqstant jirriżulta li l-imsemmija tlett imputati William Kelly Harrison, Priviledge Mupimhidzi u Deko Susanto huma ħatja tar-reat ta' serq ikkwalifikat bil-valur ai termini ta' l-Artikolu 267 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

In kwantu rigwarda l-kwalifika tal-lok ai termini ta' l-Artikolu 269(ċ) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti, għall-istess raġunijiet mogħtija iktar 'l fuq fir-rigward ta' din il-kwalifika għall-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputat William Kelly Harrison, Priviledge Mupimhidzi u Ahmed Ali Salah Lawan, tqis li relattivament għall-imputazzjoni in eżami fil-konfront ta' William Kelly Harrison, Priviledge Mupimhidzi u Deko Sustanto, l-imsemmija tlett imputati ma għandhomx jinstabu ħatja tar-reat ta' serq ikkwalifikat bil-lok ai termini ta' l-Artikolu 269(ċ) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għalkemm l-Avukat Ġenerali fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju indika l-Artikolu 275 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tqis li fil-każ in eżami l-estremi tas-sekwestru ta' persuna ma jissussistux.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat għalhekk jirriżulta li l-imputati William Kelly Harrison, Priviledge Mupimhidzi u Deko Susanto għandhom jinstabu ħatja tar-reat ta' serq ikkwalifikat bil-vjolenza ai termini ta' l-Artikolu 262(1)(a)(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u bil-valur ai termini ta' l-Artikolu 267 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta a dannu ta' Dritan Zuberi.

---

[115] Fol. 250 tal-proċess.
[116] Fol. 251 tal-proċess.

**L-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputat Priviledge Mupimhidzi:**

L-imputat Priviledge Mupimhidzi waħdu qed jiġi akkużat: (1) talli nhar l-20 ta' Settembru 2020, għall-ħabta ta' bejn 12:00hrs u 13:00hrs minn ġewwa l-Jubilee Grove, ġewwa Triq Nazzjonali, Ħamrun u/jew fl-inħawi tal-madwar ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' Emanuel Zammit ta' 68 sena, li huwa persuna anzjana, liema ġrieħi huma ta' natura gravi hekk kif iċċertifikat minn Dr. Rachel Gatt Meli, detentur ta' Numru tar-Reġistru Mediku 6229; (2) u aktar talli fid-19 ta' Settembru 2020, għall-ħabta ta' 16:00hra u 17:00hrs minn ġewwa l-Jubilee Grove, ġewwa Triq Nazzjonali, Ħamrun u/jew fl-inħawi ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' Dritan Zuberi liema ġrieħi huma ta' natura gravi hekk kif iċċertifikat minn Dr. M. Grech, detentur tan-Numru ta' Reġistru Mediku 6237.

Dawn iż-żewġ imputazzjonijiet huma riflessi fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali fis-subinċiżi relattivi għall-imsemmi imputat in kwantu akkużat waħdu, fejn l-Artikoli tal-Liġi indikati huma l-Artikoli 214, 216 u 222A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikoli 214 u 216 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-imputat iddikjara li ma huwiex ħati ta' dawn iż-żewġ imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu.

Mill-provi prodotti, għal liema già saret ampja referenza iktar 'l fuq f'din is-sentenza, inkluż l-istqarrija ta' l-istess Priviledge Mupimhidzi, jirriżulta 'l hinn minn kull dubju raġonevoli li huwa kien agredixxa lil Emanuel Zammit u li b'konsegwenza ta' tali aggressjoni l-imsemmi Zammit, raġel ta' 68 sena fiż-żmien tat-twettiq ta' l-aggressjoni, sofra ġrieħi ta' natura gravi. Konsegwentement għalhekk l-imputat Priviledge Mupimhidzi għandu jinstab ħati tar-reat ta' offiża volontarja ta' natura gravi fuq Emanuel Zammit ai termini ta' l-Artikoli 214 u 216(1)(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għalkemm fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju l-Avukat Ġenerali jindika l-Artikolu 222A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, is-subartikolu (1) ta' l-imsemmi artikolu tal-Liġi li kien jipprovdi *l-pieni msemmijin fid-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan is-sub-titolu għandhom jiżdiedu bi grad jew żewġ gradi meta l-offiża ssir fuq persuna li tkun għalqet l-età ta' sittin sena jew fuq persuna li tkun tbati minn marda tal-ġisem jew tal-moħħ fi grad li minħabba fiha ma tkunx tista' tiddefendi ruħha sew: Iżda d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma japplikawx meta hemm previst digà aggravju tal-piena f'dan il-Kodiċi jew f'xi liġi oħra* ġie mħassar bis-saħħa ta' l-Att LXV ta' l-2021 u r-rimanenti subartikoli tal-Liġi ma jinkwadrawx fil-kuntest tar-reati mwettqa fil-konfront ta' Emanuel Zammit.

In kwantu rigwarda Dritan Zuberi hawn ukoll il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova 'l hinn minn kull dubju raġonevoli li l-imputat Priviledge Mupimhidzi huwa ħati tar-reat ta' offiża volontarja gravi ai termini ta' l-Artikoli 214 u 216(1)(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta a dannu ta' l-imsemmi Zuberi.

L-imputat Priviledge Mupimhidzi ammetta li kien hu li mbotta lil Zuberi illi waqa' ma' l-art u ħabat rasu u anke gidem ilsienu. B'konsegwenza ta' din l-aggressjoni

Dritan Zuberi sofra ġrieħi fl-ilsienu, tant illi kellu bżonn il-ponti, u f'wiċċu, senjatament fuq xoftu fejn hemm ukoll kellu bżonn il-ponti. Il-ġrieħi li Dritan Zuberi sofra f'wiċċu jidhru ċari fir-ritratt markat bħala Dok. "MX2c" a fol. 54 tal-proċess u fil-fehma tal-Qorti dawn jikkwalifikaw bħala ġrieħi gravi ai termini ta' l-Artikolu 216(1)(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għal kull buon fini l-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Jonathan Farrugia**, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-15 ta' Frar 2012, fejn ġie osservat illi *din il-Qorti tagħmel referenza l-ewwelnett għas-sentenza ta' din il-Qorti diversament presejeduta fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Joseph Azzopardi" mogħtija fit-30 ta' Lulju 2004 fejn intqal: "Il-kwistjoni ta' jekk offiża hix waħda ħafifa u ta' importanza żgħira, ħafifa, gravi jew gravissima hi waħda ta' fatt u għalhekk rimessa għall-ġudikant tal-fatt (fil-każ ta' ġuri għalhekk rimessa f'idejn il-ġurati; fil-każ odjern rimessa f'idejn il-ġudikant ta' l-ewwel grad - il-Maġistrat - u issa f'idejn l-Imħallef sedenti). Ma hix, għalhekk, kwistjoni li tiddependi neċessarjament jew esklussivament fuq 'opinjoni medika'. It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bħala fatt; u, jekk il-Qorti tippermettilhom, jistgħu joffru l-opinjoni tagħhom dwar, fost affarijiet oħra, kif setgħet ġiet ikkaġunata dik l-offiża, jew ma xhiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu ġew klinikament riskontrati. Ikun jispetta imbagħad għall-ġudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib iżda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiża". ... Bħalma ntqal fis-sentenza "Il-Pulizija v. Fortunato Sultana", mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-5 ta' Frar 1998, il-liġi ma tirrikjedix li l-isfreġju jipperdura għal xi żmien partikolari. Sfreġju fil-wiċċ, fl-għonq jew f'waħda mill-idejn anke ta' ftit ġranet jibqa' sfreġju għall-finijiet ta' l-imsemmija disposizzjoni. Il-permanenza ta' l-isfreġju hi relevanti biss meta, abbinata mal-gravità, tagħti lok għall-hekk imsejħa "offiża gravissima" skond l-artikolu 218(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Fl-Appell Kriminali "Il-Pulizija v. Francis Dingli" deċiż fit-12 ta' Settembru 1996, intqal: "L-Artikolu 216(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li offiża hija gravi jekk iġġib mankament jew sfreġju f'ċerti postijiet tal-ġisem, fosthom fil-wiċċ ta' l-offiż. Ma huwiex meħtieġ li dan il-mankament jew sfreġju jkun permanenti jew li jdum għal ċertu numru ta' sigħat, ġranet, ġimgħat jew xhur. Jekk, imbagħad, l-isfreġju jkun gravi u permanenti jkun hemm il-figura ta' l-hekk imsejjħa offiża gravissima kontemplata fl-Artikolu 218(1)(b). .... L-appellant donnu qed jippretendi li biex il-Qorti tiddeċiedi jekk offiża ġġibx sfreġju fil-wiċċ o meno jrid jgħaddi ċertu żmien ħalli wieħed jara l-effetti li tħalli l-ferita in kwistjoni fil-wiċċ. Dan mhux korrett. Kif già ngħad, għall-finijiet ta' l-Artikolu 216(1)(b) sfreġju anke ta' ftit ġranet, per eżempju sakemm is-suturi jew ponti jkunu għadhom f'posthom, jammonta għal offiża gravi, għalkemm wara li jitneħħew il-ponti u jgħaddi aktar żmien il-marka li tibqa' ma tkunx tikkwalifika bħala sfreġju". Imbagħad fl-Appell Kriminali "Il-Pulizija v. Paul Spagnol", deċiż fit-12 ta' Settembru 1996, ġie spjegat: "Sfreġju, mill-banda l-oħra u a differenza ta' mankament, hija kull ħsara li tista' ssir fir-regolarità tal-wiċċ, fl-armonija tal-lineamenti tal-wiċċ, u anke f'dik li hija s-sbuħija tal-wiċċ. Skond ġurisprudenza ormai paċifika, din il-ħsara li tammonta għal sfreġju trid tkun viżibbli minn distanza li hi dik "li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin" (Il-Pulizija v. Emily Zarb, App. Krim. 15/2/58, Kollez. Deċiż. XLII.iv.1245, 1248)". Din il-Qorti tirreferi wkoll għal dak li ntqal fl-Appell Kriminali "Il-Pulizija v. Antonio sive Anthony Randich", deċiż fit-2 ta' Settembru 1999: "Kif din il-Qorti kellha l-*

*opportunità li tirrimarka f'okkażżjonijiet oħra, l-isfreġju (disfigurement) fil-wiċċ (jew fl-għonq jew fl-id) kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali jista' jkun anke ta' natura temporanea, bħal, per eżempju, sakemm il-ferita tfiq. Huwa biss fil-każ ta' l-hekk imsejjħa 'offiża gravissima' fl-artikolu 218(1)(b) li il-liġi tirrikjedi l-permanenza (oltre l-gravità) ta' l-isfreġju. Mir-ritratti esibit din il-Qorti tara li l-ewwel Qorti setgħet legalment u raġjonevolment tikkwalifika l-offiża f'wiċċ Sultana bħala sfreġju (għalkemm mhux gravi u anqas permanenti) peress li dik l-offiża kienet tiddisturba l-armonija l-lineamenti tal-wiċċ u kienet tidher minn distanza normali". … Fil-każ ta' l-artikolu 216(1)(b) l-offiża trid tikkostitwixxi sfreġju filwaqt illi fil-każ ta' l-artikolu 218(1)(b) l-isfreġju jrid ikun "gravi u permanenti".*

Fid-dawl ta' dan kollu osservat il-Qorti tqis li l-imputat Priviledge Mupimhidzi għandu jinstab ħati taż-żewġ imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu waħdu. Madanakollu però tosserva li għall-finijiet ta' piena dawn l-imputazzjonijiet huma fermament allaċċjati ma' l-imputazzjonijiet relattivi għar-reati ta' serq ikkwalifikat bil-vjolenza imwettqa fil-konfront ta' Emanuel Zammit u ta' Dritan Zuberi.

**L-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputati William Kelly Harrison u Priviledge Mupimhidzi:**

L-imputati William Kelly Harrison u Priviledge Mupimhidzi qed jiġu akkużati talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi irrendew ruħhom reċidivi ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Lġijiet ta' Malta, permezz ta' sentenzi mogħtija fil-konfront tagħhom mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jinbidlu.

Din l-imputazzjoni hija riflessa fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali fis-subinċiż relattiv għall-imsemmija żewġ imputati u l-Artikoli tal-Liġi hemm indikati huma l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-imsemmija żewġ imputati ddikjaraw li ma humiex ħati ta' din l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħhom.

Tramite x-xhud Joyce Agius, Deputat Reġistratur fil-Qorti Kriminali, il-Prosekuzzjoni esebiet is-segwenti sentenzi:

- Sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Priviledge Mupimhidzi" deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-8 ta' Frar 2013 permezz ta' liema l-imputat f'dawk il-proċeduri, li mill-konnotati jirriżulta huwa l-istess imputat Priviledge Mupimhidzi f'dawn il-proċeduri, ġie ikkundannat għal tlett (3) snin priġunerija flimkien ma' sentejn (2) priġunerija stante li sentenza sospiża mogħtija fil-konfront tiegħu nġabet fis-seħħ;

- Sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Priviledge Mupimhidzi" deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-25 ta' Frar 2009. Mill-konnotati jirriżulta li l-imputat f'dawk il-proċeduri huwa l-imputat Priviledge Mupihimdizi f'dawn il-proċeduri u huwa ġie kkundannat għal perijodu ta' sitt xhur priġunerija;

- Sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Priviledge sive Stephen Mupimhidzi sive Vatema" pronunċjata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-25 ta' Mejju 2009. Mill-konnotati jirriżulta li l-imputat f'dawk il-proċeduri huwa l-imputat Priviledge Mupihimdizi f'dawn il-proċeduri. Din hija s-sentenza sospiża li ngħatat effett bis-sentenza appena imsemmija pronunċjata fit-8 ta' Frar 2013;

- Sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Priviledge sive Stephen Mupimhidzi et" pronunċjata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fid-29 ta' Novembru 2006, permezz ta' liema l-imputat f'dawk il-proċeduri, li mill-konnotati jirriżulta huwa l-istess imputat Priviledge Mupimhidzi f'dawn il-proċeduri, ġie lliberat bil-kondizzjoni li ma jikkommettix reat ieħor fi żmien tlett snin mid-data tas-sentenza;

- Sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Omar Joseph Trabelsi u William Kelly Harrison" pronunċjata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-11 ta' Novembru 2010, permezz ta' liema l-imputat William Kelly Harrison f'dawk il-proċeduri, li mill-konnotati jirriżulta li huwa l-istess imputat Harrison f'dawn il-proċeduri, tqiegħed taħt Ordni ta' Probation għall-Perijodu ta' tlett snin mid-data tas-sentenza;

- Sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. William Kelly Harrison" pronunċjata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-6 ta' Ġunju 2014, permezz ta' liema l-imputat f'dawk il-proċeduri, li mill-konnotati jirriżulta li huwa l-istess imputat f'dawn il-proċeduri, tqiegħed taħt Ordni ta' Probation għall-Perijodu ta' tlett snin mid-data tas-sentenza;

- Sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Priviledge sive Stephen Vatema sive Mupimhidzi" pronunċjata mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-17 ta' Marzu 2016, permezz ta' liema ġiet ikkonfermata sentenza ta' sitt snin priġunerija fil-konfront ta' l-imputat f'dawk il-proċeduri, li min-Numru tal-Karta ta' l-Identità jirriżulta li huwa l-istess imputat f'dawn il-proċeduri.

Mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni l-Qorti tqis li ma tistax u ma għandhiex tikkunsidra lill-imputat William Kelly Harrison bħala reċidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta stante li s-sentenzi prodotti mill-Prosekuzzjoni juru biċ-ċar illi f'entrambe l-każi l-imputat tqiegħed taħt Ordni ta' Probation u ai termini ta' l-Artikolu 25 tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta *dikjarazzjoni ta' ħtija dwar xi reat li dwaru ssir ordni taħt dan l-Att li bih il-ħati jitqiegħed taħt sanzjoni komuniktarja jew li tkun tillibera lill-ħati għal kollox jew kondizzjonalment għandha titqies bħala li ma tkunx dikjarazzjoni ta' ħtija għal ebda fini li jkun* u l-każ in eżami ma jaqax entro l-parametri ta' l-eċċezzjonijiet prefissi fl-imsemmi artikolu tal-Liġi. Apparte minnhekk u fi kwalunkwe każ, jirriżulta li s-sentenzi ngħataw iktar minn ħames snin qabel l-kommissjoni tar-reati li tagħhom l-imputat qed jinstab ħati f'dawn il-proċeduri.

In kwantu rigwarda l-imputat Priviledge Mupimhidizi però mill-provi prodotti u senjatament fid-dawl tas-sentenzi "Il-Pulizija v. Priviledge Mupimhidzi" deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-8 ta' Frar 2013, "Il-Pulizija v. Priviledge Mupimhidzi" deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-25 ta' Frar 2009 u "Il-Pulizija v. Priviledge sive Stephen Vatema sive Mupimhidzi" pronunċjata mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-17 ta' Marzu 2016, il-Qorti tqis li huwa għandu jiġi kkunsidrat bħala reċidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għal kull buon fini l-Qorti tosserva li għalkemm Joyce Agius ma kkonfermatx jekk is-sentenzi mogħtija in Prim' Istanza ġewx appellati jew le, dan ma jfissirx li Hija ma tistax u ma għandhiex tikkonkludi li l-imputat Priviledge Mupimhidzi huwa reċidiv. Hawn issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joswil Galea** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-26 ta' April 2007, fejn ingħad illi: *il-prassi ta' dawn il-Qrati dejjem kienet li una volta ssir il-prova tas-sentenza billi tiġi esebita kopja vera w awtentika tagħha u dment li l-Qorti tkun sodisfatta li dik is-sentenza tkun tirriferi għall-istess imputat – jew għax issir il-prova tal-identifikazzjoni minn xi xhud fl-ewwel kawża li l-imputat odjern kien l-istess wieħed fis-sentenza esebita, jew għaliex il-konnotati tal-imputat fiż-żewġ kawżi ikunu identiċi – allura tkun saret il-prova tar-reċidiva skond il-liġi. Qatt ma ġie rikjest li ssir il-prova mir-Reġistratur tal-Qrati li dik is-sentenza tkun għaddiet in ġudikat. Illi meta jkun jidher mill-fedina penali – kif inhu l-każ hawn – li dik is-sentenza tkun saħansitra mdaħħla fil-fedina penali ta' l-akkużat, ikun hemm prova biżżejjed li l-każ ikun ġie konkjuż. Jekk l-akkużat irid jikkontesta dan, dejjem però għandu l-mezz li iġib prova kuntrarja fl-istadju opportun. Dan ma sarx f' dan il-każ u kien biss f' dan l-istadju t' appell li jidher li tqajjmet għall-ewwel darba din il-kwistjoni.*

**PIENA:**

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li tagħhom kull wieħed mill-imputati qed jinstab ħati u b'mod partikolari l-fatt li fil-każ ta' l-imputati William Kelly Harrison u Priviledge Mupimhidzi wieħed mir-reati imwettaq minnhom sar a dannu ta' persuna ta' 68 sena, iżda ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-imputati Deko Susanto u Ahmed Ali Salah Lawan għandhom fedina penali netta, il-fatt li l-imputat William Kelly Harrison ikkopera mal-Pulizija tant illi fil-każ ta' Emanuel Zammit u Dritan Zuberi parti mill-oġġetti misruqa ġew irkuprati u fil-każ ta' Bradley Debono l-oġġetti kollha misruqa ġew irkuprati, il-fatt li l-imputati William Kelly Harrison, Priviledge Mupimhidzi u Ahmed Ali Salah Lawan ammettew fl-istqarrijiet tagħhom l-involviment tagħhom fir-reati li tagħhom qed jinstabu ħatja, kif ukoll ħadet in konsiderazzjoni dak konkluż mill-Probation Officers fis-Social Inquiry Reports tagħhom, b'mod partikolari fir-rigward ta' l-imputati William Kelly Harrison. Ahmed Ali Salah Lawan u Priviledge Mupimhidzi in kwantu t-tlieta li huma jidher li għandhom bżonn għajnuna psikoloġika u anke ħadet in konsiderazzjoni l-provvedimenti ta' l-Artikolu 17(b)(h) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Probation Officer Svetlana Bezzina, illi ħejjiet Social Inquiry Report[117] fir-rigward ta' l-imputat William Kelly Harrison, għamlet is-segwenti rakkomandazjonijiet

[117] Dok. "SB" a fol. 543 sa' 577 tal-proċess.

għall-fini ta' pjan ta' kura: *fid-dawl tad-diffikultajiet emozzjonali li William Kelly Harrison jidher jesperjenza, fost l-oħrajn b'riżultat tat-trobbija li huwa kellu u d-diffikultajiet li segwew tul ħajtu, jinħass il-bżonn li huwa jirċievi għajnuna psikoloġika. B'konsiderazzjoni lejn il-fatt li lura fil-komunità Harrison bosta drabi għex ħajja instabbli kkaratterizzata minn homelessness u anke użu tad-droga, jidher li l-probabbiltà li huwa jirċievi għajnuna psikoloġika fit-tul tkun ħafna akbar kemm-il darba huwa jinqa' miżmum f'ambjent ristrett. Barra minn hekk, fid-dawl tal-problemi soċjali li l-imputat jirriżulta li kellu qabel ma beda jinżamm taħt arrest, ikun ta' ġid għall-imsemmi li jibqa' jirċievi assistenza soċjali waqt li jinsab fl-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi u li r-rintegrazzjoni tiegħu fil-komunità tkun waħda gradwali u ssapportjata minn professjonisti.*

Il-Probation Officer Maria Mifsud, illi ħejjiet Social Inquiry Report[118] fir-rigward ta' l-imputat Ahmed Ali Salah Lawan, għamlet is-segwenti rakkomandazzjonijiet għall-fini ta' pjan ta' kura: *Tiġi assessjata sew l-aspett ta' droga jew vizzji oħra minħabba li dan l-aspett ma kienx ċar waqt il-kumpilazzjoni ta' dan ir-rapport; Sabiex jingħata għajnuna psikoloġika sabiex jaħdem fuq diversi issues li huwa għandu li jirrigwardaw il-mewt ta' missieru; Ir-relazzjoni tiegħu mal-familja tiegħu kif ukoll fuq diversi trawmi li ġie espost għalihom meta kien qiegħed jgħidx ġewwa l-Lobka. L-għajnuna psikoloġika għandha tgħinu sabiex jaħdem fuq l-aspett emozzjonali sabiex jitgħallem jesprimi u jirregola l-emozzjonijiet tiegħu; Sabiex jingħata għajnuna soċjali sabiex jaħdem fuq il-ħtiġijiet bażiċi ċioè impjieg u residenza fissa.*

Il-Probation Officer Ivan Sultana, illi ħejja Social Inquiry Report[119] fir-rigward ta' l-imputat Priviledge Mupimhidzi, għamel is-segwenti rakkomandazzjonijiet għall-fini ta' pjan ta' kura: *l-aspett ta' rabja u ribelljoni kienu u għadhom kaġun tal-problemi kemm passati, preżenti kif ukoll bi predispożizzjoni għall-futur. Jirriżulta li minkejja li kien hemm impenn ta' terapija fil-passat sabiex dawn ikunu ndirizzati, huwa xorta baqa' jagħżel deċiżjonijiet kaotiċi u negattivi. B'mod evidenti ta' dan hemm bżonn ta' aktar impenn u sapport kontinwu minn professjonisti. Minħabba li jidher li dawn id-diffikultajiet għadhom eżistenti, b'kosnegwenza ta' dan meta ċertu problemi jaqbżu l-limitu fil-kapaċità ta' kontroll dan jiġi manifestat permezz ta' rabja u ribelljoni fejn jitlef il-kontroll ta' azzjonitu. Pjan ta' kura mill-aspett psikoloġiku huwa essenzjali sabiex jindirizza l-bżonnijiet psikoloġiċi kif ukoll li jindirizza u jieħu deċiżjonijiet għaqlin fil-ħajja personali tiegħu. Dan għandu jkun permezz ta' terapija fuq l-aspetti msemmijin fi struttura kkontrollata u sussegwentement superviżjoni meta huwa jkun lura fis-soċjetà.*

**Decide:**

Għal dawn ir-raġunijiet:

1. Fir-rigward ta' l-imputat **William Kelly Harrison**, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni, ir-raba', il-ħames, it-tmien u d-disa' imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu u ta' l-imputati Priviledge Mupimhidzi u Ahmed Ali Salah Lawan u tastjeni wkoll milli tieħu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu flimkien ma' l-imputati

[118] Dok. "MM" a fol. 583 sa' 622 tal-proċess.
[119] Dok. "IS" a fol. 646 sa' 687 tal-proċess.

Priviledge Mupimhidzi u Deko Susanto, filwaqt ukoll li ma ssibux ħati tas-seba' imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu flimkien ma' l-imputati Priviledge Mupimhidzi u Ahmed Ali Salah Lawan u lanqas ma' ssibu ħati ta' l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u ta' l-imputat Priviledge Mupimhidzi fir-rigward tar-reċidiva u b'hekk tilliberah minnhom, wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17(b), 20, 31, 45(ċ), 261(a)(ċ)(f), 262(1)(a)(b), 267, 270, 275, 276, 276A, 277(a) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, issibu ħati ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu flimkien ma' l-imputati Priviledge Mupimhidzi u Ahmed Ali Salah Lawan, limitatament però għar-reat ta' serq ikkwalifikat bil-vjolenza u bil-valur a detriment ta' persuna li għalqet is-sittin sena, ħati tat-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu flimkien ma' l-imputati Priviledge Mupimhidzi u Ahmed Ali Salah Lawan, limitatament però għar-reat ta' serq ikkwalifikat bil-vjolenza u bil-valur, ħati tas-sitt imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u ta' l-imputati Priviledge Mupimhidzi u Ahmed Ali Salah Lawan, limitatament però għar-reat ta' serq ikkwalifikat bil-vjolenza numerika u bil-ħin u ħati ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu flimkien ma' l-imputati Priviledge Mupimhidzi u Deko Susanto, limitatament però għar-reat ta' serq ikkwalifikat bil-vjolenza u bil-valur, u konsegwentement tikkundannah għall-perijodu ta' erba' (4) snin u erba' (4) xhur priġunerija effettiva.

Mit-terminu ta' priġunerija hawn impost fuq l-imputat William Kelly Harrison, għandu jitnaqqas iż-żmien li huwa għamel taħt arrest preventiv.

Peress illi mis-Social Inquiry Report imħejji mill-Probation Officer Sveltana Bezzina jirriżulta li l-imputat għandu bżonn għajnuna psikoloġika sabiex jindirizza l-effetti tat-trawmi li huwa subbixxa tul it-trobbija tiegħu, ai termini ta' l-Artikolu 412D tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta tqiegħed lill-imputat William Kelly Harrison taħt Ordni ta' Trattament għall-perijodu ta' tlett (3) snin dekoribbli mid-data tad-Digriet ta' Ordni ta' Trattament mogħti illum stess u taħt it-termini u kondizzjonijiet stipulati f'tali Digriet, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

Ai termini ta' l-Artikolu 412D(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat William Kelly Harrison bi kliem ċar u li jinftiehem illi jekk f'xi żmien matul il-perijodu operattiv ta' l-Ordni ta' Trattament huwa jonqos milli jikkonforma ruħu ma' xi rekwiżit jew kondizzjoni ta' l-istess Ordni, kemm-il darba dan jiġi ppruvat a sodisfazzjoni tal-Qorti huwa jista' jeħel ammenda ta' mhux iżjed minn €1,164.69.

2. Fir-rigward ta' l-imputat **Priviledge Mupimhidzi**, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni, ir-raba', il-ħames, it-tmien u d-disa' imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu u ta' l-imputati William Kelly Harrison u Ahmed Ali Salah Lawan u tastjeni wkoll milli tieħu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu flimkien ma' l-imputati William Kelly Harrison u Deko Susanto, wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17(b), 20, 31, 41(1)(a), 45(a), 49, 50, 214, 216(1)(b), 261(a)(ċ)(f), 262(1)(a)(b), 267, 270, 275, 276, 276A, 277(a) u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, issibu ħati ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu flimkien ma' l-imputati William Kelly Harrison u Ahmed Ali Salah Lawan, limitatament però għar-reat ta' serq

ikkwalifikat bil-vjolenza u bil-valur a detriment ta' persuna li għalqet is-sittin sena, ħati tat-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu flimkien ma' l-imputati William Kelly Harrison u Ahmed Ali Salah Lawan, limitatament però għar-reat ta' serq ikkwalifikat bil-vjolenza u bil-valur, ħati tas-sitt imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u ta' l-imputati William Kelly Harrison u Ahmed Ali Salah Lawan, limitatament però għar-reat ta' serq ikkwalifikat bil-vjolenza numerika u bil-ħin, ħati tas-seba' imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u ta' l-imputati William Kelly Harrison u Ahmed Ali Salah Lawan limitatament però għar-reat ta' attentat ta' serq ikkwalifikat bil-vjolenza, ħati ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu flimkien ma' l-imputati William Kelly Harrison u Deko Susanto, limitatament però għar-reat ta' serq ikkwalifikat bil-vjolenza u bil-valur, ħati taż-żewġ imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu waħdu, minghajr però l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 222A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta għar-raġunijiet mogħtija fil-konsiderazzjonijiet ta' din is-sentenza u ħati ta' l-imputazzjoni tar-reċidiva u konsegwentement tikkundannah għall-perijodu ta' erba' (4) snin u sitt (6) xhur priġunerija effettiva.

Mit-terminu ta' priġunerija hawn impost fuq l-imputat Priviledge Mupimhidzi, għandu jitnaqqas iż-żmien li huwa għamel taħt arrest preventiv.

Peress illi mis-Social Inquiry Report imħejji mill-Probation Officer Ivan Sultana jirriżulta li l-imputat għandu bżonn għajnuna psikoloġika sabiex jindirizza diversi problemi li huwa għandu, ai termini ta' l-Artikolu 412D tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta tqiegħed lill-imputat Priviledge Mupimhidzi taħt Ordni ta' Trattament għall-perijodu ta' tlett (3) snin dekoribbli mid-data tad-Digriet ta' Ordni ta' Trattament mogħti llum stess u taħt it-termini u kondizzjonijiet stipulati f'tali Digriet, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

Ai termini ta' l-Artikolu 412D(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat Priviledge Mupimhidzi bi kliem ċar u li jinftiehem illi jekk f'xi żmien matul il-perijodu operattiv ta' l-Ordni ta' Trattament huwa jonqos milli jikkonforma ruħu ma' xi rekwiit jew kondizzjoni ta' l-istess Ordni, kemm-il darba dan jiġi ppruvat a sodisfazzjoni tal-Qorti huwa jista' jeħel ammenda ta' mhux iżjed minn €1,164.69.

3. Fir-rigward ta' l-imputat **Ahmed Ali Salah Lawan**, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni, ir-raba', il-ħames, it-tmien u d-disa' imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu u ta' l-imputati William Kelly Harrison u Priviledge Muphimidzi u filwaqt li ma ssibux ħati ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu flimkien ma' l-imputati William Kelly Harrison u Priviledge Mupimhidzi u b'hekk tilliberah minnha, wara li rat u ikkunsidrat l-Artikoli 17(b), 20, 31, 41(1)(a), 45(ċ), 261(a)(ċ)(f), 262(1)(a)(b), 267, 270, 275, 276 u 277(a) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, issibu ħati tat-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu flimkien ma' l-imputati William Kelly Harrison u Priviledge Mupimhidzi, limitatament però għar-reat ta' serq ikkwalifikat bil-vjolenza u bil-valur, ħati tas-sitt imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u ta' l-imputati William Kelly Harrison u Priviledge Mupimhidzi, limitatament però għar-reat ta' serq ikkwalifikat bil-vjolenza

numerika u bil-ħin, ħati tas-seba' imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u ta' l-imputati William Kelly Harrison u Priviledge Mupimhidzi limitatament però għar-reat ta' attentat ta' serq ikkwalifikat bil-vjolenza u konsegwentement tikkundannah għall-perijodu ta' sentejn (2) u tmien (8) xhur xahar priġunerija effettiva.

Mit-terminu ta' priġunerija hawn impost fuq l-imputat Ahmed Ali Salah Lawan, għandu jitnaqqas iż-żmien li huwa għamel taħt arrest preventiv.

Peress illi mis-Social Inquiry Report imħejji mill-Probation Officer Maria Mifsud jirriżulta li l-imputat għandu bżonn għajnuna psikoloġika sabiex jindirizza diversi problemi li huwa għandu, ai termini ta' l-Artikolu 412D tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta tqiegħed lill-imputat Ahmed Ali Salah Lawan taħt Ordni ta' Trattament għall-perijodu ta' tlett (3) snin dekoribbli mid-data tad-Digriet ta' Ordni ta' Trattament mogħti llum stess u taħt it-termini u kondizzjonijiet stipulati f'tali Digriet, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

Ai termini ta' l-Artikolu 412D(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat Ahmed Ali Salah Lawan bi kliem ċar u li jinftiehem illi jekk f'xi żmien matul il-perijodu operattiv ta' l-Ordni ta' Trattament huwa jonqos milli jikkonforma ruħu ma' xi rekwiit jew kondizzjoni ta' l-istess Ordni, kemm-il darba dan jiġi ppruvat a sodisfazzjoni tal-Qorti huwa jista' jeħel ammenda ta' mhux iżjed minn €1,164.69.

Ai termini ta' l-Artikolu 543AD tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-imputat Ahmed Ali Salah Lawan iddikjara li ma jehtiegx traduzzjoni tas-sentenza f'lingwa li huwa jifhem.

4. Fir-rigward ta' l-imputat **Deko Susanto**, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u ta' l-imputati William Kelly Harrison u Priviledge Mupimhidzi, wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 20, 31, 45(ċ), 261(a)(ċ), 262(1)(a)(b), 267, 276 u 277(a) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, issibu ħati ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu flimkien ma' l-imputati William Kelly Harrison u Priviledge Mupimhidzi limitatament però għar-reat ta' serq ikkwalifikat bil-vjolenza u bil-valur u konsegwentement tikkundannah għall-perijodu ta' tmintax-il (18) xahar priġunerija effettiva.

   Mit-terminu ta' priġunerija hawn impost fuq l-imputat Deko Susanto, għandu jitnaqqas iż-żmien li huwa għamel taħt arrest preventiv.

   Ai termini ta' l-Artikolu 543AD tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-imputat Deko Susanto iddikjara li jehtieg traduzzjoni tas-sentenza bl-Ingliz.

Ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti tikkundanna:

Lill-imputati William Kelly Harrison u Priviledge Mupimhidzi jħallsu in kwantu għal nofs (1/2) kull wieħed tas-somma ta' €289 rappreżentati l-ispejjeż realttivi għan-

nomina ta' l-Espert Mediku Dr. Mario Scerri relattivament għall-ġrieħi sofferti minn Emanuel Zammit;

L-imputati William Kelly Harrison, Priviledge Mupimhidzi u Deko Susanto in kwantu għal terz (1/3) kull wieħed tas-somma ta' €278.50 rappreżentanti l-ispejjeż relattivi għan-nomina ta' l-Espert Mediku Dr. Mario Scerri relattivament għall-ġrieħi sofferti minn Dritan Zuberi;

Lill-imputati William Kelly Harrison, Priviledge Mupimhidzi, Ahmed Ali Salah Lawan u Deko Susanto in kwantu għal kwart (1/4) kull wieħed tas-somma ta' €829.19 rappreżentati l-ispejjeż relattivi għan-nomina ta' l-Espert Tekniku Dr. Steven Farrugia Sacco.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**